ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 346

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

27 ta' Novembru 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 346/01 Rata tal-kambju tal-euro ... 1

2013/C 346/02 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2013 li tidentifika l-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ... 2

2013/C 346/03 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2013 dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqishom li possibilment ikunu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ... 26

MT

**Prezz:**
**EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 346/04 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7089 – Ackermans & Van Haaren/Aannemingsmaatschappij CFE) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) .......... 50

2013/C 346/05 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7070 – Gestamp Eolica/Banco Santander/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) .......... 52

2013/C 346/06 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6962 – Renova Industries/Schmolz + Bickenbach) (1) .......... 53

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## Is-26 ta' Novembru 2013

(2013/C 346/01)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3547 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4861 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 137,34 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4258 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4585 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,5022 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83830 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6528 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8942 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6965 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2312 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 437,19 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,7028 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,2685 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,2530 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,6455 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,329 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 935,30 |
| HUF | Forint Ungeriż | 298,72 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,3625 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 59,271 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7030 | RUB | Rouble Russu | 44,6620 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1987 | THB | Baht Tajlandiż | 43,463 |
| RON | Leu Rumen | 4,4448 | BRL | Real Brażiljan | 3,1139 |
| TRY | Lira Turka | 2,7280 | MXN | Peso Messikan | 17,7212 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 84,6470 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Novembru 2013

## li tidentifika l-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

(2013/C 346/02)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-Regolament IUU) jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, proċeduri fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, it-tneħħija mil-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, il-pubbliċità tal-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx u kwalunkwe miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea tista' tidentifika pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra sajd IUU. Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, milli jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jelimina l-attivitajiet ta' sajd IUU.

(4) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-informazzjoni kollha kif stabbilit skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(5) B'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill jista' jistabbilixxi lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(6) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera huma mitluba biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-arranġamenti tagħhom għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom josservaw il-bastimenti tas-sajd tagħhom.

(7) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera fuq livell amministrattiv ma' pajjiżi terzi fl-oqsma relatati mal-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(8) B'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat tmien pajjiżi terzi li l-Kummissjoni kkunsidrat bħala possibbli li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

(9) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni inkludiet l-informazzjoni rigward il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali sottostanti għal tali identifikazzjoni preliminari.

(10) Dejjem fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat tmien pajjiżi terzi permezz ta' ittri separati dwar il-fatt li kienet qiegħda tikkunsidra l-possibbiltà li tidentifikahom bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Id-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ġiet mehmuża ma' dawk l-ittri.

(11) F'dawn l-ittri, il-Kummissjoni enfasizzat li sabiex jevitaw li jiġu identifikati u proposti għal elenkar formali bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif previst fl-Artikoli 31 u 33 rispettivament tar-Regolament IUU, il-pajjiżi terzi kkonċernati, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, kienu mistiedna jistabbilixu u jimplimentaw, pjan ta' azzjoni li jirrettifika n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Implimentazzjoni fil-ħin u effettiva tal-pjan ta' azzjoni mill-pajjiżi kkonċernati setgħet għenithom jevitaw milli jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u milli jiġu proposti għall-elenkar finali.

(12) Konsegwentement, il-Kummissjoni stiednet lit-tmien pajjiżi terzi kkonċernati: (1) biex jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni ssuġġeriti mill-Kummissjoni; (2) biex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni ssuġġeriti mill-Kummissjoni; (3) biex kull sitt xhur jibagħtu rapporti ddettaljati lill-Kummissjoni li jivvalutaw l-implimentazzjoni ta' kull azzjoni fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-effettività individwali u/jew kumplessiva tagħhom sabiex jiżguraw sistema ta' kontroll tas-sajd li tikkonforma b'mod sħiħ.

(13) It-tmien pajjiżi terzi kkonċernati ngħataw l-opportunità li jwieġbu bil-miktub dwar kwistjonijiet indikati espliċitament fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra, li tippermittilhom li jissottomettu evidenza sabiex jikkonfutaw jew ilestu l-fatti invokati

[1] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 jew li jadottaw, kif xieraq, pjan ta' azzjoni sabiex titjieb is-sitwazzjoni u miżuri li jittieħdu sabiex jirrettifikawha. It-tmien pajjiżi ġew iggarantiti d-dritt tagħhom li jitolbu informazzjoni addizzjonali jew li jipprovduha.

(14) Għalhekk, permezz tad-Deċiżjoni tagħha u l-ittri tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni fetħet proċess ta' djalogu ma' tmien pajjiżi terzi u enfasizzat li fil-prinċipju kkunsidrat perjodu ta' 6 xhur bħala suffiċjenti sabiex tissolva din is-sitwazzjoni.

(15) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li hija kienet tqis neċessarja. Il-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mit-tmien pajjiżi wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, ġew ikkunsidrati u meqjusa. It-tmien pajjiżi nżammu infurmati verbalment jew bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(16) Kif spjegat f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, il-Beliże, ir-Renju tal-Kambodja u r-Repubblika tal-Ginea naqsu milli jikkonfutaw il-fatti invokati mill-Kummissjoni jew li jindirizzawhom fi pjan ta' azzjoni.

(17) Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika lill-Beliże, lir-Renju tal-Kambodja u r-Repubblika tal-Ginea bħala pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU u hija r-riżultat ta' investigazzjoni u proċess ta' djalogu li saru b'konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament IUU, li fost l-oħrajn jirreferi għad-dmirijiet li Stati terzi għandhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU.

(18) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika lill-Beliże, lir-Renju tal-Kambodja u lir-Repubblika tal-Ginea bħala pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurat u mhux irregolat tinkludi, fejn xieraq, il-konsegwenzi ddikjarati fl-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament IUU.

## 2. PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAL-BELIŻE

(19) Fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Beliże bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU li hija kienet qiegħda tikkunsidra l-possibbiltà li tidentifika lill-Beliże bħala pajjiż terz li ma jikkooperax ([2]).

(20) Il-Kummissjoni stiednet lill-Beliże biex b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tagħha, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni għar-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(21) Il-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit, identifikat diversi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari marbuta mal-adozzjoni ta' qafas ġuridiku xieraq, nuqqas ta' skema xierqa u effiċjenti għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-ispezzjonijiet, nuqqas ta' sistema deterrenti ta' sanzjonar, u ta' implimentazzjoni xierqa tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qabdiet. In-nuqqasijiet identifikati huma relatati, b'mod aktar ġenerali mal-konformità mal-obbligi internazzjonali inklużi r-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti skont il-liġi internazzjonali. Ġew identifikati wkoll nuqqasijiet ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet ta' korpi rilevanti bħall-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali kontra s-sajd illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat tan-Nazzjonijiet Uniti (IPOA-UN). Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti kien ikkunsidrat biss bħala evidenza ta' appoġġ u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

(22) Fl-20 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet tal-Beliże fi Brussell sabiex tikkjarifika l-istat tas-sitwazzjoni u l-passi futuri wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(23) Il-Beliże, permezz tas-sottomissjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2012, aċċetta li jibda diskussjonijiet mal-Kummissjoni u esprima x-xewqa tiegħu li jilħaq ftehim reċiproku dwar pjan direzzjonali.

(24) Il-Beliże ssottometta rappreżentazzjonijiet bil-miktub fit-28 ta' Diċembru 2012, fid-29 ta' Jannar 2013 u fit-13 ta' Frar 2013.

(25) Permezz tal-ittra tal-24 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni talbet lill-Beliże biex jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-oqsma ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit.

(26) Fis-26 ta' Frar 2013, l-awtoritajiet tal-Beliże issottomettew id-dokumenti li ġejjin: (1) ittra ta' akkumpanjament u ittra ta' spjegazzjoni; (2) aġġornament dwar il-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-Beliże; (3) informazzjoni aġġornata dwar oqsma ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit; (4) abbozz ta' skeda ta' spezzjonijiet fil-portijiet ta' sajd li jsir fl-ibħra internazzjonali; (5) lista ta' ksur u ta' sanzjonijiet fl-2011 u l-2012; (6) dejta statistika dwar iċ-ċertifikati tal-qabdiet; (7) lista ta' bastimenti liċenzjati li joperaw fl-Ibħra Internazzjonali; (8) lista ta' bastimenti awtorizzati li joperaw fiż-żoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC), tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) kif ukoll fiż-żoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC); (9) lista ta' bastimenti oħra awtorizzati li joperaw taħt il-bandiera tal-Beliże.

(27) Fil-5 ta' Marzu 2013 saru konsultazzjonijiet tekniċi bejn il-Kummissjoni u l-Beliże fi Brussell. Matul din il-laqgħa, l-awtoritajiet tal-Beliże issottomettew lill-Kummissjoni preżentazzjoni dwar il-miżuri adottati sabiex tiġi mmaniġġjata u kkontrollata l-Flotta tas-Sajd tiegħu fl-Ibħra Internazzjonali.

(28) Permezz tal-ittra tal-14 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Beliże bi stampa ddettaljata u aġġornata tan-nuqqasijiet li kien għad fadal wara l-konsultazzjonijiet tekniċi li saru fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2013, u stiednet lill-Beliże biex jeżamina l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni propost u biex jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni addizzjonali kollha li l-Beliże jqis rilevanti.

([2]) Ittra lill-Ministru tal-Agrikoltura u s-Sajd tal-Beliże tal-15.11.2012.

(29) Fit-30 ta' Mejju 2013, il-Beliże ssottometta rappreżentazzjoni addizzjonali bil-miktub inklużi d-dokumenti li ġejjin: (1) tabella dwar il-progress tal-Beliże b'konformità mal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit tal-Kummissjoni; (2) abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU (li jmur lura għall-2005); (3) abbozz ta' regolament ta' sanzjoni fl-ibħra internazzjonali; (4) stampa ġenerali tal-programm nazzjonali ta' osservatur; (5) lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże (mill-20 ta' Mejju 2013); (6) rapport dwar workshop ta' taħriġ dwar il-ġbir ta' dejta bijoloġika għal speċijiet li jixbħu t-tonn; (7) il-fatturi ewlenin tas-sistema ġdida tal-monitoraġġ tal-bastimenti u tas-sistema "e-log".

(30) Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Beliże staqsa dwar l-istatus tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni wieġbet lill-Beliże permezz ta' ittra tal-5 ta' Awwissu 2013.

(31) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa. Il-kummenti orali u bil-miktub ippreżentati mill-Beliże wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, ġew ikkunsidrati u meqjusa filwaqt li l-Beliże nżamm infurmat, oralment jew bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(32) Fid-dawl tal-elementi miġbura, kif jidher fit-Taqsima 3 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni temmen li l-oqsma ta' tħassib u nuqqasijiet kif deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma ġewx indirizzati biżżejjed mill-Beliże. Barra minn hekk, il-miżuri ssuġġeriti fil-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja d-Deċiżjoni, lanqas ma ġew implimentati b'mod sħiħ.

## 3. **IDENTIFIKAZZJONI TAL-BELIŻE BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX**

(33) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni permezz ta' dan tanalizza l-konformità tal-Beliże mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, b'konformità mas-sejbiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u mal-informazzjoni rilevanti pprovduta fihom mill-Beliże, mal-pjan ta' azzjoni propost kif ukoll mal-miżuri li ttieħdu sabiex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkunsidrat il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. **Rikorrenza ta' bastimenti IUU u flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU)**

(34) Kif enfasizzat fil-premessa (20) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni miġbura minn diversi listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs, stabbilixxiet li għadd ta' bastimenti IUU f'dawn il-listi tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi fil-listi ta' bastimenti IUU tal-RFMO [3]. Dawn il-bastimenti mill-15 ta' Novembru 2012 kienu: Goidau Ruey Nru 1, Orca, Reymar 6, Sunny Jane, Tching Ye Nru 6 kif ukoll Wen Teng Nru 688.

(35) Il-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni miġbura minn diversi listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs stabbilixxiet li bħalissa tmien bastimenti IUU f'dawn il-listi tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-RFMO [4]. Dawn il-bastimenti huma: Amorinn, Chia Hao Nru 66, Orca, Ray, Reymar 6, Tchaw, Tching Ye Nru 6 kif ukoll Wen Teng Nru 688. Il-bastimenti Amorrin, Ray, Tchaw huma elenkati fil-lista tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR) u tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO), il-bastimenti Orca, Reymar 6, Tching Ye Nru 6 kif ukoll Wen Teng Nru 688 fl-IATTC filwaqt li l-bastiment Chia Hao Nru 66 huwa elenkat kemm fl-IATTC kif ukoll fl-ICCAT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet li skont il-lista tal-bastimenti IUU tas-SEAFO, il-bastiment Ray qiegħed itajjar il-bandiera tal-Beliże.

(36) Kif enfasizzat fit-Taqsima 3.1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-eżistenza ta' għadd ta' bastimenti IUU fil-lista IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, hija indikazzjoni ċara li l-Beliże naqas milli jaqdi r-responsabbiltajiet tiegħu ta' Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali.

(37) Barra minn hekk, mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-għadd ta' bastimenti li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-RFMOs żdied għal tmienja. Għaldaqstant, il-Beliże naqas milli jeżerċita r-responsabbiltajiet tiegħu b'mod effettiv u li jikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-RFMOs li jenfasizzaw in-nuqqas tal-Beliże li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 94(2)(b) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu. Juri wkoll in-nuqqas tal-Beliże li jiżgura li bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tiegħu ma jkunux involuti f'sajd IUU u lanqas jappoġġjawh, li mhuwiex konformi mar-rakkomandazzjoni tal-punt 34 tal-IPOA IUU li jistipula li l-Istati għandhom jiżguraw li bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom ma jkunux involuti f'sajd IUU u lanqas jappoġġjawh.

(38) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18(1) u (2) tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti

[3] Ara l-Parti B tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi l-lista tal-UE ta' bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (ĠU L 194, 26.7.2011, p.15).

[4] Ara l-Parti B tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 672/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-lista tal-UE ta' bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (ĠU L 193, 16.7.2013, p. 15).

dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 rigward il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (UNFSA), l-Istat tal-bandiera huwa responsabbli vis-à-vis il-bastimenti tiegħu li joperaw fl-ibħra internazzjonali. Qiegħed jiġi mfakkar li l-UNFSA tirregola kwistjonijiet relatati mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut transżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna. Kif enfasizzat fil-premessa (35) ta' din id-deċiżjoni, ħames bastimenti IUU huma elenkati fil-lista IUU tal-RFMOs li jimmaniġġjaw tali tip ta' stokkijiet ta' ħut. Il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza ta' ħames bastimenti IUU fil-lista IUU tal-IATTC u tal-ICCAT, li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi hija indikazzjoni ċara li l-Beliże naqas milli jaqdi r-responsabbiltajiet tiegħu bħala Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' ħames bastimenti IUU fil-lista IUU tal-IATTC, tal-ICCAT u tal-RFMOs, li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, tenfasizza wkoll in-nuqqas tal-Beliże li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 19(1) u (2) tal-UNFSA. Din is-sitwazzjoni tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-UNFSA li jistabbilixxu l-obbligi tal-Istati li jinvestigaw, jikkooperaw ma' xulxin u li jissanzjonaw attivitajiet ta' bastimenti IUU minħabba li l-Beliże naqas milli jissodisfa għal dawn il-ħames bastimenti IUU l-obbligi tiegħu skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-infurzar internazzjonali.

(39) Għaldaqstant, l-eżistenza ta' tmien bastimenti IUU fil-listi IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, tenfasizza n-nuqqas tal-Beliże li jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' Stat tal-bandiera. Tabilħaqq, bastimenti tas-sajd IUU rikonoxxuti jxekklu l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin. B'dan il-mod, il-Beliże ma jaġixxix b'konformità mal-Artikolu 118 tal-UNCLOS, li jistipula li l-Istati jikkooperaw ma' xulxin fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin fiż-żoni tal-ibħra internazzjonali.

(40) In-nuqqas tal-Beliże li jissodisfa l-konformità u l-infurzar tal-obbligi tiegħu jikser ukoll l-Artikolu III (8) tal-Ftehim ta' Osservanza tal-FAO li jgħid li kull parti għandha tieħu miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd li huma intitolati li jtajru l-bandiera tagħha li jiksru d-dispożizzjoni tal-Ftehim ta' Osservanza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (Ftehim ta' Osservanza tal-FAO), inkluż fejn xieraq, li l-kontravenzjoni ta' tali dispożizzjonijiet issir reat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Is-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward ta' tali kontravenzjonijiet għandhom ikunu serji biżżejjed tant li jkunu effettivi fl-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Osservanza tal-FAO u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom.

(41) Fl-isfond ta' sajd IUU vverifikat kif imsemmi hawn fuq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże, kif spjegat fil-premessi (22) u (23) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ma żgurax sanzjonijiet xierqa li jiskoraġġixxu repetizzjonijiet tal-ksur u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Il-Beliże kien nieqes ukoll minn sistema amministrattiva xierqa għall-investigazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-bastimenti tiegħu. Dan in-nuqqas ta' miżuri xierqa ma ġiex indirizzat fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(42) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ssottometta dokumentazzjoni kif imsemmi fil-premessi (26) u (29) ta' din id-Deċiżjoni.

(43) Il-Kummissjoni sabet li l-Beliże ma setax jieħu miżuri xierqa b'mod effettiv fir-rigward tas-sajd IUU rikorrenti minħabba nuqqasijiet fil-qafas ġuridiku tiegħu. Għaldaqstant, fil-pjan ta' azzjoni, hija ssuġġeriet li ssir reviżjoni tal-qafas ġuridiku bl-għan li tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin fl-Ibħra Internazzjonali. Madankollu, l-abbozz ta' Liġi dwar ir-Riżorsi Akkwatiċi Ħajjin ippreżentat mill-Beliże, la ġie adottat u lanqas biss ġie ppreżentat lill-Kamra tar-Rappreżentanti. L-abbozz b'mod partikolari jinkludi dispożizzjonijiet dwar: il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd, rekwiżiti u kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenzji; attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (EEZ) tal-Beliże u lil hinn minnha, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza; ir-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd, kif ukoll dispożizzjonijiet ġenerali dwar sanzjonijiet. Madankollu, l-abbozz ta' Liġi dwar Riżorsi Akkwatiċi Ħajjin huwa biss att ġenerali u sabiex ikun operattiv għal kollox, fil-Parti XXI tiegħu jipprevedi li jaf ikunu meħtieġa diversi regolamenti sabiex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għall-amministrazzjoni xierqa tiegħu. Huwa jistipula li tali regolamenti jistgħu jkunu meħtieġa b'mod partikolari għall-oqsma li ġejjin: il-ħruġ ta' liċenzji u r-regolamentazzjoni tas-sajd; il-kundizzjonijiet jew iċ-ċirkustanzi dwar kiri ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Beliże; l-installazzjoni u l-użu ta' unitajiet mobbli ta' riċetrażmissjoni fuq bastiment individwali jew fuq kategorija ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd skont dan l-Att; il-ħatra, iż-żamma u l-proċeduri għall-aġenti maħtura sabiex jirċievu u jirrispondu għall-proċess skont dan l-Att; it-twaqqif ta' rekwiżiti sabiex jiġu pprovduti dettalji tas-sjieda benefiċjali ta' bastimenti għall-qbid, it-tagħbija, il-ħatt, l-immaniġġjar, it-trażbord, it-trasportazzjoni, il-pussess u r-rimi ta' ħut; il-preskrizzjoni ta' reati kontra r-regolamenti u l-penali għal tali reati. Mill-elementi msemmija hawn fuq, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-awtoritajiet tal-Beliże ssottomettew biss l-abbozz ta' Regolament ta' Sanzjonar fl-Ibħra Internazzjonali. L-abbozz ta' Liġi pertinenti dwar Riżorsi Akkwatiċi Ħajjin ilu jitħejja mill-2011 mingħajr ma minn dakinhar kien hemm ebda żvilupp konkret ulterjuri. L-abbozz għadu ma ġiex adottat u għaldaqstant mhuwiex legalment vinkolanti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Beliże ma pprovdewx skeda konkreta tal-approvazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan l-abbozz. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(44) L-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Beliże biex jiġġieled l-IUU jmur lura għall-2005 u għadu ma ġiex adottat. Dan mhuwiex konformi mal-punti 25, 26 u 27 tal-IPOA IUU li jitlob lill-Istati biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra sajd IUU. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(45) Għaldaqstant, il-Kummissjoni sabet li, minbarra r-rikorrenzi tas-sajd IUU minn bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, il-Beliże mhux qiegħed jinforza sistema deterrenti ta' sanzjonar. Il-leġiżlazzjoni vinkolanti attwali ([5]) tipprevedi s-sanzjonijiet li ġejjin: twissija bil-miktub, multa, kanċellazzjoni tal-istatus u/jew dokument u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' awtorità. Il-livell tal-multa massima (USD 50 000) mhux ta' deterrent biżżejjed u għaldaqstant mhux konformi mal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA li fost l-oħrajn, jistipula li s-sanzjonijiet għandhom ikunu xierqa fis-severità u għandhom iċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom.

(46) Kif deskritt fil-premessa (43) ta' din id-Deċiżjoni, il-Beliże ippreżenta abbozz ġdid ta' Regolament ta' Sanzjonar fl-Ibħra Internazzjonali. Peress li dan l-abbozz huwa leġiżlazzjoni sussidjarja għall-abbozz ta' Liġi dwar Riżorsi Akkwatiċi Ħajjin, mhux sejjer jidħol fis-seħħ qabel l-adozzjoni ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, l-abbozz ta' Regolament dwar Sanzjonar fl-Ibħra Internazzjonali jipprevedi sanzjonijiet amministrattivi biss. L-għan tiegħu huwa li jipprevedi l-impożizzjoni ta' multi, madankollu ma jirregolax b'mod ċar l-ammont ta' dawn il-multi. Il-proċedura ta' sanzjonar ma tipprevedix b'mod ċar skadenzi għat-twettiq tal-eżaminazzjoni tal-ksur allegat. Ma hemmx diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Beliże fl-implimentazzjoni tal-iskema tas-sanzjonar proposta. In-nuqqas ta' definizzjoni ċara dwar l-ammont tal-multi hija indikazzjoni li l-Beliże, jekk jiġi approvat l-abbozz, ma jkunx jista' jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-ammont tal-multi, jekk jiġi adottat l-abbozz, ma jikkonformax mar-rakkomandazzjonijiet tal-punt 21 tal-IPOA IUU li jitlob lill-Istati biex jiżguraw li s-sanzjonijiet għal sajd IUU permezz ta' bastimenti jkunu severi biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU u li jċaħħdu lil dawk li jkunu kisru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw minn tali sajd. Barra minn hekk, l-abbozz ta' Regolament dwar sanzjonar fl-Ibħra Internazzjonali ma joħloqx katalogu ta' sanzjonijiet għal attivitajiet IUU li jistgħu jitwettqu mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże fl-ibħra ta' pajjiżi terzi.

(47) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħa l-Beliże fid-dawl tal-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 94 u 118 tal-UNCLOS, l-Artikoli 18, 19 u 20 tal-UNFSA u l-Artikolu III(8) tal-Ftehim ta' Osservanza tal-FAO.

(48) Fl-isfond tal-premessi (21) sa (27) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) tar-Regolament IUU, li l-Beliże naqas milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-bastimenti IUU u tas-sajd IUU li jsir minn bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jew minn ċittadini tiegħu jew li jkun appoġġjat minnhom u ma ħax azzjoni suffiċjenti sabiex jiġġieled sajd IUU ddokumentat u rikorrenti minn bastimenti li qabel kienu jtajru l-bandiera tiegħu.

3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' infurzar (l-Artikolu 31(5) (b), (c) u (d) tar-Regolament IUU)**

(49) Kif deskritt fil-premessi (31) sa (36) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni analizzat jekk il-Beliże ħax miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward tal-operaturi responsabbli għas-sajd IUU u jekk ġewx applikati sanzjonijiet severi biżżejjed li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw minn sajd IUU.

(50) Kif deskritt fil-premessa (33) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ma żgurax li sanzjonijiet għal sajd IUU minn bastimenti u sal-ogħla limitu possibbli, minn ċittadini taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, huma severi biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv sajd IUU u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw minn tali sajd.

(51) Kif spjegat fil-premessi (45) u (46) ta' din id-Deċiżjoni, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ma stabbilixxiex sistema deterrenti ta' sanzjonar. Il-katalogu attwali ta' sanzjonijiet mhux konformi mal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA li jistipula, fost l-oħrajn, li s-sanzjonijiet għandhom ikunu ta' severità xierqa u jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom.

(52) Evidenza disponibbli xorta għadha tikkonferma li l-Beliże ma ssodisfax l-obbligi tiegħu skont il-liġi internazzjonali fir-rigward ta' miżuri ta' infurzar effettivi. F'dan ir-rigward, kif spjegat fil-premessi (35) sa (40) ta' din id-Deċiżjoni, tmien bastimenti IUU fil-listi IUU tal-RFMOs tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi. L-eżistenza ta' tali bastimenti IUU tenfasizza n-nuqqas tal-Beliże li jonora r-responsabbiltajiet tiegħu vis-à-vis l-bastimenti tiegħu li joperaw fl-ibħra internazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 18(1) u (2) tal-UNFSA.

(53) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (32) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-eżistenza ta' għadd ta' bastimenti IUU fil-listi IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, tikkostitwixxi evidenza ta' korroborazzjoni tan-nuqqas tal-Beliże li jeżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tiegħu

([5]) Registrazzjoni ta' Regolamenti Dixxiplinarji ta' Bastimenti Merkantili (RMSDR), 1999, http://www.immarbe.com/IMMARBELIB/S.I. Number-56-of-1999%20.pdf

fuq il-bastimenti tas-sajd tiegħu. Bħalissa, wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012, l-għadd ta’ bastimenti IUU fil-listi IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Beliże wara li ġew inklużi f’dawn il-listi żdied għal tmienja. Għaldaqstant, il-Beliże naqas milli juri li huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(54) Kif enfasizzat fil-premessa (35) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012, il-livell ta’ żvilupp tal-Beliże ma jistax jitqies bħala fattur li jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw ma’ pajjiżi oħra u jsegwu azzjonijiet ta’ infurzar. L-evalwazzjoni tal-limitazzjonijiet speċifiċi fuq l-iżvilupp hija deskritta aktar fil-premessi (70) sa (72) ta’ din id-Deċiżjoni.

(55) Fir-rigward tal-istorja, in-natura, iċ-ċirkustanzi, il-limitu u l-gravità tal-manifestazzjonijiet ta’ sajd IUU kkunsidrat, il-Kummissjoni qieset l-attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti u repetittivi ta’ bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże sal-2013. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll l-iżviluppi wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012.

(56) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħa l-Beliże fid-dawl tal-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed sabiex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 94(2)(b) tal-UNCLOS u l-Artikoli 18 u 19 tal-UNSFA.

(57) Fl-isfond tal-premessi (31) sa (36) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta’ Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5)(b), (c) u (d) tar-Regolament IUU, li l-Beliże naqas milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-isforzi għall-infurzar.

### 3.3. **Nuqqas ta’ implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(58) Kif deskritt fil-premessi (39) sa (63) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat kwalunkwe informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus tal-Beliże bħala Parti Kontraenti tal-IOTC u l-ICCAT u bħala non-Membru li Jikkoopera tad-WCPFC. Peress li l-Beliże kien non-Parti li tikkoopera tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) sal-aħħar tal-2011, il-Kummissjoni analizzat ukoll l-informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward ta’ dik l-RMFO. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet analiżi tal-informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus tal-Beliże bħala Parti Kontraenti tal-IOTC u l-ICCAT wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012.

(59) Ta’ min ifakkar li mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Novembru 2012, l-ICCAT ħarġet ittra ta’ Tħassib fl-2013 ([6]) lil Beliże. Is-Segretarjat tal-ICCAT esprima t-tħassib tiegħu dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: dwar il-ħtieġa ta’ investigazzjoni ulterjuri ta’ trażbord mhux irrappurtat u mhux awtorizzat possibbli ta’ speċijiet ICCAT ikkunsidrati bħala qabdiet inċidentali; dwar il-funzjonalità tas-sistema VMS ġdida stabbilita mill-Beliże; u dwar il-bżonn ta’ informazzjoni ulterjuri dwar l-immaniġġjar tal-kwota tal-Pixxispad tan-Nofsinhar. F’dan ir-rigward, is-Segretarjat tal-ICCAT enfasizza li sejjer jirrakkomanda azzjonijiet xierqa sabiex jiġu indirizzati defiċjenzi tad-dejta u n-nuqqas li tiġi sottomessa l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Rakkomandazzjonijiet ICCAT dwar dawn il-kwistjonijiet.

(60) Il-Kummissjoni analizzat ukoll informazzjoni disponibbli mill-ICCAT dwar il-konformità tal-Beliże mar-regoli ICCAT u mal-obbligi tar-rappurtar. Għal dan, il-Kummissjoni użat it-Tabelli Sommarju tal-Konformità mal-ICCAT għall-2012 ([7]). Skont l-informazzjoni disponibbli, il-Beliże ġie identifikat għan-nuqqasijiet rigward it-trażbord fuq il-baħar lil hinn mill-programm tal-osservatur tat-trażbord kif ukoll għal nuqqasijiet relatati ma’ trażmissjonijiet VMS. Barra minn hekk, il-Beliże għadu ma ffinalizzax il-pjan għat-titjib tal-ġbir tad-dejta għall-klieb il-baħar fuq livell speċifiku għall-ispeċijiet.

(61) Skont informazzjoni derivata mir-Rapport ta’ Konformità IOTC mill-2013 ([8]), il-Beliże, matul l-2012 kien għadu ma jikkonformax jew kien jikkonforma parzjalment biss fir-rigward ta’ diversi Riżoluzzjonijiet adottati mill-IOTC. B’mod partikolari, fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 12/13 għall-bastimenti tas-sajd bil-konz dwar miżuri ġuridiċi u amministrattivi għall-implimentazzjoni tal-għeluq taż-żona, il-Beliże ma pprovdiex informazzjoni dwar il-perjodu tal-għeluq 2012/2013. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 10/08 dwar il-lista ta’ bastimemti attivi, il-Beliże ma pprovdiex ir-rapport obbligatorju tal-bastimenti fiż-żona IOTC matul l-2012. Rigward ir-Riżoluzzjoni 07/02 dwar il-lista ta’ bastimenti awtorizzati li kumplessivament huma twal 24 metru jew itwal, il-Beliże kkonforma parzjalment, minħabba li xi informazzjoni obbligatorja bħall-port li qiegħed jopera, tip ta’ rkaptu tas-sajd u xi bastimenti b’awtorizzazzjoni invalida hija nieqsa. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 06/03 dwar l-adozzjoni ta’ Sistema ta’ Monitoraġġ ta’ Bastimenti (VMS), il-Beliże għadu ma pprovdiex ir-rapport VMS obbligatorju dwar il-progress u l-implimentazzjoni kif mitlub minn din ir-Riżoluzzjoni. Rigward ir-Riżoluzzjoni IOTC 10/02 dwar ir-rekwiżiti statistiċi obbligatorji, il-Beliże ma rrappurtax qabdiet nominali, qabdiet u sforz u dejta dwar id-daqs tal-frekwenza għall-istandard mitlub minn din ir-Riżoluzzjoni. Fir-rigward ir-Riżoluzzjoni IOTC 05/05 dwar is-sottomissjoni ta’ dejta rigward il-klieb il-baħar,

([6]) Ittra ICCAT, 11 ta’ Frar 2013, Ċirkolari ICCAT Nru 605, 11.2.2013.

([7]) ICCAT, Tabelli Sommarju tal-Konformità, Rapport ICCAT 2012-2013, Appendiċi 3 tal-ANNESS 10.

([8]) Rapport ta’ Konformità IOTC għall-Beliże, Sessjoni tal-Kumitat ta’ Konformità, 10, 2013, CoC10-CR02.

il-Beliże qiegħed jikkonforma parzjalment biss, minħabba li ma ġiet ipprovduta ebda dejta dwar id-daqs. Fir-rigward ir-Riżoluzzjoni 12/05 dwar it-trażbord fuq il-baħar, il-Beliże għadu ma pprovdiex ir-rapport obbligatorju. Fir-rigward ir-Riżoluzzjoni 11/04 dwar l-osservaturi, il-Beliże ma implimentax il-programm tal-osservatur kif mitlub minn din ir-Riżoluzzjoni. B'mod partikolari, il-Beliże ma stabbilixxiex l-iskema tal-osservatur għall-5 % obbligatorju fuq il-baħar għall-bastimenti itwal minn 24 metru u mhux qiegħed jikkonforma mal-obbligu ta' rappurtar tal-osservatur. Fir-rigward ir-Riżoluzzjoni IOTC 01/06 dwar il-programm ta' dokument statistiku, il-Beliże ma pprovdiex informazzjoni dwar istituzzjonijiet jew persunal awtorizzat li jivvalidaw dokumenti statistiċi tat-tonn Bigeye.

(62) Il-prestazzjoni tal-Beliże fir-rigward tal-obbligi ICCAT kif spjegat fil-premessi (59) u (60) ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll in-nuqqas tiegħu li jipprovdi lill-IOTC l-informazzjoni msemmija fil-premessa (61) ta' din id-Deċiżjoni, tindika n-nuqqas tal-Beliże li jissodisfa l-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera stabbiliti fl-UNCLOS u l-UNFSA. B'mod partikolari, in-nuqqas li tiġi pprovduta informazzjoni fil-ħin dwar l-istatistiċi, il-VMS, il-qabdiet u l-isforz, it-trażbord fuq il-baħar, u l-programm tal-osservaturi, ixekklu l-kapaċità tal-Beliże li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS li jistipulaw l-obbligi tal-Istat li jadotta miżuri għaċ-ċittadini rispettivi tiegħu għall-konservazzjoni ta' riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali u li jikkoopera fir-rigward ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali.

(63) Kif deskritt fil-premessa (46) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, ġew żvelati għadd ta' elementi matul il-missjoni fil-Beliże li saret f'Novembru 2010, b'mod partikolari fir-rigward ta' kapaċitajiet operazzjonali tal-VMS u l-programm ta' osservatur. Elementi oħra ta' tħassib, fir-rigward tal-iskema tal-ispezzjoni u s-superviżjoni tat-trażbord kienu enfasizzati fil-premessa (51) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 fl-okkażjoni tar-Rapport ta' Konformità IOTC għas-sena 2010. Fuq din il-linja, l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet tal-Beliże fir-rigward tal-ħolqien ta' skema affidabbli għall-ispezzjoni, ta' programm tal-osservatur, ta' rapporti tal-ħatt, tas-superviżjoni ta' trażbord u tal-monitoraġġ tal-iżbark ta' qabdiet, żvelat li l-awtoritajiet ma żgurawx kontroll u monitoraġġ effettiv u effiċjenti tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże skont l-obbligi internazzjonali. B'mod partikolari, il-Beliże ġie mistieden jiżviluppa u jimplimenta skema nazzjonali ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza, ġurnal ta' abbord u sistema ta' rappurtar ta' qabdiet, skema ta' dikjarazzjoni żbark, skema ta' spezzjoni u kontroll tal-iżbark, skema tal-port indikat u programm tal-osservatur. L-awtoritajiet tal-Beliże issottomettew informazzjoni dwar il-programm nazzjonali tal-osservatur u l-fatturi ewlenin tas-sistema l-ġdida tal-monitoraġġ tal-bastimenti u sistema e-log. Madankollu, dawn id-dokumenti jiddeskrivu biss stadju preparatorju tal-proċess u ma jinkludux skeda ddettaljata għad-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni xierqa. L-abbozz ta' skeda ta' spezzjoni tas-sajd fl-Ibħra Internazzjonali fil-portijiet ippreżentat mill-Beliże fil-5 ta' Marzu 2013 jinsab f'fażi preparatorja u jirrikjedi żvilupp ulterjuri estensiv qabel ma jagħmel xi impatt fil-prattika. Il-programm nazzjonali tal-osservatur għadu qiegħed jiġi żviluppat. L-iskema ta' spezzjoni attwali ma tiżgurax kopertura xierqa tal-flotta li ttajjar il-bandiera tal-Beliże li topera fl-Ibħra Internazzjonali minħabba mezzi mhux xierqa ta' spezzjoni. F'dan ir-rigward qiegħed jiġi mfakkar li l-Beliże għandu problemi serji fir-rappurtar ta' dejta lil diversi RFMOs li jxekkel il-kapaċità tal-pajjiż li jeżerċita l-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera.

(64) Kif deskritt fil-premessi (41) u (42), (51) u (52) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2012 u l-premessa (62) ta' din id-Deċiżjoni, il-Beliże naqas milli jissodisfa l-obbligi ta' reġistrar u rappurtar tiegħu. Wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ssottometta li l-kwistjoni tar-reġistrar ma kinitx ta' natura sostanzjali, mingħajr ma argumenta madankollu dwar l-eżistenza tas-sejbiet ta' konformità tal-RFMOs. F'dan ir-rigward huwa nnutat li hemm diskrepanzi bejn id-dokumentazzjoni uffiċjali tal-RFMOs u d-dikjarazzjonijiet tal-Beliże. B'mod partikolari, il-Kummissjoni sabet li s-sistema elettronika tal-Beliże għar-rappurtar ta' qabdiet għadha qiegħda tiġi żviluppata u tirrikjedi ttestjar ulterjuri. Tabilħaqq, l-informazzjoni pprovduta mill-Beliże ma żvelat ebda bidla fil-konformità ta' dan il-pajjiż mal-iskemi ta' konformità tal-RFMOs indikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Il-Beliże ma appoġġjax id-dikjarazzjonijiet tiegħu b'dokumentazzjoni rilevanti li tippermetti lill-Kummissjoni biex tiskarta r-rapporti ta' konformità eżistenti tal-RFMOs li kif diġà ntqal qabel f'din it-taqsima huma kritiċi ħafna fuq il-prestazzjoni tal-Beliże li jimplimenta r-regoli internazzjonali. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(65) Fir-rigward tas-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Bastimenti (VMS), kif deskritt fil-premessi (48), (52) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-premessa (63) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tfakkar diversi problemi enfasizzati minn diversi WCPFC, IOTC u ICCAT. Wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże ddikjara li kien fil-proċess li jaġġorna l-VMS tiegħu. Madankollu s-sistema ġdida ta' informazzjoni dwar il-ħut u s-sistema e-log għadhom qegħdin jiġu żviluppati biss u għadhom mhumiex operattivi. Barra minn hekk, il-Beliże ma għandux Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) operazzjonali. Rigward il-konformità mar-rekwiżiti VMS tal-RFMOs, hemm diskrepanzi bejn id-dokumentazzjoni uffiċjali tal-RFMOs u d-dikjarazzjonijiet tal-Beliże. Il-Beliże kkontesta s-sejbiet tal-RFMOs. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-Beliże ma żvelat ebda bidla fil-prestazzjoni ta' dan il-pajjiż skont l-iskema ta' konformità tal-RFMOs. Il-Beliże ma appoġġjax id-dikjarazzjoni tiegħu b'dokumentazzjoni rilevanti li tippermetti lill-Kummissjoni tiskarta r-rapporti ta' konformità eżistenti tal-RFMOs. Għalhekk, il-Beliże ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18(3)(g) tal-UNFSA fl-isfond tal-informazzjoni miġbura dwar il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tal-awtoritajiet tal-Beliże, b'mod partikolari dwar il-kapaċità operazzjonali u l-funzjonalità tiegħu.

(66) L-elementi msemmija fit-Taqsima 3.3 ta' din id-Deċiżjoni juru li l-prestazzjoni tal-Beliże qiegħda tikser ir-rekwiżiti tal-Artikolu 18(3) tal-UNFSA.

(67) Kif enfasizzat fil-premessa (63) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Beliże jżomm Reġistru Marittimu Merkantili Internazzjonali (IMMARBE) responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti li ma jiżgurax li bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Beliże għandhom rabta ġenwina mal-pajjiż. Il-Beliże ssottometta li qiegħed jeżerċita kontroll tal-flotta tas-sajd tiegħu irrispettivament mill-fatt li l-IMMARBE huwa mmaniġġjat minn entità privata. Minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġie żvelat li l-Gvern tal-Beliże, minn Ġunju 2013 [9], assuma kontroll tal-operat tal-IMMARBE. Għalkemm in-nazzjonalizzazzjoni tal-IMMARBE ilha li ġiet deċiża mill-Beliże mit-13 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ma rċeviet ebda sottomissjoni mill-Beliże li tipprovdi elementi addizzjonali li jippruvaw li teżisti rabta ġenwina bejn il-Beliże u l-vapuri rreġistrati taħt il-bandiera tiegħu. Din is-sitwazzjoni għadha mhix konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 91 tal-UNCLOS.

(68) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħa l-Beliże fid-dawl tal-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 91, 117, 118 tal-UNCLOS u l-Artikolu 18(3) tal-UNSFA.

(69) Fl-isfond tal-premessi (39) sa (63) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li l-Beliże naqas milli jaqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

(70) Qiegħed jiġi mfakkar li skont l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem [10], il-Beliże huwa meqjus bħala pajjiż medju fl-iżvilupp tal-bniedem (is-96 minn 186 pajjiż) u skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-Beliże huwa elenkat fil-kategorija ta' pajjiżi li għandhom dħul medju baxx.

(71) Kif deskritt fil-premessa (66) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma nstabet ebda evidenza ta' korroborazzjoni li tissuġġerixxi li nuqqas tal-Beliże li jaqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali huwa riżultat ta' nuqqas ta' żvilupp. Wara l-15 ta' Novembru 2012 ma ġiet ippreżentata ebda evidenza konkreta addizzjonali li tiżvela li n-nuqqasijiet identifikati huma konsegwenza ta' nuqqas ta' kapaċità u infrastruttura amministrattiva.

(72) Fl-isfond tal-premessi (65) u (66) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus ta' żvilupp u l-prestazzjoni kumplessiva tal-Beliże fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekkla minn dan il-livell ta' żvilupp.

## 4. PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAR-RENJU TAL-KAMBODJA

(73) Fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju tal-Kambodja (il-Kambodja) bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU li hija kkunsidrat il-possibbiltà li tidentifika lill-Kambodja bħala pajjiż terz li ma jikkooperax [11].

(74) Il-Kummissjoni stiednet lill-Kambodja biex tistabbilixxi b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tagħha, pjan ta' azzjoni li jirrettifika n-nuqqasijiet fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(75) Il-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit identifikat diversi nuqqasijiet għall-implimentazzjoni tal-obbligi tal-liġi internazzjonali, marbuta b'mod partikolari mal-adozzjoni ta' qafas ġuridiku xieraq, nuqqas ta' skema xierqa u effiċjenti ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni, nuqqas ta' sistema deterrenti ta' sanzjonar, u ta' implimentazzjoni xierqa tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet. In-nuqqasijiet identifikati huma relatati b'mod ġenerali mal-konformità mal-obbligi internazzjonali u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti skont il-liġi internazzjonali. Ġie identifikat ukoll nuqqas ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet minn korpi rilevanti bħall-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti kontra s-sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (IPOA-UN). Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti, kien ikkunsidrat biss bħala evidenza ta' appoġġ u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

(76) Fit-22 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet tal-Kambodja fi Brussell biex tikkjarifika s-sitwazzjoni preżenti u l-passi futuri wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(77) Il-Kambodja wieġbet għall-ittra tal-15 ta' Novembru 2012 b'ittra tas-7 ta' Frar 2013 li tinkludi lista ta' miżuri meħuda fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Il-Kambodja qalet li ffinalizzat Qafas ta' Ppjanar Strateġiku għas-Sajd 2010-2019, inkluż il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kambodja għal Sajd Responsabbli, dokument ewlieni għall-kontroll u l-iżvilupp tar-riżorsi marittimi tas-sajd u għall-eliminazzjoni tas-sajd illegali, il-Ġurnal ta' Abbord tal-Bastimenti tas-Sajd għal sajd marittimu u l-Proklamazzjoni dwar

[9] http://amandala.com.bz/news/gob-assumes-control-ibc-immarbe/
[10] Għal kwalunkwe referenza għall-Indiċi tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem ara (klassifikazzjoni ta' pajjiżi msemmija f'din id-Deċiżjoni aġġornata f'konformità mal-aħħar rapport disponibbli tan-NU): http://hdr.undp.org/en/media/HDR2013_EN_Summary.pdf
[11] Ittra lill-Ministru tal-Agrikoltura, il-Foresti u s-sajd tar-Renju tal-Kambodja tal-15.11.2012.

Rekwiżiti tekniċi tal-Immaniġġjar tal-Bastimenti tas-Sajd. Il-Kambodja qalet ukoll li saħħet u espandiet is-sistema ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u kkollaborat mal-Istati Membri tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali (RPOA) dwar l-implimentazzjoni ta' sajd RPOA-IUU. Fl-ittra tas-7 ta' Frar 2013, il-Kambodja qalet li kellha bżonn aktar żmien biex tissodisfa l-impenji tagħha minħabba l-iskarsezza ta' riżorsi umani u finanzjarji.

(78) Il-Kummissjoni għamlet diversi tentattivi biex tagħmel kuntatt mal-Kambodja sabiex tmexxi 'l quddiem id-diskussjonijiet dwar il-pjan ta' azzjoni ssuġġerit. Il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra fid-29 ta' April 2013 fejn fiha tfakkar fit-talba li għamlet il-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2012 u talbet għal dokumenti li jappoġġjaw azzjonijiet li diġà ħadet il-Kambodja.

(79) Fl-24 ta' Mejju 2013, ġiet organizzata vidjokonferenza mar-rappreżentanti tal-Kambodja. Matul il-vidjokonferenza, ir-rappreżentanti tal-Kambodja għamlu r-rappreżentazzjonijiet verbali li ġejjin: is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-bastimenti nbidlet fl-2003 meta r-reġistru nbidel minn entità privata bbażata f'Singapore għal entità privata bbażata fil-Korea. Il-Kambodja enfasizzat l-impenn tagħha li tirrispetta r-regolamenti internazzjonali u nazzjonali kollha. L-għodda użata mill-Kambodja biex tiġġieled is-sajd IUU sejra tkun id-dereġistrazzjoni ta' bastimenti li wieħed jassumi li kienu nvoluti fis-sajd IUU. Diversi bastimenti IUU kieku kienu jiġu dereġistrati. Barra minn hekk, jekk bastiment ikun fuq lista IUU, ma jistax jiġi rreġistrat fil-Kambodja. Il-Kambodja qalet li mill-2010 ma rreġistratx bastimenti tas-sajd ġodda.

(80) Matul il-vidjokonferenza tal-24 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni enfasizzat is-sejbiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, fakkret lill-awtoritajiet tal-Kambodja dwar l-urġenza li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet stabbiliti u li tissottometti dokumenti li jappoġġjaw ir-rappreżentazzjonijiet verbali jew bil-miktub li għamlet il-Kambodja u spjegat l-implikazzjonijiet possibbli fil-każ li ma jiġux indirizzati n-nuqqasijiet stabbiliti.

(81) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2013, il-Kambodja pprovdiet elementi addizzjonali dwar il-politiki attwali tagħha kontra s-sajd IUU u Pjan ta' Azzjoni kontra sajd IUU applikat mill-Ammistrazzjoni tagħha tal-Istat tal-Bandiera, ir-Reġistru Internazzjonali tal-Vapuri tal-Kambodja. Dawn kienu f'konformità mar-rappreżentazzjonijiet verbali li saru matul il-vidjokonferenza tal-24 ta' Mejju 2013. Il-Kambodja pprovdiet ukoll lista ta' bastimenti tas-sajd, bastimenti għall-ġarr tal-ħut/bastimenti bl-istiva mkessħa/bastimenti għall-ġarr ta' merkanzija mkessħa taħt il-bandiera tal-Kambodja minn Mejju 2013.

(82) Il-Kambodja ma pprovdietx indikazzjonijiet dwar meta l-politiki attwali kontra sajd IUU u l-impenji taħt il-Pjan ta' Azzjoni dwar sajd IUU se jiġu trasposti f'regoli ġuridiċi vinkolanti u se jiġu mmaterjalizzati u jiġu implimentati mill-awtoritajiet tal-Kambodja.

(83) Il-Kummissjoni ma rċevietx aktar informazzjoni ddettaljata dwar l-azzjonijiet li ħadet il-Kambodja sabiex tiġġieled is-sajd IUU.

(84) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa. Ġew ikkunsidrati u meqjusa l-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mill-Kambodja wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 filwaqt li l-Kambodja nżammet infurmata jew oralment jew bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(85) Fl-isfond tal-elementi miġbura, kif jidher mit-taqsima li jmiss, il-Kummissjoni temmen li l-oqsma ta' tħassib u nuqqasijiet kif deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma ġewx indirizzati mill-Kambodja. Barra minn hekk, il-miżuri ssuġġeriti fil-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja d-Deċiżjoni ma ġewx implimentati b'mod sħiħ lanqas.

## 5. IDENTIFIKAZZJONI TAL-KAMBODJA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(86) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tanalizza l-konformità tal-Kambodja mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq b'konformità mas-sejbiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u mal-pjan ta' azzjoni propost, kif elaborat b'mod ulterjuri mal-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Kambodja. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkunsidrat il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 5.1. Rikorrenza ta' bastimenti IUU u flussi ta' kummerċ IUU (l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU)

(87) Kif enfasizzat fil-premessi (75) u (76) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni misluta mill-RFMOs u mix-xogħol tagħha stess stabbilixxiet li ntlemħu għadd ta' bastimenti jistadu illegalment filwaqt li kienu qegħdin itajru l-bandiera tal-Kambodja.

(88) Kif enfasizzat fil-premessa (75) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni misluta mil-lista ta' bastimenti RFMO IUU stabbilixxiet li okkorrew diversi inċidenti ta' attivitajiet IUU minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Kambodja jew li għandhom liċenzja tas-sajd maħruġa mill-Kambodja. Il-bastiment tas-sajd *Draco-1* (isem attwali ([12]): Shaanxi Henan 33; l-isem f'Novembru 2012 kif imsemmi fil-premessa (75) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012: Xiong Nu Baru 33) intlemaħ jistad illegalment fiż-żona CCAMLR f'Jannar 2010 ([13]) u f'April 2010 ([14]) filwaqt li kien qiegħed itajjar il-bandiera tal-Kambodja. Barra minn hekk, il-bastiment tas-sajd Trosky (isem attwali ([15]): Huiqunan; l-isem f'Novembru 2012 kif imsemmi fil-premessa (75) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012: Yangzi

([12]) http://iuu-vessels.org/iuu/iuu/vessel?uid=63
([13]) Dokument CCAMLR COM CIRC 10/11 iddatat 2 ta' Frar 2010.
([14]) Dokument CCAMLR COM CIRC 10/45 iddatat 20 ta' April 2010.
([15]) http://iuu-vessels.org/iuu/iuu/vessel?uid=102

Hua 44) intlemaħ jistad illegalment fiż-żona CCAMLR f'April 2010 ([16]) filwaqt li kien qiegħed itajjar il-bandiera tal-Kambodja.

(89) Kif enfasizzat fit-Taqsima 5.1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-eżistenza ta' għadd ta' bastimenti IUU fil-lista IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Kambodja wara li ġew inklużi ma' dawn il-listi, hija indikazzjoni ċara li l-Kambodja naqset milli twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha ta' Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali.

(90) Barra minn hekk, kif deskritt fil-premessa (76) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ġabret evidenza ta' nuqqas ta' konformità mill-Kambodja mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, rikjesta mil-liġi internazzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ġabret evidenza fattwali, permezz ta' ċertifikati tal-Unjoni dwar il-qabdiet, ta' ksur repetittiv minn bastiment tal-Kambodja ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ICCAT li wasslu sabiex jiġu kklassifikati bħala attivitajiet tas-sajd IUU. Dak il-ksur irrefera għal bastiment tal-ġarr tal-Kambodja li rċieva ħut fuq il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-*purse seine*. Skont ir-Rakkomandazzjoni 06-11 ICCAT, il-bastimenti tas-sajd bil-*purse seine* mhumiex awtorizzati li jagħmlu trażbord ta' speċijiet ta' tonn fuq il-baħar fiż-żona ICCAT. Barra minn hekk, il-bastiment tal-ġarr tal-Kambodja ma kienx irreġistrat fir-Reġistru ICCAT ta' bastimenti tal-ġarr intitolati li joperaw fiż-żona ICCAT kif previst fit-Taqsima 3 tar-Rakkomandazzjoni 06-11 ICCAT. Ma ttieħdet ebda azzjoni dwar din il-kwistjoni mill-awtoritajiet tal-Kambodja. Il-prestazzjoni tal-Kambodja hija kontravenzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 94(1) u (2) tal-UNCLOS li jistipula li kull Stat jeżerċita effettivament il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu fuq vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu. Il-Kambodja ma żguratx sanzjonijiet xierqa, li jiskoraġġixxu repetizzjoni ta' ksur u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attività illegali tagħhom li mhix konformi mar-rakkomandazzjoni tal-punt 21 tal-IPOA IUU.

(91) Fl-isfond ta' sajd IUU vverifikat imsemmi hawn fuq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Kambodja, u minkejja t-talbiet f'dak is-sens fil-pjan ta' azzjoni, ma ġiet ippreżentata l-ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja bħala appoġġ għall-azzjonijiet li wettqet kontra attivitajiet tas-sajd meqjusa illegali li juru l-eżistenza ta' sanzjonijiet xierqa, li jiskoraġġixxu r-ripetizzjoni ta' ksur u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Il-Kambodja ssottomettiet biss li l-politika tagħha dwar sajd IUU hija l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-vapuri u r-revoka ta' kwalunkwe liċenzja, ċertifikat, permess jew dokument maħruġ lill-bastiment taħt il-bandiera tagħha. Il-Kambodja għandha wkoll nuqqas ta' sistema amministrattiva xierqa għal investigazzjonijiet u monitoraġġ tal-bastimenti tagħha. Ma sar ebda progress f'dan ir-rigward mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(92) Fir-rigward tar-reviżjoni tal-qafas ġuridiku sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin fl-Ibħra Internazzjonali, il-Kambodja ddikjarat li ffinalizzat Qafas ta' Ppjanar Strateġiku għas-Sajd 2010-2019, inkluż Kodiċi ta' Kondotta tal-Kambodja għal Sajd Responsabbli. Madankollu, is-sottomissjoni tal-Kambodja ma kkonfermatx li ġew stabbiliti xi miżuri konkreti sabiex jiġu indirizzati u jinstab rimedju għan-nuqqasijiet enfasizzati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Id-dokumenti sottomessi mill-Kambodja kienu ta' natura ġenerali u ma kinux jinkludu pjan ta' azzjoni konkret bl-għan li jiżgura konservazzjoni u ġestjoni ta' riżorsi ħajjin fl-Ibħra Internazzjonali. Huma kienu jikkonsistu fi prinċipji ġenerali u kienu jirreferu esklussivament għal sajd fil-Kambodja (ibħra interni u ibħra kostali marittimi). Barra minn hekk, id-deskrizzjoni tas-settur tas-sajd fil-Kambodja ġiet inkluża kif ukoll il-mandat tal-Amministrazzjoni tas-Sajd, li huwa ġenerali ħafna u ma jidħolx fid-dettall rigward l-immaniġġjar speċifiku tas-sajd. Is-sottomissjoni tal-Kambodja inkludiet analiżi li kkonfermat id-dgħufija ta' governanza limitata, ambjent ġuridiku u regolatorju f'xi oqsma, nuqqas ta' demarkazzjoni u infurzar dgħajjef, ħiliet, standards u materjal ta' gwida limitati. Barra minn hekk, minkejja t-talbiet tal-Kummissjoni, il-Kambodja ma ssottomettiet ebda dokumentazzjoni li turi l-intenzjoni li temenda l-qafas ġuridiku wara l-adozzjoni ta' Qafas ta' Ppjanar Strateġiku u l-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli msemmija hawn fuq.

(93) Fir-rigward tal-qafas ġuridiku pertinenti għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd, ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja. Il-Kambodja ddikjarat li kienet iffinalizzat proklamazzjoni dwar Ordni Teknika ta' Mmaniġġjar ta' Bastimenti tas-Sajd rigward kwistjonijiet ta' sikurezza fuq il-baħar.

(94) Ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja fir-rigward tar-reviżjoni tal-qafas ġuridiku sabiex tistabbilixxi sistema deterrenti ta' sanzjonar.

(95) Il-Kambodja ma ssottomettietx informazzjoni dwar il-punti enfasizzati fil-pjan ta' azzjoni fir-rigward tar-reviżjoni tal-qafas ġuridiku li hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-awtoritajiet biex jitolbu informazzjoni u jinvestigaw l-attivitajiet tal-operaturi, is-sidien irreġistrati u s-sidien benefiċjarji ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Kambodja.

(96) Il-prestazzjoni tal-Kambodja fl-oqsma spjegati f'din it-Taqsima ta' din id-Deċiżjoni pertinenti għal azzjonijiet immirati biex jindirizzaw l-attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti mhumiex konformi mar-responsabbiltajiet bażiċi tal-Istati tal-bandiera kif stipulat fl-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS li jistipula li Stati tal-bandiera jassumu responsabbiltà skont il-liġi interna tagħhom fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tagħhom u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu fir-rigward tal-oqsma amministrattivi, tekniċi u soċjali li jikkonċernaw il-vapur. Is-sottomissjonijiet tal-Kambodja ma jippermettux lill-Kummissjoni tikkunsidra li mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, sar xi titjib li jista' jintwera mill-Kambodja fir-rigward tal-qafas ġuridiku tagħha.

([16]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 14.

(97) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Kambodja fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera mhumiex biżżejjed biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Qiegħed jiġi mfakkar li huwa immaterjali jekk il-Kambodja attwalment irratifikatx il-UNCLOS minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS dwar in-navigazzjoni fl-Ibħra Internazzjonali (l-Artikoli 86-115 tal-UNCLOS) ġew rikonoxxuti bħala liġi internazzjonali stabbilita. Dawn id-dispożizzjonijiet tabilħaqq jikkodifikaw regoli pre-eżistenti tal-liġi internazzjonali stabbilita u jieħdu kważi b'mod litterali t-test tal-Konvenzjoni dwar l-Ibħra Internazzjonali u l-Konvenzjoni dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, li l-Kambodja rratifikat u aderixxiet magħhom rispettivament.

(98) Fl-isfond tal-premessi (76) sa (79) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) tar-Regolament IUU, li l-Kambodja naqset milli taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti IUU u sajd IUU li jkun sar jew li jkun appoġġjat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha jew miċ-ċittadini tagħha u ma ħaditx azzjoni suffiċjenti biex tiġġieled sajd IUU ddokumentat u rikorrenti minn bastimenti li qabel kienu jtajru l-bandiera tagħha.

### 5.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) (b), (c) u (d) tar-Regolament IUU)**

(99) Kif deskritt fil-premessi (83) sa (86) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat jekk il-Kambodja ħaditx miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward ta' operaturi responsabbli għal sajd IUU u jekk ġewx applikati sanzjonijiet severi biżżejjed li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mis-sajd IUU.

(100) Kif deskritt fil-premessa (84) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kambodja ma żguratx li sanzjonijiet għal sajd IUU minn bastimenti u, sal-ogħla limitu possibbli, minn ċittadini taħt il-ġurisdizzjoni tagħha huma severi biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv sajd IUU u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumlaw minn tali sajd.

(101) Il-Kambodja għamlet rappreżentazzjonijiet verbali matul il-vidjokonferenza tal-24 ta' Mejju 2013 li ddereġistrat bastimenti meqjusa li wettqu attivitajiet tas-sajd IUU. Fl-ittra tal-14 ta' Ġunju 2013, il-Kambodja ddikjarat li meta jinstab bastiment li jkun involut f'sajd illegali, inkluż li jkun fil-lista IUU tal-RFMOs, għandhom jittieħdu azzjonijiet immedjati, deċiżivi u dixxiplinarji mir-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti tal-Kambodja, inklużi l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-bastiment u r-revoka ta' kwalunkwe liċenzja, ċertifikat, permess jew dokument maħruġ lill-bastiment taħt il-bandiera tal-Kambodja. Il-Kummissjoni tqis li s-sempliċi dereġistrazzjoni ta' bastiment mingħajr ebda multa jew sanzjoni oħra addizzjonali bħala miżura mhix severa biżżejjed. Sempliċi dereġistrazzjoni ma ċċaħħadtx b'mod effettiv lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Barra minn hekk, ma xxekkilx lil dawk li kisru l-liġi milli jibdlu l-bandiera ta' tali bastiment għal bandiera ta' konvenjenza. Barra minn hekk, minkejja t-talbiet tal-Kummissjoni, ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja bħala evidenza ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet verbali u bil-miktub. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(102) Kif spjegat f'dawn il-premessi (91) sa (95) ta' din id-Deċiżjoni, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kambodja ma stabbilixxietx sistema deterrenti ta' sanzjonar. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(103) Kif enfasizzat fil-premessa (86) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kambodja għandha problemi ta' kapaċità biex tikkoopera ma' pajjiżi oħra u ssegwi azzjonijiet ta' infurzar li huma marbuta ma' nuqqas ta' ambjent ġuridiku u amministrattiv u s-setgħa għall-awtoritajiet biex iwettqu l-obbligi tagħhom. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(104) Fir-rigward tat-taħriġ tal-osservaturi tal-Kambodja u l-uffiċjali tal-iżbark, l-ebda dokumentazzjoni ma ġiet sottomessa mill-Kambodja. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(105) Il-prestazzjoni tal-Kambodja f'oqsma spjegati f'din it-Taqsima ta' din id-Deċiżjoni li jappartjenu għal azzjonijiet immirati għall-kooperazzjoni u l-infurzar mhix konformi mar-responsabbiltajiet bażiċi tal-Istati tal-bandiera kif stabbilit fl-Artikolu 94(1) u (2) tal-UNCLOS li jistipulaw li kull Stat jeżerċita b'mod effettiv il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu fuq vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu, peress li tenfasizza n-nuqqas tal-Kambodja li tonora r-responsabbiltajiet tagħha vis-à-vis l-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali.

(106) Fir-rigward tal-istorja, in-natura, iċ-ċirkustanzi, il-limitu u l-gravità tal-manifestazzjonijiet ta' sajd IUU kkunsidrat, il-Kummissjoni qieset l-attivitajiet rikorrenti u repetittivi ta' sajd IUU tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Kambodja sal-2013. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll l-iżviluppi wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(107) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Kambodja fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera mhumiex suffiċjenti sabiex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(108) Fid-dawl tal-premessi (83) sa (86) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5)(b), (c) u (d) tar-Regolament IUU, li l-Kambodja naqset milli taqdi dawk li

huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

### 5.3. Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)

(109) Kif deskritt fil-premessi (89) sa (96) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat informazzjoni meqjusa rilevanti minn dejta disponibbli ppubblikata mill-RFMOs, b'mod partikolari l-ICCAT u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antarktiku (CCAMLR). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet analiżi tal-informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus tal-Kambodja bħala parti mhux kontraenti tal-ICCAT u s-CCAMLR wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(110) Qiegħed jiġi mfakkar li mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 l-ICCAT qablet fir-Rapport ICCAT għal perjodu biennali 2012-2013 ([17]) li l-identifikazzjoni tal-Kambodja għandha tinżamm minħabba li ma waslet ebda risposta għall-ittri ICCAT tal-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' risposta mill-Kambodja li tipprovdi l-informazzjoni mitluba relatata mal-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, l-ICCAT iddeċidiet li żżomm l-identifikazzjoni tal-Kambodja fl-2013. Tabilħaqq, il-Kumitat ICCAT analizza l-informazzjoni disponibbli biex jivvaluta l-kooperazzjoni ta' Partijiet Mhux Kontraenti, u wara l-ittra ta' identifikazzjoni mibgħuta lill-Kambodja mill-Kummissjoni, ma waslet ebda korrispondenza għand is-Segretarjat. F'dan ir-rigward, ġie deċiż li tinżamm l-identifikazzjoni tal-Kambodja sakemm tasal aktar informazzjoni. Din is-sitwazzjoni hija konferma tan-nuqqas tal-Kambodja li tissodisfa kwalunkwe tip ta' obbligu ta' Stat tal-bandiera relatat mal-miżuri tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar previsti mill-UNCLOS.

(111) Skont informazzjoni derivata mis-CCAMRL ([18]) relatata mal-iskema ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet, il-Kambodja bħala parti mhux kontraenti li ma tikkooperax mas-CCAMLR setgħet kienet involuta fil-ħsad u/jew il-kummerċ tat-toothfish fl-2012. Matul l-2012, is-CCAMRL ikkuntattjat formalment lill-Kambodja biex titlob il-kooperazzjoni tagħha u biex tipprovdi dejta rigward il-kummerċ tat-toothfish. Madankollu, minn dakinhar ma ġiet ipprovduta ebda informazzjoni. Din is-sitwazzjoni tikkonferma n-nuqqas tal-Kambodja li tissodisfa kwalunkwe tip ta' obbligu ta' Stat tal-bandiera relatat mal-miżuri tal-ġestjoni u l-konservazzjoni previsti mill-UNCLOS.

(112) Fir-rigward tal-ħolqien ta' skema ta' spezzjoni affidabbli, ta' programm tal-osservatur, ta' rapporti ta' ħatt l-art, ta' superviżjoni ta' trażbord u ta' monitoraġġ ta' qabdiet żbarkati, minkejja t-talbiet fil-pjan ta' azzjoni, ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja. Il-Kambodja qalet li ffinalizzat il-Ġurnal ta' Abbord tal-Bastimenti tas-Sajd għal sajd marittimu, kif ukoll li saħħet u espandiet is-sistema ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza (sistema "MCS") mingħajr preċiżjonijiet ulterjuri. Il-Kambodja ssottomettiet biss il-mudell tal-Ġurnal ta' Abbord tal-Bastimenti tas-Sajd. Ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni rilevanti oħra lill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(113) Fir-rigward tar-rappurtar u r-reġistrazzjoni tal-obbligi, ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja minkejja t-talbiet fil-pjan ta' azzjoni. F'dan ir-rigward, ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(114) Fir-rigward is-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS), il-Kambodja qalet li t-trasportaturi tal-ħut taħt il-bandiera tal-Kambodja fil-prinċipju, ikunu mgħammra b'sistema abbord kif meħtieġ, inkluża l-VMS. Ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja bħala evidenza ta' din ir-rappreżentazzjoni bil-miktub minkejja t-talbiet fil-pjan ta' azzjoni. F'dan ir-rigward, ma sar ebda progress mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(115) Il-Kambodja, permezz tal-azzjoni tagħha kif deskritt fil-premessi (112) sa (114), naqset milli turi li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptani, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu fir-rigward ta' kwistjonijiet amministrattivi, tekniċi u soċjali tal-vapur.

(116) Kif enfasizzat fil-premessa (96) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kambodja żżomm Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti li huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti, li għandu funzjonijiet bħala Amministrazzjoni tal-Istat tal-Bandiera tal-Kambodja, kif iddikjarat fis-sottomissjoni tal-Kambodja tal-14 ta' Ġunju 2013. Ir-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti tal-Kambodja jinsab barra mill-Kambodja u ma jiżgurax li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha għandhom rabta ġenwina mal-pajjiż. Ma ġiet sottomessa ebda dokumentazzjoni mill-Kambodja li turi bidla fis-sistema ta' reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd, minbarra rappreżentazzjoni verbali u bil-miktub li reġistrazzjoni ġdida ta' bastiment tas-sajd taħt il-bandiera tal-Kambodja hija pprojbita mill-2010. L-ittra tal-14 ta' Ġunju 2013 tindika li f'Mejju 2013 il-Kambodja kellha 6 bastimenti tas-sajd u 78 bastiment għall-ġarr tal-ħut/bastiment bl-istiva mkessħa/bastiment għall-ġarr ta' tagħbija mkessħa. Informazzjoni disponibbli pubblikament ([19]) madankollu turi li taħt il-bandiera tal-Kambodja hemm irreġistrati 150 bastiment tas-sajd. Din il-flotta tirrappreżenta kapaċità sinifikanti ta' sajd mhux sottomessa għal sistema ta' monitoraġġ effettiv, li ma tippermettix lill-Kambodja biex tiżgura għal kollox ir-responsabbiltajiet tagħha ta' Stat tal-bandiera. Il-Kummissjoni

([17]) Rapport ICCAT għall-Perjodu Biennali 2012-2013, Parti I (2012), Vol. 1 jiddeskrivi l-attivitajiet tal-Kummissjoni matul l-ewwel nofs tal-imsemmi perjodu biennali u jinkludi r-rapport tat-18-il Laqgħa Speċjali tal-Kummissjoni (Agadir, il-Morokk, Novembru 12-19, 2012). Rapport mislut minn: http://www.iccat.es/Documents/BienRep/REP_EN_12-13_I_1.pdf

([18]) Rapport CCAMLR tal-31 Laqgħa tal-Kummissjoni, l-Awstralja, 23 ta' Ottubru-1 ta' Novembru 2012. Informazzjoni rilevanti miġjuba mill-websajt tas-CCAMLR: http://www.ccamlr.org/en/system/files/e-cc-xxxi.pdf

([19]) http://www.world-register.org/

ma rċeviet ebda sottomissjoni mill-Kambodja li tipprovdi elementi addizzjonali li jippruvaw li teżisti rabta ġenwina bejn il-Kambodja u l-vapuri rreġistrati taħt il-bandiera tagħha. Tali sitwazzjoni għadha mhix konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 91 tal-UNCLOS.

(117) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Kambodja fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-Bandiera mhumiex suffiċjenti biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 91 sa 94 tal-UNCLOS.

(118) Fl-isfond tal-premessi (83) sa (86) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li l-Kambodja naqset milli taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward ta' regoli internazzjonali, regolamenti, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

### 5.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw**

(119) Kif deskritt fil-premessa (99) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kambodja hija meqjusa bħala pajjiż medju għall-iżvilupp tal-bniedem (il-138 minn 186 pajjiż) [20] u skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-Kambodja hija elenkata fil-kategorija ta' pajjiżi l-anqas żviluppati.

(120) Kif deskritt fil-premessa (100) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma nstabet ebda evidenza ta' korroborazzjoni li tissuġġerixxi li n-nuqqas tal-Kambodja li taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali huwa riżultat ta' nuqqas ta' żvilupp. Permezz tal-ittra tas-7 ta' Frar 2013, il-Kambodja ddikjarat li teħtieġ aktar żmien biex tissodisfa għal kollox l-obbligi rikjesti mill-UE minħabba l-iskarsezza ta' riżorsi umani u finanzjarji tagħha. Ma ġiet ippreżentata ebda evidenza konkreta addizzjonali li tiżvela li n-nuqqasijiet identifikati huma konsegwenza tan-nuqqas ta' kapaċitajiet u infrastruttura.

(121) Fl-isfond tal-premessi (99) u (100) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus tal-iżvilupp u l-prestazzjoni ġenerali tal-Kambodja fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekkla mil-livell ta' żvilupp tagħha.

## 6. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD IR-REPUBBLIKA TAL-GINEA**

(122) Fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika tal-Ginea (il-Ginea) b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU li kkunsidrat il-possibbiltà li tidentifika lill-Ginea bħala pajjiż terz li ma jikkooperax [21].

(123) Il-Kummissjoni stiednet lill-Ginea biex tistabbilixxi b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tagħha pjan ta' azzjoni li jirrettifika n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(124) In-nuqqasijiet ewlenin identifikati mill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit kienu relatati ma' riformi neċessarji pendenti sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq u effiċjenti biżżejjed tal-flotta tas-sajd tagħha, implimentazzjoni effettiva tal-liġi nazzjonali u regolamenti dwar is-sajd, l-infurzar tar-regoli billi jiġu segwiti u sanzjonati attivitajiet identifikati ta' sajd IUU, ir-rinfurzar tal-mezzi għal spezzjoni u sorveljanza, sistema ta' deterrenti ta' sanzjonar, politika tas-sajd konsistenti mal-kapaċità amministrattiva f'termini ta' kontroll u sorveljanza. In-nuqqasijiet identifikati huma relatati, b'mod aktar ġenerali mal-konformità mal-obbligi internazzjonali inklużi rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet RFMOs u kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti skont il-liġi internazzjonali. Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti kien ikkunsidrat biss bħala evidenza ta' appoġġ u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

(125) Fis-6 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha laqgħa mal-awtoritajiet tal-Ginea fi Brussell. Il-Kummissjoni rrispondiet għall-mistoqsijiet tal-awtoritajiet tal-Ginea u kkummentat dwar kwistjonijiet imqajma fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet issuġġeriti fil-pjan ta' azzjoni.

(126) Fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Ginea ssottomettiet dokumenti dwar deċiżjoni li ttieħdet mill-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura dwar it-tkeċċija ta' uffiċjal tal-Ginea marbuta mal-ħruġ ta' liċenzji foloz mill-Ginea lill-bastimenti barranin li joperaw fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (EEZ) tal-Ginea.

(127) Fl-10 ta' Diċembru 2012, il-Ginea pprovdiet sottomissjoni addizzjonali li taċċetta l-bidu ta' diskussjonijiet mal-Kummissjoni u talbet il-possibbiltà li tiġi estiża l-iskadenza sabiex tirrispondi għan-notifika tal-Kummissjoni sas-17 ta' Jannar 2013. Il-Ginea ssottomettiet id-dokumenti li ġejjin: (1) ittra mill-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi; (2) ittra mill-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura, li tinkludi anness bi pjan ta' azzjoni propost, baġit ta' implimentazzjoni u skeda ta' implimentazzjoni.

(128) Fl-10 ta' Jannar 2013, sabiex tikkumplementa l-ewwel rappreżentazzjonijiet, il-Ginea ssottomettiet id-dokumenti li ġejjin: (1) ittra tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi; (2) ittra tal-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura, li tinkludi anness bi pjan ta' azzjoni propost, baġit ta' implimentazzjoni u skeda ta' implimentazzjoni; (3) ittra tal-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura li tinkludi anness

[20] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 10.

[21] Ittra lill-Ministru tas-Sajd, u l-Akwakultura tal-Ginea tal-15.11.2012.

b'memorandum dwar ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u l-azzjonijiet li ttieħdu relatati mal-ħruġ ta' liċenzji foloz mill-Ginea lill-bastimenti tal-UE li joperaw fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (EEZ) tal-Ginea.

(129) Fit-22 ta' Jannar 2013, il-Ginea ssottomettiet informazzjoni addizzjonali dwar il-miżuri konkreti previsti biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati ewlenin: (1) digriet tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar it-twaqqif ta' prefettura marittima; (2) digriet tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar in-nomina ta' prefett; (3) digriet tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-istabbiliment u l-kompożizzjoni ta' kummissjoni nazzjonali għall-imbarkazzjoni mmirata għal bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx; (4) dokumentazzjoni dwar l-iskema ta' sorveljanza semafora; (5) rapport tal-laqgħat interministerjali tal-kumitat dwar il-baħar; (6) rapport tal-laqgħa ta' Novembru 2012 dwar l-istrateġija nazzjonali għas-sigurtà marittima.

(130) Fl-24 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni aċċettat laqgħa mal-awtoritajiet tal-Ginea fi Brussell li talbu Memorandum dwar il-kwistjonijiet ewlenin li għad baqa' jiġu indirizzati.

(131) Fl-4 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni wieġbet għat-talba tal-Ginea billi ttrażmettiet ittra lill-awtoritajiet tal-Ginea flimkien ma' memorandum li jagħti sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-pjan ta' azzjoni ssuġġerit.

(132) Fid-19 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet tal-Ginea fi Brussell sabiex torganizza l-missjoni fuq il-post fil-Ginea mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013.

(133) Il-Kummissjoni wettqet missjoni fil-Ginea mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 u żaret lill-awtoritajiet kollha kkonċernati tal-Ginea, b'mod partikolari lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi, lill-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura u lill-Ministru tat-Trasport, lill-Prefett Marittimu, u lill-Konsulent Speċjali tal-President tar-Repubblika tal-Ginea, li nżammu kollha infurmati dwar il-progress tas-sitwazzjoni b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-pjan ta' azzjoni propost. Matul din il-missjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Ginea kienu wkoll f'pożizzjoni li jagħmlu dikjarazzjonijiet u jipprovdu d-dokumenti rilevanti kollha sabiex jirrispondu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-Memorandum li jagħti sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati, li ġie trażmess fl-4 ta' Frar 2013.

(134) Fis-26 ta' Frar 2013, il-Ginea ssottomettiet id-dokumenti li ġejjin: (1) il-proċess tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u l-informazzjoni dwar l-użu ta' fondi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-ftehim dwar is-sajd fl-2009; (2) lista ta' bastimenti li jtajru b'mod permanenti u temporanju l-bandiera tal-Ginea; (3) lista ta' bastimenti barranin detenturi ta' liċenzja tas-sajd fl-2013, b'applikazzjoni ta' ftehim tal-istat konkluż bejn il-Ginea u pajjiż barrani li jagħti aċċess lir-riżorsi ħajjin tal-Ginea fl-EEZ tagħha jew fil-qafas ta' liċenzji privati tas-sajd mogħtija lil bastimenti tas-sajd barranin li joperaw fl-ibħra tal-Ginea; (4) risposti għal kull punt tal-Memorandum ikkomunikat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2013; (5) lista ta' sanzjonijiet applikati fuq il-bastimenti tas-sajd li operaw fl-EEZ tal-Ginea fl-2012 u l-2013; (6) rapport ta' kampanja xjentifika għall-2012; (7) baġit iddettaljat u skeda ta' implimentazzjoni għall-pjan ta' azzjoni; (8) *Arrêté* Nru A/2012/942 dwar il-kundizzjonijiet tat-trażbord fl-ibħra tal-Ginea; (9) Ftehim tal-istat konkluż bejn il-Ginea u r-Repubblika taċ-Ċina għall-2012-2013 li jagħti aċċess lill-bastimenti Ċiniżi għall-ibħra tal-Ginea taħt kundizzjonijiet speċifiċi.

(135) Fl-1 ta' Marzu 2013, sabiex l-awtoritajiet tal-Ginea jinżammu infurmati dwar il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'dan l-istadju tal-proċess, il-Kummissjoni kkomunikat osservazzjonijiet bil-miktub fuq il-post dwar il-kwistjonijiet pendenti. L-istess dokument intbagħat uffiċjalment permezz tal-ittra tal-14 ta' Marzu 2013 lill-awtoritajiet rilevanti kollha tal-Ginea.

(136) Fis-6 ta' Marzu 2013, il-Ginea ssottomettiet parti mid-dokumenti mitluba matul il-missjoni fuq il-post kif ġej: (1) ittra ta' akkumpanjament tad-Direttur Ġenerali tas-*Centre National de Surveillance et de Protection des Pêches*; (2) tabella dwar infrazzjonijiet u spezzjonijiet li saru fl-2011 u l-2012; (3) rapporti dwar ksur imwettaq minn bastimenti barranin fl-EEZ tal-Ginea; (4) tabella dwar qabdiet globali u perċentwali ta' kwantitajiet għal kull tip ta' sajd għall-2012; (5) diversi rapporti ta' osservaturi.

(137) Fl-1 ta' April 2013, il-Ginea ssottomettiet elementi addizzjonali sabiex iżżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-kundizzjonijiet li taħthom joperaw bastimenti tal-UE fl-ibħra tal-Ginea fl-2013.

(138) Fl-14 ta' Mejju 2013, il-Ginea ssottomettiet elementi addizzjonali kif ġej: (1) risposti għall-osservazzjonijiet bil-miktub ikkomunikati mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2013; (2) abbozz ta' Digriet dwar sanzjonijiet u sanzjonijiet aċċessorji applikabbli għall-ksur; (3) artikoli ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija awtorizzata li tirrappreżenta bastimenti barranin fil-Ginea.

(139) Fit-30 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni aċċettat laqgħa mal-awtoritajiet tal-Ginea fi Brussell li pprovdew pjan ta' azzjoni aġġornat flimkien mal-livell ta' implimentazzjoni tiegħu. Kif ġie mitlub, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet tal-Ginea li għadd sinifikanti ta' kwistjonijiet enfasizzati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 kienu għadhom ma ġewx indirizzati u li l-azzjonijiet issuġġeriti fil-pjan ta' azzjoni kienu għadhom ma ġewx implimentati.

(140) Fis-16 ta' Lulju 2013, il-Ginea ssottomettiet id-dokumenti li ġejjin: (1) il-lista ta' azzjonijiet li l-Ginea qiegħda tbassar li sejra tieħu fir-rigward tal-Memorandum ikkomunikat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2013 flimkien mad-deskrizzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tagħhom; (2)

kopja tal-*Arrêté* amministrattiv tat-13 ta' Ġunju 2013 li jwaqqaf *Comité de suivi-évaluation* tal-miżuri ppjanati li għandhom jittieħdu fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012; (3) kopja tad-deċiżjoni amministrattiva tal-1 ta' Lulju 2013 dwar ir-regoli li għandhom jiġu applikati f'termini tas-sistema ta' intraċċar VMS abbord bastimenti tas-sajd tal-Ginea u bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra tal-Ginea; (4) kopja tad-deċiżjoni amministrattiva tal-1 ta' Lulju 2013 li twaqqaf *Comité de suivi-évaluation* għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Mmaniġġjar tas-Sajd tal-Ginea; (5) kopja tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2013 mibgħuta mill-Ministeru tas-Sajd u li titlob konsultazzjonijiet mal-operaturi tas-settur tas-sajd biex japplikaw perjodu magħluq għall-attivitajiet tas-sajd ("période de repos biologique"); (6) kopja tal-ittra tal-15 ta' Mejju 2013 tal-Ministru tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-*Préfecture Maritime*; (7) abbozz rivedut ta' Digriet dwar sanzjonijiet ġodda li għandhom jiġu applikati.

(141) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa. Il-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mill-Ginea wara Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 kienet ikkunsidrata, u meqjusa filwaqt li l-Ginea nżammet infurmata oralment jew bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(142) Il-Kummissjoni temmen li l-oqsma ta' tħassib u n-nuqqasijiet kif deskritt fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ma ġewx indirizzati biżżejjed mill-Ginea. Barra minn hekk, il-miżuri ssuġġeriti fil-pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament ma ġewx implimentati b'mod sħiħ lanqas.

## 7. IDENTIFIKAZZJONI TAL-GINEA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(143) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni permezz ta' dan tanalizza l-konformità tal-Ginea mal-obbligi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq b'konformità mas-sejbiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u mal-informazzjoni rilevanti tal-Ginea pprovduta fihom, mal-pjan ta' azzjoni propost kif ukoll mal-miżuri li ttieħdu biex jirrettifikaw is-sitwazzjoni. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkunsidrat il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 7.1. Rikorrenza ta' Bastimenti IUU u flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU)

(144) Kif enfasizzat fil-premessi (153) sa (154) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet abbażi ta' informazzjoni miġjuba minn diversi listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs li għadd ta' bastimenti IUU f'dawn il-listi tajru l-bandiera tal-Ginea wara li ġew inklużi fil-listi tal-bastimenti IUU tal-RFMOs [22]. Dawn il-bastimenti mill-15 ta' Novembru 2012 kienu Daniaa (isem preċedenti: Carlos) u Maine.

(145) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet abbażi tal-informazzjoni miġjuba mil-lista ta' bastimenti IUU tal-RFMOs [23] li bastiment IUU wieħed fil-listi IUU rilevanti (RED, li qabel kien iġib l-isem KABOU) tajjar il-bandiera tal-Ginea wara li ġie inkluż f'dawn il-listi [24].

(146) Il-Kummissjoni stabbilixxiet abbażi tal-informazzjoni miġjuba minn diversi listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs li bħalissa żewġ bastimenti IUU f'dawn il-listi tajru l-bandiera tal-Ginea wara li ġew inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-RFMOs [25]. Dawn il-bastimenti huma: Daniaa and Maine.

(147) Kif enfasizzat fit-Taqsima 9.1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza ta' bastimenti IUU fil-listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs li bħalissa jtajru l-bandiera tal-Ginea jew li qabel kienu tajru l-bandiera tal-Ginea wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, hija indikazzjoni ċara li l-Ginea naqset milli twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha ta' Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali.

(148) Minbarra dawn il-bastimenti tal-Ginea li bħalissa huma elenkati fil-listi ta' bastimenti IUU tal-RFMOs, kif enfasizzat fil-premessi (155), (156), (174) u (175) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet li tliet bastimenti tas-sajd bil-*purse seiner* addizzjonali li jtajru l-bandiera tal-Ginea ripetutament wettqu operazzjonijiet tas-sajd fl-2010 u l-2011 bi ksur tar-Rakkomandazzjonijiet ICCAT. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li dawn il-bastimenti tal-Ginea, li jirrappreżentaw il-flotta kollha tal-Ginea ta' bastimenti tas-sajd għat-tonn li joperaw fiż-żona ICCAT, fl-2010 u għal diversi xhur matul l-2011, wettqu kontinwament operazzjonijiet tas-sajd mingħajr liċenzji internazzjonali tas-sajd u mingħajr tagħmir VMS abbord, u wettqu tal-anqas 30 attività ta' trażbord illegali fuq il-baħar bi ksur tar-regoli ICCAT. Skont informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, dawn l-operazzjonijiet irreferew għal ammont sinifikanti ta' ħut maqbud taħt kundizzjonijiet illegali (8 922 tunnellati ta' speċijiet ta' tonn fl-2010) kif ukoll kwantità sinifikanti ta' ħut trażbordat fuq il-baħar (tal-anqas 14 200 tunnellata fl-2010 u l-2011). Barra minn hekk, f'Lulju 2013, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali minn awtorità waħda ta' Stat Membru dwar attivitajiet tas-sajd meqjusa IUU ta' dawn it-tliet bastimenti tas-sajd bil-*purse seiner* li okkorrew matul l-2012. B'kunsiderazzjoni għar-repetittività u l-kontinwità matul perjodu twil ta' żmien tal-imġiba illegali ta' dawn il-bastimenti tas-sajd għat-tonn

[22] Ara l-Parti B tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2011 tal-25 ta' Lulju li jistabbilixxi l-lista tal-UE ta' bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 15).

[23] L-RFMOs rilevanti huma NEAFC, NAFO and SEAFO.

[24] Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2011, ĠU L 194, 26.7.2011, p. 14.

[25] Ara l-Parti B tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 672/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-lista tal-UE ta' bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (ĠU L 193, 16.7.2013, p. 6).

li jirrappreżentaw il-flotta kollha tal-Ginea li topera taħt l-ICCAT, il-Kummissjoni kkunsidrat dawn il-fatti stabbiliti bħala indikazzjoni rilevanti li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Ginea kienu qegħdin iwettqu attivitajiet tas-sajd IUU b'mod rikorrenti. Kif jidher b'mod ċar f'din it-Taqsima ta' din id-Deċiżjoni, dawn il-bastimenti jkomplu joperaw taħt il-bandiera tal-Ginea mingħajr ebda tibdil fil-modalitajiet operazzjonali u regolatorji tagħhom, minbarra l-installazzjoni ta' tagħmir VMS abbord. Il-Kummissjoni osservat li ma sar ebda progress suffiċjenti mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 li jiżgura kontroll u monitoraġġ effettiv tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Ginea li joperaw fiż-żona ICCAT.

(149) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li l-Ginea ma ħaditx miżuri xierqa sabiex tidentifika ksur kontinwu u ripetut tal-liġi internazzjonali u biex tipprevjeni prodotti tas-sajd li jirriżultaw minn sajd IUU milli jidħlu fis-suq tal-UE. F'dan ir-rigward qiegħed jiġi mfakkar li l-Unjoni kienet introduċiet miżuri li jipprojbixxu d-dħul fl-UE ta' prodotti tas-sajd minħabba raġunijet sanitarji ([26]). Il-Kummissjoni stabbilixxiet li fl-2010, it-tliet bastimenti tas-sajd bil-*purse seiner* li jtajru l-bandiera tal-Ginea msemmija fil-premessa (148), sistematikament kisbu ċertifikati tal-qabdiet sabiex ikunu f'pożizzjoni li jesportaw dawn il-prodotti tas-sajd maqbuda u trażbordati illegalment lejn is-suq tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni stabbilixxiet li b'dan, l-awtoritajiet tal-Ginea vvalidaw iċ-ċertifikati tal-qabdiet li jippreżentaw indikazzjonijiet ċari li dawn it-tliet bastimenti kienu qegħdin iwettqu trażbordi illegali fuq il-baħar fir-rigward tal-prodotti tas-sajd maħsuba biex jiġu esportati lejn l-UE (operazzjonijiet ta' trażbord fuq il-baħar kienu msemmija fuq iċ-ċertifikati tal-qabdiet, bil-firem tal-kaptani taż-żewġ bastimenti; kemm tal-bastiment li pprovda l-ħut kif ukoll tal-bastiment li ġabar il-ħut, u l-pożizzjonijiet ġeografiċi tat-trażbordi fuq il-baħar).

(150) Kif enfasizzat fil-premessa (161) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-eżistenza ta' għadd ta' bastimenti IUU fil-lista IUU tal-RFMOs li tajru l-bandiera tal-Ginea wara li ġew inklużi f'dawn il-listi, turi n-nuqqas ta' kapaċità tal-Ginea li tiżgura li bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tagħha ma jkunux involuti jew ma jappoġġjawx sajd IUU, li mhuwiex konformi mar-rakkomandazzjoni fil-punt 34 tal- IPOA IUU.

(151) Barra minn hekk, mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 l-għadd ta' bastimenti li tajru l-bandiera tal-Ginea wara li ġew inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU RFMO ma naqasx u l-kundizzjonijiet li taħthom topera l-flotta tas-sajd għat-tonn tal-Ginea fiż-żona ICCAT ma ġewx ikkoreġuti fundamentalment. Matul il-missjoni ta' Frar 2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Ginea kienet installat tagħmir VMS abbord dawn il-bastimenti iżda mingħajr ma kienet f'pożizzjoni li verament timmonitorja u tikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd u ta' trażbord tagħhom fuq il-baħar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbilixxiet li fl-assenza tar-riforma tal-Kodiċi tas-Sajd tal-Ginea, dawn il-bastimenti għadhom qegħdin joperaw mingħajr liċenzja internazzjonali tas-sajd u li ma ttieħdet ebda miżura li tiżgura li dawn il-bastimenti jikkonformaw b'mod effettiv mar-regoli ICCAT f'termini ta' projbizzjoni ta' trażbord fuq il-baħar (pereżempju b'kontradizzjoni mar-regoli ICCAT, ma hemmx osservaturi abbord li jtejbu l-kapaċità tal-Ginea biex tikkontrolla u timmonitorja l-attivitajiet fuq il-baħar tal-bastimenti tas-sajd tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali). F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Ginea mhix f'pożizzjoni li tikkontrolla l-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali u ma tistax tiżgura konformità mal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha mal-miżuri reġjonali tal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut transżonali u stokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea ma tissodisfax l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 18 u 19 tal-UNFSA.

(152) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Ginea bħala Stat tal-bandiera naqset milli teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha biex tiżgura l-konformità tal-flotta tas-sajd tagħha mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-RFMO. Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sitwazzjoni deskritta fil-premessi (144) sa (151) ta' din id-Deċiżjoni tenfasizza n-nuqqas tal-Ginea li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 94 u 117 tal-UNCLOS.

(153) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18(1) u (2) tal-UNFSA, l-Istat tal-bandiera huwa responsabbli vis-à-vis l-bastimenti tiegħu li joperaw fl-ibħra internazzjonali. Qiegħed jiġi mfakkar li l-UNFSA tirregola kwistjonijiet pertinenti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut transżonali u ta' stokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna. Kif enfasizzat fil-premessi (144) sa (151) ta' din id-Deċiżjoni, il-flotta tas-sajd li ttajjar il-bandiera tal-Ginea li topera fiż-żona ICCAT, fl-2010 u l-2011 ripetutament u kontinwament kienet qiegħda tikser ir-regoli tal-ICCAT li hija RFMO li timmaniġġja t-tali tipi ta' stokkijiet ta' ħut. F'dan il-kuntest, b'kunsiderazzjoni li ġie stabbilit li l-flotta kollha tal-Ginea li topera fiż-żona ICCAT kienet qiegħda taġixxi sistematikament u għal perjodu ta' żmien twil bi ksur tar-regoli ICCAT, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea naqset milli twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha ta' Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali. Minbarra l-fatti msemmija hawn fuq, l-eżistenza ta' bastiment IUU wieħed tal-Ginea fil-lista IUU tal-RFMOs ICCAT li tajjar il-bandiera tal-Ginea wara li ġie inkluż f'dawn il-listi, tenfasizza wkoll in-nuqqas tal-Ginea li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 19(1) u (2) tal-UNFSA.

(154) Għaldaqstant, in-nuqqas ta' konformità ġġeneralizzata ta' bastimenti tas-sajd għat-tonn tal-Ginea li joperaw fiż-żona ICCAT jenfasizza n-nuqqas tal-Ginea li tissodisfa l-obbligi tagħha ta' Stat tal-bandiera. Tabilħaqq, l-attivitajiet tas-sajd IUU stabbiliti mwettqa mill-flotta tas-sajd tal-Ginea li topera fiż-żona ICCAT ixekklu l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin. B'dan il-mod il-Ginea ma taġixxix f'konformità mal-Artikolu 118 tal-UNCLOS, li

([26]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2007 dwar il-miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Ginea ta' prodotti tas-sajd intenzjonati għall-konsum mill-bniedem disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2007:028:0025:0026:EN:PDF

jgħid li l-Istati jikkooperaw ma' xulxin fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin fiż-żoni tal-ibħra internazzjonali.

(155) Fir-rigward ta' miżuri li ħadet il-Ginea fir-rigward tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessi (144) sa (154) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni sabet li ma setgħux jittieħdu miżuri xierqa mill-Ginea fir-rigward ta' sajd IUU rikorrenti li twettaq minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha minħabba n-nuqqasijiet tal-qafas ġuridiku tagħha sabiex tiżgura kontroll u monitoraġġ effettiv tal-attivitajiet tal-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali. Għaldaqstant il-Kummissjoni ssuġġeriet, li l-Ginea twettaq ir-riformi neċessarji sabiex ikun jista' jiġi żgurat kontroll u monitoraġġ effettiv tal-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra internazzjonali. Il-Kummissjoni tenniet is-suġġeriment tagħha li tibda riforma tal-qafas ġuridiku tal-Ginea f'dokument miktub trażmess lill-awtoritajiet tal-Ginea fl-1 ta' Marzu 2013. Fis-sottomissjonijiet tagħhom imsemmija fit-Taqsima 6 ta' din id-Deċiżjoni, il-Ginea ħabbret li kellha l-intenzjoni li tirrevedi l-liġi u r-regolamenti tagħha dwar is-sajd. Madankollu, sa issa, il-Ginea ma bdietx riforma tal-qafas ġuridiku tagħha. Ma ġiet ipprovduta ebda skeda konkreta għat-twettiq tat-tali riforma. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(156) Rigward il-miżuri li ħadet il-Ginea fir-rigward tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessa (148) ta' din id-Deċiżjoni, u kif spjegat fil-premessa (162) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni sabet li l-Ginea ma żguratx sanzjonijiet xierqa li jiskoraġġixxu repetizzjonijiet ta' ksur u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Il-Ginea kienet nieqsa wkoll minn sistema amministrattiva xierqa għall-investigazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-bastimenti tagħha. Dan in-nuqqas ta' miżuri xierqa kien għadu ma ġiex indirizzat fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(157) Fir-rigward tar-reviżjoni tal-qafas ġuridiku u l-infurzar effiċjenti tas-sistema deterrenti ta' sanzjonar, il-Ginea fl-1 ta' Marzu 2012 adottat Digriet ġdid li saħħaħ il-livell ta' sanzjonijiet. Madankollu, l-iskop tal-Kodiċi tas-Sajd tal-Ginea ma jkoprix attivitajiet ta' sajd illegali possibbli mwettqa fl-ibħra internazzjonali minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Ginea. F'dan il-kuntest u fid-dawl tar-rikorrenza stabbilita u l-limitu tal-attivitajiet tas-sajd IUU mwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Ginea fl-ibħra internazzjonali kif spjegat fil-premessa (155) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni tikkunsidra li din il-miżura ma tistax tilħaq l-għan li tiżgura sanzjonijiet xierqa, li tiskoraġġixxi r-repetizzjoni ta' ksur u li ċċaħħad lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma sar ebda progress konkret mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Għalhekk, filwaqt li l-Ginea mhix f'pożizzjoni li tieħu miżuri għaċ-ċittadini rispettivi tagħha bħalma jista' jkun meħtieġ għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS. Bl-istess mod, filwaqt li l-Ginea mhix f'pożizzjoni li tiżgura konformità mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha mal-miżuri reġjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-istokkijiet ta' ħut transżonali u għall-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 19 tal-UNFSA.

(158) Il-Kummissjoni tqis li l-prestazzjoni tal-Ginea fir-rigward ta' miżuri ta' infurzar effettivi ma tikkonformax mar-rakkomandazzjonijiet tal-punt 21 tal-IPOA IUU li jagħti parir lill-Istati biex jiżguraw li sanzjonijiet għal sajd IUU minn bastimenti, u sal-ogħla limitu possibbli, minn ċittadini taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom huma severi biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw minn tali sajd. F'dan ir-rigward, il-Ginea ma implimentatx Pjan ta' Azzjoni biex tiġġieled kontra l-IUU, fattur li wkoll ma jikkonformax mar-rakkomandazzjonijiet tal-punt 25 tal-IPOA IUU.

(159) Matul il-missjoni li saret f'Mejju 2011, abbażi ta' evidenzi ddokumentati kif xieraq ikkomunikati mill-awtoritajiet tal-Ginea, il-Kummissjoni stabbilixxiet li kien qiegħed jitwettaq sajd IUU rikorrenti minn bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra marittimi tagħha.

(160) Kif spjegat fil-premessa (163) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet li fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet tas-sajd rikorrenti, il-Ginea ma ħaditx miżuri xierqa li jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jissanzjonaw attivitajiet tas-sajd IUU mwettqa minn bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra tagħha.

(161) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti, il-Ginea ħadet xi miżuri sabiex ittejjeb l-identifikazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd IUU fl-EEZ tagħha. Il-Ginea saħħet il-mezzi tagħha li tikkontrolla u timmonitorja attivitajiet fuq il-baħar fl-EEZ tagħha (sa 50 mil nawtiku) bil-kostruzzjoni ta' semafora fuq il-gżira ta' Tamara u t-twaqqif ta' Prefettura Marittima inkarigata li tikkoordina l-operazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-baħar (bastimenti ta' sorveljanza tal-Armata jintużaw għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd IUU fl-EEZ).

(162) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, fir-rigward ta' azzjonijiet sabiex jiġu miġġielda attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti, il-Ginea għadha ma ħaditx id-diversi miżuri kruċjali ssuġġeriti fil-Pjan ta' Azzjoni kkomunikat fil-15 ta' Novembru 2012, imsemmija fil-Memorandum trażmess lill-awtoritajiet tal-Ginea fl-4 ta' Frar 2013 u stabbiliti fl-osservazzjonijiet bil-miktub dwar il-kwistjonijiet pendenti trażmessi lill-awtoritajiet tal-Ginea fl-1 ta' Marzu 2013: ma ttieħdet ebda sanzjoni kontra ksur identifikat abbażi ta' evidenzi dokumentarji (rapporti ta' qabdiet, rapporti ta' osservaturi, rapporti VMS); l-istatus u l-prerogattivi tal-osservaturi abbord ma ġewx rinfurzati; ħafna obbligi previsti taħt il-liġi tal-Ginea għadhom mhumiex implimentati u infurzati mill-awtoritajiet tal-Ginea (pereżempju l-obbligu li jiġu rappurtati pożizzjonijiet VMS,

is-sanzjoni kontra operaturi li ma jirrappurtawx sinjali VMS, l-obbligu li jiġu trażmessi kopji tal-ġurnali ta' abbord fl-aħħar tal-kampanja tas-sajd; l-obbligu li jiġi ddikjarat id-dħul fiż-żona EEZ tal-Ginea u l-ħruġ minnha) fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(163) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri adottati mill-Ginea deskritti fil-premessa (161) ta' din id-Deċiżjoni sempliċiment jikkostitwixxu prekundizzjonijiet ġenerali li bħala tali mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu, jidentifikaw u jeqirdu sajd IUU rikorrenti mwettaq minn bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra marittimi tal-Ginea. Tabilħaqq, kif enfasizzat fil-premessa (163) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea, bħala Stat kostali sa issa naqset milli timplimenta b'mod effettiv il-qafas ġuridiku tagħha u naqset milli tħarrek kif xieraq sajd IUU u li tinforza sanzjonijiet kontra bastimenti u operaturi involuti f'sajd IUU. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea mill-2011 applikat politika mhux effettiva dwar azzjoni ta' prosekuzzjoni u infurzar fir-rigward ta' attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti fl-ibħra marittimi tagħha. B'mod partikolari, matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet li sa din id-data ġew identifikati mill-awtoritajiet tal-Ginea seba' attivitajiet ta' ksur imwettqa minn bastimenti barranin li joperaw fl-ibħra tal-Ginea li ġew sanzjonati bl-anqas multa possibbli prevista fil-Liġi tal-Ginea. Tabilħaqq, filwaqt li l-Artikolu 7 tad-Digriet Nru 27 tal-1 ta' Marzu 2012 jipprevedi multi li jvarjaw minn USD 15 000 għal USD 30 000 kif ukoll il-konfiska awtomatika tal-irkaptu tas-sajd fil-każ ta' attivitajiet ta' sajd b'ir-kaptu tas-sajd jew xbieki illegali, tliet attivitajiet ta' ksur ta' sajd illegali permezz ta' xbieki illegali mwettqa fit-8 ta' Novembru 2012 minn tliet bastimenti ġew sanzjonati mill-awtoritajiet tal-Ginea bl-anqas multa amministrattiva (USD 15 000) u mingħajr il-konfiska tal-irkapti tas-sajd ikkonċernati. Bl-istess mod, filwaqt li l-Artikolu 6 tad-Digriet Nru 27 tal-1 ta' Marzu 2012 jipprevedi multi li jvarjaw minn USD 30 000 għal USD 50 000 kif ukoll il-konfiska awtomatika tal-qabdiet u tal-irkaptu tas-sajd fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd illegali f'żona pprojbita jew żona riservata għal sajd artiġjanali, erba' attivitajiet ta' ksur ta' sajd illegali f'żoni pprojbiti mwettqa fit-30 ta' Novembru 2012 minn erba' bastimenti kienu, minkejja l-gravità tal-ksur, sanzjonati mill-awtoritajiet tal-Ginea bl-anqas multa amministrattiva (USD 30 000) u mingħajr il-konfiska tal-irkapti tas-sajd u l-qabdiet ikkonċernati b'kontradizzjoni tal-liġi tal-Ginea.

(164) Fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessi (159) sa (163) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea meta tonqos li timplimenta b'mod effettiv il-qafas ġuridiku tagħha biex tħarrek b'mod xieraq sajd IUU rikorrenti fl-ibħra tagħha u li tinforza sanzjonijiet kontra bastimenti u operaturi involuti, qiegħda tikkontradixxi l-Artikoli 61 u 62 tal-UNCLOS li jistabbilixxu obbligu għall-Istati kostali li jippromwovu l-għan tal-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin fl-EEZs tagħhom u li jiżguraw li dawn ir-riżorsi ħajjin mhumiex mhedda minn sfruttament żejjed.

(165) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Ginea fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera u kostali mhumiex biżżejjed biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 61, 62, 94, 117 u 118 tal-UNCLOS u l-Artikoli 18, 19 u 20 tal-UNFSA.

(166) Fl-isfond tal-premessi (153) sa (163) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) tar-Regolament IUU, li l-Ginea naqset milli taqdi dawk li huma r-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera u kostali fir-rigward ta' bastimenti IUU u sajd IUU mwettaq jew appoġġjat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha jew li joperaw fl-ibħra marittimi tagħha jew miċ-ċittadini tagħha u ma ħaditx azzjoni suffiċjenti biex tiġġieled sajd IUU ddokumentat u rikorrenti minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha jew li joperaw fl-ibħra marittimi tagħha.

### 7.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' infurzar (l-Artikolu 31(5)(b) tar-Regolament IUU)**

(167) Kif deskritt fil-premessi (165) sa (180) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat jekk il-Ginea ħaditx miżuri effettivi ta' infurzar fir-rigward tal-operaturi responsabbli għal sajd IUU u jekk ġewx applikati sanzjonijiet severi biżżejjed li jċaħħdu lil dawk li kisru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mis-sajd IUU.

(168) Kif deskritt fil-premessi (165) sa (175) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea ma żguratx li sanzjonijiet għal sajd IUU ripetut imwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha u minn ċittadini taħt il-ġurisdizzjoni tagħha huma biżżejjed severi biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU u biex iċaħħdu lil dawk li kisru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw minn tali sajd.

(169) Fir-rigward il-premessi (165) sa (175) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, matul il-proċedura mibdija mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27 tar-Regolament IUU, il-Ginea imponiet sanzjonijiet amministrattivi kontra tliet bastimenti bil-*purse seiner* li jtajru l-bandiera tal-Ginea sabiex tevita l-elenkar IUU tat-tliet bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-livell globali ta' sanzjonijiet applikat ma kienx xieraq fis-severità sabiex ikun effettiv li jiżgura konformità u li jiskoraġġixxi ksur tar-regoli ICCAT. Barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni għar-repetittività u t-tul ta' żmien tal-ksur kif ukoll il-kwantitajiet u t-tip ta' qabdiet ikkonċernati minn dawn l-attivitajiet illegali, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sanzjonijiet finali applikati kienu għandhom manifestament mhumiex xierqa biex iċaħħdu b'mod effettiv lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. B'applikazzjoni tal-qafas ġuridiku tagħha, il-Ginea ma kinitx f'pożizzjoni li tapplika sanzjoni aktar dissważiva kontra dawn il-bastimenti. Barra minn hekk, kif spjegat

fil-premessa (157) ta' din id-Deċiżjoni, is-sanzjonijiet li ttieħdu mill-Ginea kontra bastimenti li joperaw fl-ibħra internazzjonali bi ksur tar-regoli internazzjonali ICCAT ma għandhomx bażi ġuridika ferma minħabba li l-Kodiċi tas-Sajd tal-Ginea ma jistax japplika għal fatti li jkunu ġraw lil hinn mill-ibħra marittimi tal-Ginea. F'dan il-kuntest, il-Ginea mhix f'pożizzjoni li tapplika sanzjonijiet xierqa fis-severità li jkunu effettivi sabiex jiżguraw konformità, li jiskoraġġixxu ksur u li jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS u l-Artikolu 19(2) tal-UNFSA. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(170) Fir-rigward tal-premessa (173) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, minkejja l-adozzjoni tad-Digriet tal-1 ta' Marzu 2012 imsemmi hawn fuq fil-premessa (157), il-livell ta' sanzjonijiet għadu manifestament mhux xieraq sabiex iċaħħad b'mod effettiv lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jakkumulaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (157) ta' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni li l-Kodiċi tas-Sajd tal-Ginea jista' japplika biss għal attivitajiet tas-sajd fl-ibħra tal-Ginea, mingħajr reviżjoni aktar fundamentali tal-Kodiċi tas-Sajd tal-Ginea, din il-miżura ma tistax tkopri attivitajiet ta' sajd illegali possibbli mwettqa fl-ibħra internazzjonali minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Ginea. F'dan il-kuntest, il-Ginea mhix f'pożizzjoni li tiżgura konformità tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-istokkijiet ta' ħut transżonali u għall-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS u l-Artikolu 19(1) tal-UNFSA. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(171) Kif deskritt fil-premessa (168) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea għandha qafas ġuridiku li ma jippermettix kundizzjonijiet xierqa għall-kooperazzjoni mal-UE, jew, jekk ikun il-każ ma' pajjiżi terzi jew RFMOs li jsegwu attivitajiet tas-sajd IUU mwettqa minn bastimenti tas-sajd li jbaħħru għal distanza twila fl-ibħra internazzjonali u li jieħu miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward tal-operaturi u l-bastimenti responsabbli għal sajd IUU. F'dan il-kuntest, il-Ginea ma kkooperatx mal-Kummissjoni u l-ICCAT biex tiżgura konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-istokkijiet ta' ħut trasżonali u tal-istokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna u l-infurzar tagħhom. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 118 tal-UNCLOS u l-Artikolu 20 tal-UNFSA. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(172) Kif deskritt fil-premessa (176) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea bħala Stat kostali naqset milli tinforza l-obbligi tal-bastimenti u tal-operaturi ekonomiċi li joperaw fl-EEZ tagħha u naqset milli tissanzjona b'mod xieraq il-bastimenti u l-operaturi li għalihom ġew identifikati attivitajiet ta' sajd IUU. Il-Kummissjoni matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 stabbilixxiet li s-sitwazzjoni deskritta fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tjibitx minħabba li ġie osservat li ħafna ksur kien għadu mhux qiegħed jiġi segwit (eż. nuqqas ta' sinjali VMS, ksur ripetut relatat ma' regoli dwar qabdiet inċidentali) jew mhux sanzjonat kif xieraq mill-awtoritajiet tal-Ginea (eż. l-aħħar seba' attivitajiet ta' ksur identifikati fl-ibħra tal-Ginea mill-awtoritajiet tal-Ginea fid-data tal-missjoni fi Frar 2013 ġew sanzjonati bl-anqas multa possibbli, anki jekk il-ksur li sar kien serju). Billi naqset milli timplimenta b'mod effettiv il-qafas ġuridiku tagħha, li tħarrek kif xieraq sajd IUU rikorrenti fl-ibħra tagħha u li tinforza sanzjonijiet kontra bastimenti u operaturi involuti, il-Ginea aġixxiet b'kontradizzjoni mal-Artikoli 61 u 62 tal-UNCLOS li jobbliga lil Stati kostali biex jiżguraw li ma jseħħx sfruttament żejjed.

(173) Bl-istess mod, fir-rigward tal-każ pertinenti għall-ħruġ ta' liċenzji foloz mill-Ginea lill-bastimenti barranin li operaw fl-ibħra tal-Ginea fl-2012, il-Kummissjoni matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 stabbilixxiet li l-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura ma bediex investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fi prattika ta' frodi, b'kontradizzjoni mal-proċedura prevista fl-Artikolu 10 tad-*Décret* tal-1 ta' Marzu 2012 dwar sanzjonijiet u sanzjonijiet aċċessorji. Dwar dan il-każ konkret, fil-Memorandum li jagħti sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati, li ġie trażmess fl-4 ta' Frar 2013, il-Ginea kienet innotifikata uffiċjalment u mistiedna mill-Kummissjoni biex tinforza d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi u r-regolamenti tal-Ginea sabiex tissanzjona u tiskoraġġixxi dawn il-prattiki ta' frodi li direttament jirriskjaw li jipprovokaw l-isfruttament żejjed tar-riżorsi ħajjin fl-EEZ tal-Ginea. Billi naqset milli tieħu azzjonijiet effettivi f'dan il-każ partikolari, il-Ginea bħala Stat kostali aġixxiet b'kontradizzjoni mal-Artikoli 61 u 62 tal-UNCLOS u bħala Stat tal-bandiera aġixxiet b'kontravenzjoni tal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA li jipprevedi l-obbligu li jitwettqu l-investigazzjonijiet u l-proċeduri ġudizzjarji kollha malajr.

(174) Kif deskritt fil-premessi (177) u (178) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea bħala Stat kostali tonqos ukoll milli tikkoopera b'mod attiv mal-Istati l-oħra kkonċernati biex tiżgura konformità u infurzar ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-istokkijiet ta' ħut transżonali u għall-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 li l-*Plan de Pêche* tal-Ginea għall-2013 ma jimplimentax politika sostenibbli u kredibbli għall-ħruġ ta'

liċenzji tas-sajd għal ċertu speċijiet li jpassu ħafna u għall-istokkijiet ta' ħut transżonali (ħut pelaġiku żgħir) konsistenti mal-parir xjentifiku elaborat fil-livell internazzjonali. B'mod partikolari, l-opportunitajiet tas-sajd previsti fl-2013 għal ħut pelaġiku żgħir jiksru l-parir xjentifiku pprovdut mill-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku tal-Lvant Ċentrali ([27]) (FCECA). Filwaqt li r-rapport tal-FCECA għall-2011 irrakkomanda li l-qabdiet globali ta' ħut pelaġiku żgħir li jinqabad fl-EEZs tal-Ginea Bissau, il-Ginea, Sierra Leone u l-Liberia ma jaqbżux 112 000 tunnellata kull sena, il-Ginea aġixxiet f'kontradizzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni billi għall-2013 biss stabbilixxiet kwota nazzjonali li tammonta għal 100 000 tunnellata għall-EEZ tal-Ginea. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Għall-kuntrarju, l-attitudni tal-awtoritajiet tal-Ginea mill-15 ta' Novembru 2012 tenfasizza n-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali fil-ġlieda kontra sajd IUU.

(175) Barra minn hekk, filwaqt li l-*Plan de Pêche* tal-Ginea għall-2012 ippreveda restrizzjonijiet ġuridiċi bbażati fuq il-kapaċità tal-bastimenti li jillimitaw l-isforz tas-sajd fl-EEZ tal-Ginea u li jipproteġu r-riżors ta' ħut pelaġiku żgħir, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea naqqsu r-restrizzjonijiet fil-*Plan de Pêche* għall-2013 sabiex fl-2013, il-liċenzji tas-sajd ikunu jistgħu jingħataw lil bastimenti akbar. Tabilħaqq, skont il-*Plan de Pêche* tal-Ginea għall-2012 bastimenti tas-sajd għal ħut pelaġiku żgħir biss li ma jaqbżux 2 000 TJB ("tonneaux de jauge brut", tunnellati gross reġistrati) ġew awtorizzati biex joperaw fil-Ginea. Il-Kummissjoni osservat li l-*Plan de Pêche* għall-2013 ġie mmodifikat sabiex jawtorizza l-attività ta' bastimenti tas-sajd b'kapaċità akbar (sa 4 500 TJB) fl-ibħra tal-Ginea. Minħabba din il-modifika tal-*Plan de Pêche* tal-Ginea għall-2013, ħames bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku addizzjonali ġew awtorizzati joperaw fl-ibħra marittimi tal-Ginea fl-2013 b'liċenzji tas-sajd tal-Ginea maħruġa mill-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura.

(176) Fil-kuntest deskritt fil-premessi (174) u (175) hawn fuq, ġie stabbilit li fl-2013 il-Ginea adottat Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd b'kontradizzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni subreġjonali u reġjonali għall-istokkijiet ta' ħut transżonali u għall-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 20 tal-UNFSA li jgħid li l-Istati għandhom jikkooperaw immedjatament u malajr sabiex jiżguraw konformità mal-miżuri tal-konservazzjoni u l-ġestjoni u l-infurzar tagħhom. Bl-istess mod, ġie stabbilit li l-Ginea fl-2013 iddeċidiet li timmodifika l-miżuri tal-konservazzjoni u l-ġestjoni għal sajd pelaġiku żgħir mingħajr ma kkunsidrat il-parir xjentifiku. Il-Kummissjoni osservat li l-Ginea aġixxiet b'kontradizzjoni tal-prinċipju tal-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin fl-EEZ tagħha, u pperikolat l-istokk tas-sajd ikkonċernat minħabba sfruttament żejjed. Meta għamlet dan, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Ginea qiegħda tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha ta' Stat kostali skont l-Artikoli 61 u 62 tal-UNCLOS.

(177) Fir-rigward tal-istorja, in-natura, iċ-ċirkustanzi, il-limitu u l-gravità tal-manifestazzjonijiet tal-attivitajiet tas-sajd tal-IUU kkunsidrati, il-Kummissjoni qieset l-attivitajiet tas-sajd IUU rikorrenti u ripetittivi tal-bastimenti li tajru l-bandiera tal-Ginea sal-2013, l-attivitajiet tas-sajd IUU repetittivi u rikorrenti mwettqa minn bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra marittimi tagħha kif ukoll attivitajiet tas-sajd IUU appoġġjati miċ-ċittadini tagħha. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll l-iżviluppi wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(178) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet li għad hemm nuqqas ta' koordinazzjoni sinifikanti bejn il-*Préfecture Maritime* li għadha kemm twaqqfet u s-*Centre National de Surveillance des Pêches*. F'dan ir-rigward, ġie stabbilit mill-Kummissjoni matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 u kkomunikat lill-awtoritajiet tal-Ginea li l-koordinazzjoni bejn il-*Préfecture Maritime* (taħt l-awtoritá tal-Presidenza) u s-*Centre National de Surveillance des Pêches* (il-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura) għandha tittejjeb sabiex tiżgura riżultati konkreti f'termini ta' identifikazzjoni u sanzjonar ta' sajd IUU fl-EEZ tal-Ginea. Din is-sitwazzjoni xxekkel l-effettività tal-proċeduri ta' infurzar stabbiliti mill-Ginea bħala Stat tal-bandiera u tal-kosta u għaldaqstant mhix konsistenti mal-UNFSA.

(179) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Ginea fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera u tal-kosta huma insuffiċjenti biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 61, 62, 94, 117 u 118 tal-UNCLOS u l-Artikoli 18, 19 u 20 tal-UNFSA.

(180) Fl-isfond tal-premessi (165) sa (180) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) tar-Regolament IUU, hija tal-opinjoni li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera u tal-kosta fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

### 7.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(181) Kif deskritt fil-premessi (183) sa (205) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni analizzat informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus tal-Ginea bħala Parti Kontraenti tal-IOTC u l-ICCAT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet analiżi tal-informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus tal-Ginea bħala Parti Kontraenti tal-IOTC u l-ICCAT wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

([27]) http://www.spcsrp.org/

(182) Il-Kummissjoni osservat li mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-ICCAT ħarġet ittra ta' Tħassib fl-2013 [28] lill-Ginea. Minkejja l-isforzi li saru mill-Ginea, is-Segretarjat tal-ICCAT esprima t-tħassib tiegħu rigward id-defiċjenzi fir-rappurtar tagħha fl-2012. B'mod partikolari, f'din l-ittra l-Ginea ġiet identifikata għan-nuqqas tagħha li tikkonforma b'mod sħiħ u effettiv mal-obbligi tagħha li tissottometti informazzjoni rilevanti relatata mal-kummerċ kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-06-13 ICCAT. Tabilħaqq, l-ICCAT esprimiet it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas tal-Ginea li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa kollha u rapporti dwar: obbligu ta' rappurtar tal-istatistika (Rakkomandazzjoni 05-09 ICCAT); il-Parti II tar-rapport Annwali; dejta dwar il-Kompitu 1 (statistika dwar il-flotta jew dejta dwar id-daqs); u informazzjoni b'rabta ma' miżuri ta' ġestjoni għall-bastimenti kbar bil-konzijiet tal-wiċċ għall-qbid tat-tonn u ma' tabelli tal-konformità. Huwa rilevanti wkoll li jiġi nnutat li l-ICCAT talbet informazzjoni lil Ginea dwar l-azzjonijiet li ħadet fir-rigward tal-bastiment Daniaa, li ilu fil-lista IUU mill-2008. Tabilħaqq, fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 11-18 ICCAT, fir-rigward il-Lista ta' bastimenti meqjusa li wettqu attivitajiet tas-sajd IUU, l-ICCAT talbet lil Ginea biex tinvestiga u tinfurmahom dwar il-bandiera attwali tal-bastiment Daniaa.

(183) Il-Kummissjoni analizzat ukoll informazzjoni disponibbli mill-ICCAT dwar il-konformità tal-Ginea mar-regoli u mal-obbligi ta' rappurtar ICCAT. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni vvalutat it-Tabelli Sommarju tal-Konformità għall-2012 tal-ICCAT [29]. Skont l-informazzjoni disponibbli, il-Ginea ġiet identifikata abbażi tan-nuqqasijiet rigward in-nuqqas ta' rappurtar dwar kwoti u limiti ta' qabdiet, dwar il-miżuri tal-konservazzjoni u l-ġestjoni għal bastimenti kumplessivament twal 20 metru jew aktar, dwar il-Parti II tar-Rapport Annwali, dwar il-Kompitu 1 rigward il-flotta u d-dejta dwar id-daqs. Barra minn hekk, il-Ginea ma rrappurtatx azzjonijiet li ttieħdu fir-rigward ta' bastiment wieħed fuq il-lista ta' bastimenti IUU ICCAT (Daniaa).

(184) Skont l-informazzjoni derivata mir-Rapport tal-Konformità IOTC għall-2013 [30], il-Ginea għadha ma tikkonformax għas-sena 2012 fir-rigward ta' diversi Riżoluzzjonijiet adottati mill-IOTC. B'mod partikolari, il-Ginea ma pprovdietx ir-Rapport ta' Implimentazzjoni tagħha, b'konformità mal-Artikolu X tal-Ftehim IOTC. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 10/09 dwar l-obbligu ta' implimentazzjoni, il-Ginea ma pprovdietx il-Kwestjonarju tal-Konformità komplut. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 12/11 dwar ir-rappurtar tal-bastimenti, il-Ginea ma pprovdietx rapport obbligatorju dwar il-kapaċitajiet ta' referenza tagħha għal tonn tropikali u/jew għall-pixxispad u l-alonga. Rigward ir-Riżoluzzjoni IOTC 10/02 dwar rekwiżiti statistiċi obbligatorji, il-Ginea ma rrappurtatx qabdiet nominali, qabdiet u sforz u dejta dwar il-frekwenza tad-daqs kif mitlub minn din ir-Riżoluzzjoni. Fir-rigward tar-Riżoluzzjoni IOTC 05/05 dwar is-sottomissjoni ta' dejta rigward il-klieb il-baħar, il-Ginea ma kkonformatx ma' din ir-Riżoluzzjoni minħabba li ma ġiex ipprovdut ir-rapport obbligatorju dwar id-dejta dwar il-klieb il-baħar.

(185) Il-prestazzjoni tal-Ginea fir-rigward tal-obbligi ICCAT kif spjegat fil-premessi (182) u (183) ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll in-nuqqas tagħha li tipprovdi lill-IOTC l-informazzjoni msemmija fil-premessa (184) ta' din id-Deċiżjoni, tindika n-nuqqas tal-Ginea li tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera stipulati fl-UNCLOS u l-UNFSA. B'mod partikolari n-nuqqas li tiġi pprovduta informazzjoni dwar statistika, qabdiet u sforz, kapaċitajiet ta' referenza għat-tonn, il-pixxispad u l-alonga u dejta dwar il-klieb il-baħar, ixekkel il-kapaċità tal-Ginea li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS li jistipulaw l-obbligi tal-Istat li jadotta miżuri għaċ-ċittadini rispettivi tiegħu għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-ibħra internazzjonali u li jikkoopera fir-rigward ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi ħajjin fiż-żoni tal-ibħra internazzjonali.

(186) Fid-dawl tal-elementi ġodda esposti fil-premessi (182) sa (184) ta' din id-Deċiżjoni li jsaħħu dak li wrew il-premessi (200) sa (205) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 18(3) u 18(4) tal-UNFSA. F'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(187) Barra minn hekk, fir-rigward tal-premessa (191) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, u l-ksur tar-Rakkomandazzjoni 03-14 ICCAT (rigward l-istandards minimi għall-istabbiliment ta' VMS fiż-żona ta' konvenzjoni ICCAT), il-Ginea ħadet miżuri biex issewwi u tagħmel operazzjonali l-VMS mill-1 ta' Jannar 2013. Madankollu, il-Kummissjoni matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 osservat u kkomunikat lil Ginea li l-kundizzjonijiet li taħthom il-VMS bħalissa qiegħda tintuża, ma jistgħux jiżguraw monitoraġġ u kontroll effettiv u effiċjenti tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea jew ta' bastimenti barranin li joperaw fl-EEZ tal-Ginea (eż. servizz mhux kontinwu matul il-lejl u fi tmiem il-ġimgħa; diversi bastimenti tas-sajd ma jirrappurtawx il-pożizzjonijiet VMS tagħhom; infurzar diskriminatorju tal-obbligi fis-seħħ; nuqqas ta' taħriġ tal-persunal; nuqqas ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn is-*Centre National de Surveillance des Pêches* li jopera taħt l-awtorità tal-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura u s-semafora li topera taħt l-awtorità tal-*Préfecture Maritime*). Il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni amministrattiva tal-1 ta' Lulju 2013 dwar ir-regoli li għandhom jiġu applikati f'termini tas-sistema ta' intraċċar VMS kif indikat fil-premessa (140) ta' din

[28] Ittra ICCAT, 11 ta' Frar 2013, Ċirkolari ICCAT Nru 620, 11.2.2013.

[29] ICCAT, Tabelli tas-Sommarju tal-Konformità, Rapport ICCAT 2012-2013.

[30] Rapport ta' Konformità IOTC għall-Ginea, Taqsima Kumitat tal-Konfomità, 10, 2013, CoC10-CR08 [E].

id-Deċiżjoni hija pożittiva iżda mhix suffiċjenti minn perspettiva operazzjonali biex tiżgura monitoraġġ u kontroll effettiv u effiċjenti fuq l-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea u ta' bastimenti barranin li joperaw fl-EEZ tal-Ginea. F'dan il-kuntest, filwaqt li l-Ginea, fid-data ta' din id-Deċiżjoni mhix f'pożizzjoni li timmonitorja u tikkontrolla b'mod effettiv l-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha u li joperaw fiż-żona ICCAT permezz ta' Ċentru għall-Monitoraġġ tas-Sajd operattiv b'mod sħiħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Ginea qiegħda tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 18(3)(g) tal-UNFSA. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma sarx progress suffiċjenti mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(188) Bl-istess mod, fir-rigward tal-premessa (192) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, u l-ksur tar-Rakkomandazzjoni 06-11 ICCAT (li tistabbilixxi programm għat-trażbord), il-Ginea kif indikat fil-premessa (134) ta' din id-Deċiżjoni, issottomettiet Digriet adottat fil-kapaċità tagħha ta' Stat kostali li jinforza projbizzjoni ta' trażbord fuq il-baħar fl-ibħra marittimi tagħha u li jirregola t-trażbord fil-portijiet. Madankollu, mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea fir-responsabbiltà tagħha bħala Stat tal-bandiera ma ħadet ebda miżura preventiva u korrettiva biex tiżgura kontroll effettiv u infurzar tal-projbizzjoni tat-trażbord fuq il-baħar fiż-żona ICCAT fir-rigward ta' tliet bastimenti tas-sajd bil-*purse seiner* li jtajru l-bandiera tal-Ginea li ripetutament u kontinwament kisru r-Rakkomandazzjoni 06-11 ICCAT fl-2010 u l-2011. F'dan il-kuntest, filwaqt li l-Ginea, fid-data ta' din id-Deċiżjoni, mhix f'pożizzjoni li tirregola b'mod effettiv it-trażbord fl-ibħra internazzjonali ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha u li joperaw fiż-żona ICCAT tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ginea ma tissodisfax l-obbligi tagħha ta' Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 18(3)(h) tal-UNFSA. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma sarx progress suffiċjenti mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(189) Fir-rigward tal-obbligi tal-Ginea bħala Stat kostali taħt il-liġi internazzjonali, fir-rigward tal-premessi (193) u (194) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u kif spjegat fil-premessi (174) u (175) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni stabbilixxiet li s-sitwazzjoni f'termini ta' ġestjoni tal-isforz tas-sajd bħalissa hija agħar milli kienet fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Bħala riżultat tal-politika attwali applikata mill-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura, il-Kummissjoni osservat li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd barranin awtorizzati li joperaw fl-ibħra tal-Ginea żdied minn 60 fl-2010 u 56 f'Ġunju 2011 għal 70 fi Frar 2013 filwaqt li l-Ginea mhix f'pożizzjoni li timmonitorja u tikkontrolla b'mod effettiv l-attivitajiet tas-sajd li jseħħu fl-EEZ tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-Politika tas-Sajd applikata mill-Ginea (sforz tas-sajd akbar fl-ibħra marittimi tagħha inkonsistenti mal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, u skonness mill-kapaċità amministrattiva għall-monitoraġġ u kontroll) qiegħda tikkontradixxi l-prinċipju tal-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin fl-EEZ tagħha, li probabbliment jipperikola l-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati (speċijiet pelaġiċi żgħar, speċijiet li jgħixu qrib qiegħ il-baħar, u krustaċji) mill-isfruttament żejjed.

(190) F'dan il-kuntest, kif enfasizzat fil-premessi (206) sa (208) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, kuntrarju għall-obbligi li għandha l-Ginea skont il-liġi internazzjonali bħala Stat kostali, il-politika tas-sajd attwali applikata mill-Ginea ma tiżgurax miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni abbażi tal-aħjar evidenza xjentifika sabiex ir-riżorsi ħajjin fl-EEZ ma jkunux jistgħu jiġu pperikolati mill-isfruttament żejjed. Għaldaqstant, ma sar l-ebda progress f'dan ir-rigward, mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Ginea ħadet miżuri ġodda li jmorru kontra l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, u mmodifikat il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni f'sens li jista' jipperikola r-riżorsi ħajjin fl-EEZ tagħha u l-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna u l-istokkijiet ta' ħut transżonali mingħajr ma tikkoopera ma' Stati kostali oħra taż-żona. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea ma tissodisfax l-obbligi tagħha bħala Stat kostali skont l-Artikolu 61 u 62 tal-UNCLOS. F'dan ir-rigward, din l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea setgħet naqqset l-effettività tal-liġi u r-regolamenti tal-Ginea, u l-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni.

(191) F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 31(6)(c) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni, matul il-missjoni li saret bejn is-26 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2013 osservat l-eżistenza ta' modifiki għall-*Plan de Pêche* tal-Ginea mill-Ministeru tas-Sajd u l-Akkwakultura kif deskritt fil-premessi (174) u (175) ta' din id-Deċiżjoni. Dawn il-modifiki li l-awtoritajiet tal-Ginea adottaw fl-2013 naqqsu l-effettività tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Barra minn hekk, il-politika tal-ħruġ ta' liċenzji tas-sajd implimentata mill-Ginea qiegħda tikkontradixxi l-parir xjentifiku elaborat fil-livell internazzjonali (FCECA) għal ċerti speċijiet li jpassu ħafna u stokkijiet transżonali (speċijiet pelaġiċi żgħar). Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni amministrattiva tal-1 ta' Lulju 2013 li twaqqaf *Comité de suivi-évaluation* għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sajd tal-Ginea kif deskritt fil-premessa (140) ma tistax minnha nnifisha tikkoreġi s-sitwazzjoni li aktar tirrikjedi reviżjoni fundamentali tal-*Plan de Pêche* tal-Ginea sabiex issegwi l-għan li jiġi evitat l-isfruttament żejjed tar-riżorsi ħajjin fl-EEZ tal-Ginea.

(192) Fir-rigward tal-premessa (209) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea ma ħadet ebda miżura għall-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra sajd IUU skont it-tifsira tal-punti 25, 26 u 27 tal-IPOA IUU. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(193) Fir-rigward tal-premessa (210) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Ginea ma ħadet ebda miżura li tirrevoka jew timmodifika l-proċedura li tippermetti reġistrazzjoni temporanja ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea mingħajr garanziji li jiskoraġġixxu u jipprevjenu reġistrazzjoni ta' bastimenti IUU. Barra minn hekk, il-Kummissjoni matul il-missjoni li saret mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013 osservat u kkomunikat lill-Ginea li n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-*Agence de Navigation Maritime* (ANAM) taħt l-awtorità tal-Ministeru tat-Trasport u l-Ministeru tas-sajd u l-Akkwakultura joħloq riskju addizzjonali għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti IUU taħt il-bandiera tal-Ginea. F'dan il-kuntest, filwaqt li l-Ginea, fid-data ta' din id-Deċiżjoni mhix f'pożizzjoni li teżerċita b'mod effettiv il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tagħha fuq bastimenti li jistgħu jkunu temporanjament reġistrati taħt il-bandiera tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea ma tissodisfax l-obbligi tagħha ta' Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma sar ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012.

(194) Barra minn hekk, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' sistema xierqa ta' ħruġ ta' liċenzji għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea fl-Ibħra Internazzjonali, il-Kummissjoni matul il-missjoni fuq il-post mis-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2013, osservat li ma sar l-ebda progress f'dan ir-rigward mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012. F'dan il-kuntest, filwaqt li l-Ginea, fid-data ta' din id-Deċiżjoni mhix f'pożizzjoni li tikkontrolla b'mod effettiv il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha permezz ta' ħruġ ta' liċenzji tas-sajd u l-istabbiliment ta' regoli sabiex jiġu applikati t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-liċenzji tas-sajd, il-Kummissjoni tqis li l-Ginea ma tissodisfax l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 18(b) tal-UNFSA.

(195) Konsegwentement, l-azzjonijiet li ħadet il-Ginea fid-dawl tal-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera u kostali mhumiex biżżejjed biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 61, 62, 94, 117 u 118 tal-UNCLOS u l-Artikoli 18 u 20 tal-UNFSA.

(196) Fl-isfond tal-premessi (182) sa (210) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li l-Ginea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward ta' regoli, regolamenti, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 7.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw**

(197) Kif deskritt fil-premessa (212) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Ginea hija kkunsidrata bħala pajjiż fejn l-iżvilupp tal-bniedem huwa baxx (il-178 pajjiż minn 186 pajjiż) ([31]) u skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-Ginea hija elenkata fil-kategorija tal-anqas pajjiżi żviluppati.

(198) Kif deskritt fil-premessi (215) u (216) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, l-UE, fl-aħħar snin ipprovdiet lill-Ginea b'assistenza finanzjarja u teknika.

(199) Barra minn hekk, fir-rigward tal-premessa (180) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni osservat li l-Ginea rċeviet appoġġ tekniku u finanzjarju addizzjonali minn Stat Membru tal-UE sabiex tiżviluppa s-sistema ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tagħha sabiex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tidentifika u tiġġieled kontra sajd IUU fl-ibħra marittimi tagħha (eż. tagħmir ta' żewġ semafori, kooperazzjoni teknika u assistenza pprovduta fuq il-post minn persunal militari għat-twaqqif tal-*Prefecture Maritime* u koordinazzjoni ta' azzjonijiet u operazzjonijiet fuq il-baħar).

(200) Fid-dawl tal-premessa (217) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 u l-iżviluppi wara l-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, hija tal-opinjoni li l-istatus ta' żvilupp tal-Ginea jista' jkun imxekkel mil-livell ta' żvilupp tagħha. Madankollu, b'kunsiderazzjoni għan-natura tan-nuqqasijiet stabbiliti, l-assistenza pprovduta mill-UE u l-Istati Membri, u l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni, il-livell ta' żvilupp ta' dan il-pajjiż ma jistax jispjega l-prestazzjoni kumplessiva tal-Ginea bħala Stat tal-bandiera jew Stat kostali fir-rigward tas-sajd u l-insuffiċjenza tal-azzjoni tagħha sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.

## 8. **KONKLUŻJONI DWAR L-IDENTIFIKAZZJONI TA' PAJJIŻI TERZI LI MA JIKKOOPERAWX**

(201) Fl-isfond tal-konklużjonijiet li saru aktar 'il fuq rigward in-nuqqas tal-Beliże, il-Kambodja u l-Ginea li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq, u biex jieħdu azzjoni biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU, dawk il-pajjiżi għandhom jiġu identifikati, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, bħala pajjiżi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(202) B'kunsiderazzjoni għall-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament IUU, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma marbuta biex fejn xieraq, jirrifjutaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu ebda evidenza addizzjonali jew jagħmlu talba għal assistenza lill-Istat tal-bandiera meta jkunu konxji li

([31]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 10.

ċ-ċertifikat tal-qabda ġie vvalidat mill-awtoritajiet ta' Stat tal-bandiera identifikat bħal Stat li ma jikkooperax b'konformità mal-Artikolu 31.

(203) Għandu jiġi ddikjarat li l-identifikazzjoni tal-Beliże, il-Kambodja u l-Ginea bħala pajjiżi li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni ma tipprekludi ebda passi sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill għall-finijiet tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

## 9. **KUMITAT TA' PROĊEDURA**

(204) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu waħdieni*

Il-Beliże, ir-Renju tal-Kambodja u r-Repubblika tal-Ginea huma identifikati bħala pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Novembru 2013

## dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqishom li possibilment ikunu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

(2013/C 346/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-Regolament IUU) jistabbilixxi sistema tal-Unjoni sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-pajjiżi terzi li ma kkooperawx, il-passi fir-rigward tal-pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx, it-tfassil ta' lista tal-pajjiżi li ma kkooperawx, il-pubblikazzjoni tal-lista ta' pajjiżi li ma kkooperawx u kwalunkwe miżura ta' emerġenza.

(3) B'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi li ma kkooperawx. It-tali notifika hija ta' bixra preliminari. In-notifika tal-pajjiżi terzi bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi li ma kkooperawx għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll il-passi kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tinkludi fin-notifika informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali sottostanti bħall-identifikazzjoni, l-opportunità li dawk il-pajjiżi jwieġbu u jipprovdu evidenza li tirrifjuta l-identifikazzjoni jew, meta xieraq, pjan ta' azzjoni biex itejjeb is-sitwazzjoni u miżuri meħudin biex jirrettifikawha. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiżi terzi kkonċernati biżżejjed żmien biex iwieġbu n-notifika u żmien raġonevoli biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

[1] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(4) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea tista' tidentifika lill-pajjiżi terzi li tqishom bħala pajjiżi li ma kkooperawx fil-ġlieda tas-sajd IUU. Pajjiż terz jista' jkun identifikat bħala pajjiż terz li ma kkooperax jekk jonqos milli jwettaq l-obbligi eżistenti tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq, biex jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

(5) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma kkooperawx ser tkun ibbażata fuq ir-reviżjoni tal-informazzjoni kollha kif stipulat fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(6) B'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill jista' jistabbilixxi lista ta' pajjiżi li ma kkooperawx. Il-miżuri stipulati, *inter alia*, fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(7) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, Stati tal-bandiera li huma pajjiżi terzi huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-arranġamenti tagħhom għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd tagħhom iridu jikkonformaw magħhom.

(8) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jappartjenu għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

### 2. PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAR-REPUBBLIKA TAL-KOREA

(9) In-notifika tar-Repubblika tal-Korea (il-Korea) bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament IUU mill-1 ta' Jannar 2010.

(10) Mill-11 sal-15 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EFCA, għamlet missjoni lejn il-Korea fil-kuntest ta' kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(11) Il-missjoni kellha l-għan li tivverifika l-informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-Korea għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd tagħhom iridu jikkonformaw magħhom, il-miżuri meħudin mill-Korea sabiex timplimenta l-obbligi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u sabiex tissodisfa r-rekwiżiti u l-punti tagħha li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda tal-Unjoni.

(12) Ir-rapport finali tal-missjoni ntbagħat lill-Korea fil-5 ta' Ottubru 2011.

(13) Il-kummenti tal-Korea fuq ir-rapport finali tal-missjoni daħlu fit-28 ta' Marzu 2012.

(14) Fl-ittra datata l-11 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni sottomettiet għand l-awtoritajiet Koreani informazzjoni dwar l-attivitajiet IUU identifikati mill-bastimenti Koreani.

(15) Mis-17 sat-18 ta' April 2012 il-Kummissjoni għamlet missjoni sussegwenti fil-Korea biex tagħti segwitu għall-azzjonijiet meħudin fl-ewwel missjoni.

(16) Il-Korea ssottomettiet kummenti addizzjonali bil-miktub fis-16 ta' Mejju 2012, il-25 ta' Ġunju 2012, il-21 ta' Diċembru 2012, id-19 ta' Ġunju 2013 u l-21 ta' Ġunju 2013. Ipprovdiet ukoll tweġibiet matul il-laqgħat li saru fi Brussell fis-26 ta' Jannar 2012, it-8 ta' Ġunju 2012, is-6 ta' Settembru 2012, id-9 ta' Ottubru 2012, it-8 ta' Marzu 2013, it-13 ta' Marzu 2013, it-22 ta' April 2013, il-31 ta' Mejju 2013 u l-25 ta' Lulju 2013. Iż-żewġ naħat bagħtu kummenti bil-miktub lil xulxin fil-livell politiku fis-27 ta' Ġunju 2013 u s-17 ta' Lulju 2013.

(17) Il-Korea hija Parti Kontraenti fil-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR), il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn tan-Nofsinhar (CCSBT), il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC), il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd tal-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Paċifiku tan-Nofsinhar (SPRFMO), id-WCPFC, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) u l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO). Il-Korea t'Isfel irratifikat l-UNCLOS u l-UNFSA. Aċċettat il-Ftehim tal-FAO tal-2003 li jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni mill-Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa (Ftehim tal-FAO dwar il-Konformità).

(18) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni relevanti kollha sabiex tevalwa l-konformità tal-Korea mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq ([2]) kif stipulati fil-ftehimiet internazzjonali u stabbiliti mill-RFMOs imsemmijin fil-premessa (17).

(19) Il-Kummissjoni użat informazzjoni miksuba minn dejta disponibbli ppubblikata minn CCMALR, IOTC u ICCAT jew fil-forma ta' Rapporti tal-Konformità jew fil-forma ta' listi tal-bastimenti IUU kif ukoll informazzjoni pubblikament disponibbli misjuba mid-Dipartiment tal-Istati Uniti tar-Rapport tal-Kummerċ lill-Kungress. Skont it-Taqsima 403(a) tal-Att ta' Riawtorizzazzjoni tal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tas-Sajd Magnuson-Stevens tal-2006, Jannar 2013 (ir-rapport tas-Servizz Nazzjonali tas-Sajd Marittimu (NMFS)).

## 3. IL-POSSIBILITÀ LI R-REPUBBLIKA TAL-KOREA TKUN IDENTIFIKATA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA KKOOPERAX

(20) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat l-obbligi tal-Korea bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq. Għall-fini ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Rikorrenza tal-Bastimenti IUU u l-flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) (a) tar-Regolament IUU)

(21) Il-Kummissjoni stabbilixxiet, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mill-missjonijiet fuq il-post tagħha u minn konfermi bil-miktub mill-Istati terzi tal-kosta kkonċernati involuti li, matul l-2011 u l-2012 dsatax-il bastiment bil-bandiera Koreana wettqu ksur serju ta' sajd IUU.

(22) Fuq il-bażi tal-evidenza miksuba, dawn il-bastimenti bil-bandiera Koreana jitqiesu li wettqu l-ksur serju li ġej li jmur kontra l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli fi ħdan l-oqsma tas-sajd ikkonċernati, peress li: stadu bla liċenzja, awtorizzazzjoni jew permess validi maħruġin mill-Istat tal-bandiera jew l-Istat tal-kosta relevanti; stadu f'żoni magħluqin jew fi staġun magħluq; użaw dokumenti amministrattivi foloz tal-Istat tal-kosta biex jimportaw fl-UE prodotti tal-ħut maqbudin f'kundizzjonijiet illegali fl-ilmijiet ġurisdizzjonali tal-Istat tal-kosta; użaw dokumenti foloz jew invalidi biex jiksbu validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda mill-awtoritajiet Koreani u l-importazzjoni tal-prodotti fl-UE; iffalsifikaw jew ħbew il-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni tagħhom; xekklu l-ħidma tal-uffiċjali tal-Istat tal-kosta fit-twettiq ta' dmirijiethom fl-ispezzjonar tal-konformità mal-miżuri applikabbli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni; ma ħallsu ebda waħda mis-sanzjonijiet applikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-kosta; taw isem ġdid b'mod unilaterali u illegali u bidlu s-sinjali tas-sejħa tagħhom. Barra minn hekk, meta dawn il-bastimenti ddeċidew li jitilqu miż-ŻEE tal-Istat tal-kosta, ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom li jirreġistraw u jirrapportaw dejta dwar il-qabda jew relatata magħha u ma għarrfux minn qabel lill-awtoritajiet tal-Istat tal-kosta. Finalment, ħadu sehem f'operazzjonijiet ta' trasbord bla ma kkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet tagħhom għat-trasbord mogħtijin mill-Istati tal-kosta kompetenti, bla ma għarrfu minn qabel lill-Istati tal-kosta u bla ma kienu applikaw għal awtorizzazzjoni ta' trasbord u kisbuha mingħand l-Istati kompetenti. Dawn l-elementi kollha ġew sottomessi lill-awtoritajiet Koreani bl-ittra tal-11 ta' Ottubru 2011.

([2]) Għall-Istat tas-Suq u l-miżuri korrispondenti, ara l-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina sajd IUU, il-paragrafi minn 65 sa 76, u l-Kodiċi tal-Kondotta tal-1995 tal-FAO għas-Sajd Responsabbli (traduzzjonijiet mhux uffiċjali), Artikolu 11.2.

(23) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li x-xejra tal-imġiba tal-bastimenti bil-bandiera Koreana għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex tiġi stabbilita l-gravità partikolari tal-fatti. Il-valur, il-gravità u r-repetizzjoni tal-attivitajiet illegali mwettqin, kif deskritti fil-premessa (22), huma indikazzjonijiet addizzjonali tas-serjetà tal-ksur imwettaq.

(24) Waqtiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali tal-Istati tal-kosta għall-infurzar tal-istaġuni magħluqin, moratorju jew żona magħluqa riżervata għas-sajd artiġjanali huma ta' dannu partikolari għas-sostenibilità tar-riżorsi tas-sajd fl-Istati tal-kosta kkonċernati li qed jiżviluppaw, u qed jgħakksu l-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali.

(25) Barra minn hekk, bl-operat bil-mod spjegat fil-premessa (22), dawn il-bastimenti xekklu l-ħila tal-awtoritajiet tas-sajd kompetenti tal-Istati tal-kosta sabiex jieħdu ħsieb u jissorveljaw l-attivitajiet tagħhom fuq il-baħar. Il-Kummissjoni qieset li t-twettiq ta' trasbord fuq il-baħar bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti mill-ICCAT jew mingħajr il-premessa tal-Istat tal-kosta bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu huwa ta' serjetà partikolari, u jista' jxekkel serjament l-ilħuq tal-għanijiet tar-regoli miksurin, jixħet f'riskju s-sostenibilità tar-riżorsi tas-sajd fl-Istat tal-kosta kkonċernat u jċaħħad lill-awtoritajiet kompetenti mill-unika possibilità li jieħdu ħsieb dawn l-attivitajiet, xi ħaġa li ssarraf f'riskju f'termini ta' traċċabilità u kontroll tal-prodotti tal-ħut. Tabilħaqq, f'ċerti każijiet, l-imġiba ta' nuqqas ta' kooperazzjoni ssoktata tal-bastiment Korean żiedet il-gravità tal-ksur imwettaq. Finalment, ħafna minn dan il-ksur huwa definit bħala serju mil-liġijiet tal-Istati tal-kosta kompetenti.

(26) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Korea ma ħaditx il-miżuri xierqa biex tipprevjeni, taqbad u tissanzjona attivitajiet rikorrenti ta' sajd IUU mwettqin minn bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ilmijiet tagħha. Tabilħaqq, l-informazzjoni disponibbli tikkonferma li l-ksur rikorrenti twettaq minn bastimenti tas-sajd bil-bandiera Koreana li joperaw fi ħdan ilmijiet tal-pajjiż terz. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li f'bosta każijiet, minkejja l-informazzjoni relevanti disponibbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Korea: – ma fethux proċedimenti; – ma ssanzjonawx il-bastimenti kkonċernati; – ma infurzawx b'mod effettiv is-sanzjonijiet meta imponewhom; – f'xi każijiet, saħansitra naqqsu l-livell tas-sanzjonijiet li akkumpanjaw. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Istat tal-bandiera (il-Korea), l-Istati tal-kosta kkonċernati ma setgħux jieħdu azzjonijiet ta' infurzar effettivi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet li f'każijiet fejn l-awtoritajiet Koreani taw sanzjonijiet, il-livell tal-penali imposti fuq dawk il-bastimenti bil-bandiera Koreana kienu inadegwati wisq u s-sanzjonijiet kienu neqsin mill-karattru proporzjonat, effettiv u dissważiv meħtieġ skont ir-regoli u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari fl-Artikolu 19 tal-UNFSA u l-punt 21 tal-IPOA dwar l-IUU.

(27) Mill-informazzjoni pprovduta minn kumpanija Koreana u informazzjoni miġbura matul il-missjoni tal-Kummissjoni f'Marzu 2011, il-Kummissjoni stabbilixxiet li kien ilhom 4 snin iseħħu trasbordijiet illegali bil-baħar bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Panama u tal-Istati tal-kosta tul il-kosta tal-Afrika tal-Punent mill-Angola lejn il-Ginea Bissaw.

(28) Il-Kummissjoni għandha evidenza ta' trasbordijiet illegali mwettqin minn bastimenti ta' proprjetà Koreana. B'konformità mal-Artikolu 62 tal-UNCLOS, iċ-ċittadini ta' Stati oħrajn li jistadu fiż-ŻEE ta' Stat tal-kosta għandhom jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u ma' termini u kundizzjonijiet oħrajn fil-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat tal-kosta. B'hekk, il-Kummissjoni tqis li t-twettiq ta' trasbordijiet fuq il-baħar bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti jew mingħajr il-permess tal-Istat tal-kosta kkonċernat bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu, huwa ksur IUU ta' gravità partikolari u jista' jxekkel serjament is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd fl-Istat tal-kosta kkonċernat.

(29) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha l-oħrajn li saru mill-pajjiż ikkonċernat, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4) (a) tar-Regolament IUU, il-Korea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġijiet internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti IUU u sajd IUU mwettaq jew appoġġjat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha jew miċ-ċittadini tagħha u ma ħaditx azzjoni biżżejjed biex tiġġieled sajd IUU dokumentat u rikorrenti minn bastimenti li qabel kienu jtajru l-bandiera tagħha.

### 3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)**

(30) Fir-rigward ta' jekk il-Korea tikkooperax b'mod effettiv mal-Kummissjoni u l-Istati tal-kosta f'investigazzjonijiet ta' attivitajiet ta' sajd IUU u oħrajn assoċjati, huwa osservat li l-evidenza miġbura mill-Kummissjoni tindika li l-Korea naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera kif stipulat fil-liġi internazzjonali.

(31) Fir-rigward tad-dsatax-il bastiment bil-bandiera Koreana msemmijin fil-premessa (21), huwa osservat li peress li l-awtoritajiet Koreani naqsu milli jikkooperaw mal-Kummissjoni fil-qafas tal-Artikolu 26 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura tal-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament vis-à-vis l-operaturi kkonċernati.

(32) Is-sitwazzjoni tindika li l-Korea naqset ukoll milli tikkoopera u tikkoordina attivitajiet mal-UE u Stati oħrajn sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU kif stipulat fil-punt 28 tal-IPOA dwar l-IUU. Il-Korea naqset ukoll milli tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet fil-punt 24 tal-IPOA dwar l-IUU li jagħti parir sabiex l-Istati tal-bandiera jiżguraw monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tas-sajd, permezz tal-punt tal-ħatt tal-qabdiet, sad-destinazzjoni finali, inkluż bl-implimentazzjoni tal-VMS skont l-istandards nazzjonali, reġjonali u internazzjonali relevanti. Dan jinkludi r-rekwiżit sabiex il-bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni tagħha jġorru VMS abbord. Bl-istess mod, il-Korea naqset milli tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet fil-punt 45 tal-IPOA dwar l-IUU li jagħti parir sabiex jiġi żgurat li kull bastiment intitolat itajjar il-bandiera tagħha li jistad f'ilmijiet barra s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħha għandu awtorizzazzjoni valida biex jistad maħruġa mill-Istat tal-bandiera kkonċernat. Barra minn hekk, il-Korea tonqos milli tikkonforma mal-punt 47(7) tal-IPOA dwar l-IUU billi ma talbitx biex tara l-imgħoddi tal-bastiment f'termini ta' ksur possibbli mwettaq qabel tagħti liċenzja tas-sajd.

(33) Ta' min jinnota wkoll li l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali 2005 tal-Korea kontra s-sajd IUU (NPOA) ma ġiex aġġornat, għall-kuntrarju tar-rakkomandazzjonijiet fil-punti 26 u 27 tal-IPOA dwar l-IUU. Il-Pjan Korean ta' Mejju 2013 sabiex Jissaħħaħ il-Mekkaniżmu ta' Prevenzjoni u Skoraġġiment tal-Attivitajiet ta' Sajd IUU minn bastimenti bil-bandiera Koreana huwa abboz li ma jistax jitqies bħala Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dettaljat u ċar kontra s-sajd IUU. Il-Korea ma tejbitx il-livell ta' implimentazzjoni tal-NPOA tagħha b'mod li tiżgura li l-isforzi nazzjonali ta' prevenzjoni, skoraġġiment u eliminazzjoni tas-sajd IUU ikunu kkoordinati internament. B'mod partikolari, f'termini ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tal-flotta fuq distanza twila, ma ġewx issodisfati numru ta' għanijiet. Matul il-missjonijiet tagħha, il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati tal-kosta mhuwiex sodisfaċenti. Il-Korea għadha ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex taqdi r-responsabilitajiet tagħha bħala Stat tal-bandiera u tal-port skont il-liġi internazzjonali.

(34) Matul il-missjoni mwettqa fil-Korea f'Lulju 2011, il-Kummissjoni osservat li ma kienx hemm Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd (FMC) per se, biex jikkontrolla l-flotta Koreana tas-sajd fuq distanza twila, u l-operaturi tat-Taqsima tas-Sajd f'Ilmijiet fuq Distanza Twila ma jistgħux jikkonfermaw jekk bastiment partikolari huwiex f'żona ġeografika partikolari jew le u jekk bastiment partikolari, meta jistad f'żona partikolari (ŻEE jew RFMO) huwiex fil-fatt awtorizzat biex jopera hemm. Barra minn hekk, dwar il-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda għall-flotta ta' distanza twila, instab li l-awtorità Koreana kompetenti, is-Servizz Nazzjonali ta' Spezzjoni tal-Kwalità tal-Prodotti tal-Ħut ma għandha l-ebda mezz biex tagħmel kontroverifika tal-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-qabda u sorsi ta' informazzjoni affidabbli oħrajn bħal-liċenzji tas-sajd tal-operatur ekonomiku, il-pożizzjonijiet tal-VMS tal-bastimenti tas-sajd, ir-rapporti tal-qabda jew kopji tal-ġurnali ta' abbord. Skont l-informazzjoni mill-Gvern tal-Korea twaqqaf Ministeru ġdid tal-Oċeani u s-Sajd, u ser ikun ikkummissjonat FMC biex jissorvelja l-flotta tiegħu. Madankollu, il-leġiżlazzjoni eżistenti għadha mhijiex konformi mal-Artikolu 18(3)(e)(g)(iii) u 18(4) tal-UNFSA. F'dan ir-rigward, iridu jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet identifikati f'termini ta' riżorsi umani, disponibilità ta' dejta fuq il-pożizzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd f'ħin reali jew dejta storika, metodi użati u taħriġ tal-uffiċjali inkarigati.

(35) Fir-rigward tar-regoli amministrattivi rigward it-trasbord bil-baħar ta' ħut, il-Korea ddikjarat li regoli bħal dawn jeżistu biss f'każijiet koperti mill-RFMOs jew jekk l-Istati tal-kosta jirregolaw it-tali attività. Fil-każ imsemmi l-aħħar ġie ċċarat li l-Gvern tal-Korea ma jirċievi ebda rapport tat-tali operazzjonijiet ta' trasbord bil-baħar. F'dan ir-rigward, importanti li jiġi osservat li t-trasbordijiet bil-baħar imwettqin mill-bastimenti tas-sajd Koreani fl-ilmijiet tal-Afrika tal-Punent ġabu magħhom ksur kif imsemmi fil-premessi (21) sa (28), u kienu soġġetti għal talbiet għal verifika fl-2011 minn Stati Membri differenti [3].

(36) L-eżistenza ta' proċedura skont l-Artikolu 27 tar-Regolament IUU tikkostitwixxi indikazzjoni oħra tan-nuqqas tal-Korea milli taqdi r-responsabilitajiet tagħha fir-rigward tal-bastimenti tagħha li joperaw fl-ibħra miftuħin kif stipulat fl-Artikolu 18(1) u (2) tal-UNFSA. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 19(1) tal-UNFSA, l-Istat tal-bandiera huwa meħtieġ jiżgura konformità mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu mar-regoli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-RFMO.

(37) Il-Kummissjoni analizzat jekk il-Korea ħaditx miżuri effettivi ta' infurzar fir-rigward tal-operaturi responsabbli għas-sajd IUU u jekk ġewx applikati sanzjonijiet ħorox biżżejjed biex iċaħħdu lil dawk li wettqu r-reati mill-benefiċċji li kisbu mis-sajd IUU.

(38) Ir-rikorrenza tal-każijiet ta' sajd IUU deskritti fil-premessi (21) sa (28) tindika li l-Korea naqset milli tieħu azzjonijiet ta' infurzar bħala tweġiba għat-tali sajd IUU wara li saru t-talbiet relevanti mill-Kummissjoni.

---

[3] Ittra tat-12 ta' Lulju 2011 tal-QIA.

(39) In-nuqqas tal-Korea milli tissorvelja u tissanzjona b'mod effettiv il-parteċipazzjoni ta' bastimenti Koreani f'dawn l-attivitajiet illegali jxekkel il-ħila tagħha sabiex tissodisfa l-obbligi li għandha skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS li jistipulaw id-dmirijiet tal-Istati sabiex jadottaw miżuri nazzjonali għaċ-ċittadini rispettivi tagħhom għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-ibħra miftuħin. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota wkoll li l-importanza tal-azzjonijiet effettivi fir-rigward tas-sidien benefiċjarji hija kkonfermata mid-dokumenti relevanti tal-FAO u l-OECD li jixħtu dawl fuq l-importanza tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji għall-ġlieda kontra l-attivitajiet illeċiti ([4]) u l-bżonn ta' rekords dwar il-bastimenti tas-sajd u s-sid benefiċjarju ([5]). Dik il-prattika amministrattiva, li tista' tattira operaturi IUU għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti IUU, mhijiex konformi mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(40) In-nuqqas tal-Korea bħala Stat tal-bandiera milli tissodisfa l-obbligi tagħha ta' konformità u infurzar kif stipulati fl-Artikolu 19 tal-UNFSA huwa kkonfermat ukoll mill-informazzjoni miġbura bil-missjonijiet li saru fl-2011 u l-2012 u mill-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera Koreana kienu qed iwettqu attivitajiet ta' sajd IUU b'mod rikorrenti. Is-sitwazzjoni ġabet magħha l-bidu tal-proċeduri skont l-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament IUU. Bħalissa għaddejjin il-proċeduri skont l-Artikolu 27 sabiex jiġi stabbilit jekk l-attivitajiet ta' sajd IUU humiex sanzjonati b'mod adegwat b'tali mod li jiżgura konformità, jiskoraġġixi l-ksur u jċaħħad lil dawk li wettqu r-reati mill-benefiċċji li kisbu mill-attivitajiet illegali tagħhom. L-awtoritajiet Koreani ġew mgħarrfin b'dawk il-proċeduri bl-ittri tal-11 ta' Ottubru 2011, it-22 ta' Diċembru 2011 u t-2 ta' Marzu 2012.

(41) Il-punti 34 u 35 tal-IPOA dwar l-IUU jistipulaw ukoll li l-Istati għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd intitolati sabiex itajru l-bandiera tagħhom ma jiħdux sehem f'sajd IUU u lanqas ma jappoġġjawh u, qabel ma jirreġistraw bastiment, jistgħu jeżerċitaw ir-responsabilità tagħhom ħalli jiżguraw li l-bastiment ma jieħux sehem f'sajd IUU. Barra minn hekk, l-azzjonijiet imsemmijin fil-premessa (59) dwar l-attivitajiet taċ-ċittadini Koreani fis-sajd tat-tonn tropikali fil-Golf tal-Ginea, li jinkludew trasbordijiet projbiti minn bastimenti bil-bandiera tal-Gana, ixekklu l-ħila tal-Korea sabiex tilħaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 94(2) (b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(42) L-evidenza disponibbli tikkonferma li l-Korea ma ssodisfatx l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tal-miżuri effettivi ta' infurzar. F'dan ir-rigward huwa mfakkar li, skont l-Att tal-Korea dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Oċeani tal-2007, kif emendat f'Marzu 2013, bastimenti tas-sajd bil-bandiera Koreana huma meħtieġa jġorru l-VMS biss meta jistadu fil-qafas tal-RFMOs li jitolbu l-VMS, jew meta joperaw f'ibħra nazzjonali skont il-Ftehimiet dwar is-Sajd li l-Korea ffirmat ma' pajjiżi terzi ([6]). B'hekk, ma hemm ebda rekwiżit legali sabiex il-bastimenti jġorru VMS jekk jistadu f'ibħra miftuħin barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-RFMOs jew f'ilmijiet tal-Istati tal-kosta li magħhom ma hemm ebda ftehim dwar is-sajd. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Koreani nhar il-25 ta' Lulju 2013, bħalissa 97 minn fost it-344 bastiment tas-sajd Korean ta' distanza twila mhumiex mgħammrin b'sistema ta' VMS. Skont l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Oċeani ta' Lulju 2013, l-installazzjoni tal-VMS mhijiex prevista b'mod ċar bħala obbligatorja għall-flotta Koreana kollha ta' distanza twila, irrelevanti fejn joperaw. Illum, it-traċċar obligatorju bil-VMS saret prattika internazzjonali aċċettata, li għalhekk tagħmel parti naturali mill-obbligi tal-Istati tal-bandiera skont l-Artikolu 18(3) (e) UNFSA. Il-fatti deskritti f'din il-premessa u fil-premessi (21) sa (28) jindikaw li l-Korea naqset milli tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94 tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu. Barra minn hekk, il-Korea ma tissodisfax il-konformità u l-obbligi ta' infurzar tagħha bħala Stat tal-bandiera stipulati fl-Artikolu 19 tal-UNFSA peress li naqset milli turi li aġixxiet u operat skont ir-regoli dettaljati stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(43) Barra minn hekk, fir-rigward tal-miżuri ta' infurzar implimentati mill-Korea, il-missjonijiet imwettqin mill-Kummissjoni fil-Korea sabu wkoll li hemm bżonn li jiġu riveduti s-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-ksur, kif stipulat fid-Direttiva Ministerjali Koreana tad-29 ta' Diċembru 2009 dwar ir-regoli tal-UE fuq l-IUU, l-"Att ta' Kontroll tar-Riżorsi tas-Sajd". Is-sanzjonijiet kriminali stipulati fis-sistema legali tal-Korea jistabbilixxu limitu massimu ġenerali għall-multi ta' 1 000 Dollaru Amerikan għal ksur. Il-livell tat-tali sanzjonijiet huwa ovvjament inadegwat u b'mod ċar mhux proporzjonat għas-serjetà tal-ksur possibbli, l-impatt potenzjali tal-ksur fuq ir-riżorsa u għall-benefiċċju potenzjali li jista' jinkiseb mit-tali azzjonijiet illegali għal dawk li kisru r-regoli. L-Att adottat dan l-aħħar (Lulju 2013) dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Oċeani ma jistabbilixxix katalogu ċar ta' sanzjonijiet dissważivi (kriminali u amministrattivi) u sanzjonijiet li jakkumpanjawhom. Is-sistema riveduta attwali tipprevedi bosta derogi dwar is-sospensjoni ta' liċenzji, ma tiddefinixxix biċ-ċar ksur serju, fiha definizzjonijiet mhux ċari u metodi mhux ċari ta' kalkolu

([4]) OECD, ir-Rapport "Sjieda u Kontroll tal-Bastimenti" (traduzzjoni mhux uffiċjali) miksub minn fuq: http://www.oecd.org/dataoecd/53/9/17846120.pdf

([5]) FAO, "Reġistru komprensiv tal-bastimenti tas-sajd, bastimenti tat-trasport imkesshin, bastimenti ta' forniment u sidien benefiċjarji" (traduzzjoni mhux uffiċjali), Rapport ta' Studju mid-Dipartiment tas-Sajd tal-FAO, Marzu 2010 (miksub minn fuq: ftp://ftp.fao.org/FI/DOCUMENT/global_record/eims_272369.pdf) u IPOA IUU, punt 18.

([6]) Il-Korea iffirmat ftehimiet ta' sajd ma' 13-il pajjiż (ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, Tuvalu, il-Gżejjer Solomon, Kiribati, il-Papwa Ginea Ġdida, il-Gżejjer Cook, Franza, l-Iran, l-Awstralja, il-Mawritanja u l-Ekwador).

tal-livell ta' sanzjonijiet. Matul il-missjoni li saret f'Marzu 2011 u l-komunikazzjonijiet ta' wara li saru mal-Korea, il-Kummissjoni osservat li, minkejja d-disponibilità ta' informazzjoni suffiċjenti għan-notifika tal-ksur imwettaq mill-bastimenti tas-sajd tagħha li joperaw f'ibħra miftuħin u ilmijiet ta' pajjiżi terzi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Korea kienu qed jonqsu milli jieħdu azzjonijiet fil-ħin biex jibdew proċedimenti u, fejn xieraq, biex jissanzjonaw kif suppost il-bastimenti kkonċernati. Skont l-Artikolu 62 tal-UNCLOS, ċittadini ta' Stati oħrajn li jistadu fiż-ŻEE ta' pajjiż terz iridu jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u mat-termini u l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti fil-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati tal-kosta. F'dan ir-rigward, il-prattiki amministrattivi osservati fil-Korea mhumiex konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera skont il-UNCLOS.

(44) Ta' min jinnota li l-Korea ssemmiet ukoll fir-rapport tal-NMFS ([7]). Il-Korea ġiet identifikata li naqset milli tapplika sanzjonijiet suffiċjenti biex tiskoraġġixxi lill-bastimenti tagħha milli jieħdu sehem f'attivitajiet tas-sajd li jiksru l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni meħtieġa skont ftehim internazzjonali dwar l-ġestjoni tas-sajd. B'mod speċifiku, l-NMFS taħseb li l-Korea mhijiex qed tikkontrolla b'mod effettiv id-disa' bastimenti tas-sajd tagħha li bħalissa huma awtorizzati jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR. Tqajjem tħassib simili matul it-18-il Laqgħa speċjali tal-ICCAT f'Novembru 2012 dwar l-attivitajiet ta' ċittadini Koreani involuti fi trasbordijiet illegali possibbli kif inhu spjegat iktar fil-premessa (59). Il-Gvern tal-Korea kompla jindika li ġiet adottata emenda tal-liġi relevanti biex jissaħħu s-sanzjonijiet kontra l-attivitajiet ta' sajd IUU. Minkejja l-Att ta' Lulju 2013 dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Oċeani, is-sistema l-ġdida ta' sanzjonar għadha mhijiex biżżejjed biex tiskoraġġixxi attivitajiet ta' sajd IUU, kif spjegat fi (43).

(45) Wara li ġiet ikkunsidrata s-sitwazzjoni spjegata fil-premessi (43) u (44), huwa konkluż li l-livell tas-sanzjonijiet għall-ksur IUU stipulat fil-leġiżlazzjoni Koreana mhuwiex konformi mal-Artikolu 19(2) tal-UNFSA li jistabbilixxi li s-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-ksur għandhom ikunu adegwati bħala severità sabiex ikunu effettivi fl-iżgurar tal-konformità u sabiex jiskoraġġixxu ksur kull fejn iseħħ u għandhom iċaħħdu lil dawk li jwettqu r-reati mill-benefiċċji li jiksbu mill-attivitajiet illegali tagħhom. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-Korea fir-rigward tal-miżuri effettivi ta' infurzar mhijiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 21 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda sabiex l-Istati jiżguraw li s-sanzjonijiet għas-sajd IUU mill-bastimenti huma severi biżżejjed sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv sajd IUU u sabiex iċaħħdu mill-benefiċċji miksubin minn dan is-sajd.

(46) In-nuqqas tal-Korea milli tissodisfa l-obbligi tagħha dwar il-konformità u l-infurzar, kif spjegat f'din it-taqsima, jikser ukoll l-Artikolu III (8) tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Konformità li jiddikjara li kull Parti għandha tieħu miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha li jaġixxu b'tali mod li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Konformità, inkluż, fejn xieraq, li tibda tqis il-ksur tat-tali dispożizzjonijiet bħala reat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sanzjonijiet applikabbli fir-rigward ta' kontravenzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu tabilħaqq serji biżżejjed sabiex ikunu effettivi fis-salvagwardja tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Konformità u sabiex iċaħħdu lil dawk li jwettqu r-reati mill-benefiċċji li jiksbu mill-attivitajiet illegali tagħhom.

(47) Fir-rigward tal-istorja, l-għamla, iċ-ċirkustanzi, id-daqs u l-gravità tal-manifestazzjonijiet ta' sajd IUU kkunsidrati, il-Kummissjoni qieset l-attivitajiet rikorrenti u ripetittivi ta' sajd IUU ta' bastimenti bil-bandiera Koreana sal-2013 kif intqal fil-premessi (21) sa (24).

(48) Rigward il-kapaċità eżistenti tal-awtoritajiet Koreani, ta' min jinnota li, skont l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem ([8]), il-Korea titqies bħala pajjiż bi żvilupp tal-bniedem ferm għoli (it-12 minn 186 pajjiż). Wara li ġiet ikkunsidrata l-pożizzjoni tagħha, tqies li m'hemmx bżonn li tiġi analizzata l-kapaċità eżistenti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Korea. Dan għaliex il-livell ta' żvilupp tal-Korea, kif imsemmi f'din il-premessa, ma jistax jitqies bħala fattur li jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkooperaw ma' pajjiżi oħrajn u jfittxu li jwettqu azzjonijiet ta' infurzar.

(49) B'konformità mal-analiżi fil-premessa (48) ta' min jinnota wkoll li fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mill-missjoni f'Lulju 2011, ma jistax jitqies li l-awtoritajiet Koreani neqsin minn riżorsi finanzjarji; b'kuntrast, dawn l-awtoritajiet iktar ibatu min-nuqqas tal-ambjent u s-setgħat legali u amministrattivi neċessarji biex iwettqu dmirijiethom.

(50) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) tar-Regolament IUU, il-Korea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

([7]) Rapport tal-NMFS, p. 24.

([8]) Informazzjoni miksuba minn fuq http://hdr.undp.org/en/statistics/

### 3.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(51) Il-Korea rratifikat l-UNCLOS u l-UNFSA, u aċċettat il-Ftehim tal-FAO dwar il-Konformità. Barra minn hekk, il-Korea hija Parti Kontraenti għal CCAMLR, CCSBT, IATTC, ICCAT, IOTC, SPRFMO, WCPFC, NAFO u SEAFO.

(52) Il-Kummissjoni analizzat kwalunkwe informazzjoni li qieset relevanti fir-rigward tal-istatus tal-Korea bħala Membru Kontraenti ta' CCAMLR, IOTC u ICCAT.

(53) Matul il-laqgħa tal-2011 tas-CCAMLR ([9]), rigward il-bastiment *Insung No 7*, tqajjem tħassib dwar il-livell ta' sanzjonijiet tal-Korea fuq l-operatur, il-bastiment u l-kaptan, minħabba s-serjetà tal-attività illegali. Il-Kumitat Permanenti tas-CCAMLR dwar l-Implimentazzjoni u l-Konformità (SCIC) ippropona t-tqegħid tal-bastiment *Insung No 7* fil-Lista ta' Bastimenti IUU tal-Parti Kontraenti, iżda l-Korea mblokkat l-inklużjoni tiegħu matul it-tletin laqgħa tas-CCAMLR.

(54) Fir-Rapport dwar il-Konformità tal-IOTC għall-Korea maħruġ mill-Kumitat dwar il-Konformità fis-Sessjoni tiegħu tal-2011 ([10]), il-Korea kienet identifikata bħala mhux konformi ma' Rekwiżiti Statistiċi Obbligatorji stipulati fir-Riżoluzzjoni 05/05, 09/06 u 10/06 (qabda inċidentali ta' fkieren marittini u għasafar ta' qrib il-baħar mhux sottomessi, klieb il-baħar parzjalment sottomessi). Il-Kumitat sab ukoll bosta waqtiet ta' ksur fil-konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-Korea rigward: ir-Riżoluzzjoni 10/04 dwar l-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali, peress li l-Korea ma kinitx issottomettiet rapporti ta' osservaturi; u r-Riżoluzzjoni 01/06 u 03/03, dwar il-programm tad-dokumenti statistiċi tal-IOTC dwar it-tonn obeż, peress li l-Korea ma kinitx irrapportat mal-IOTC il-valutazzjoni tagħha tad-dejta ta' esportazzjoni mqabbla mad-dejta ta' importazzjoni. It-tħassib tal-Kumitat dwar il-livell tal-konformità mill-Korea kien ikkomunikat lil dan il-pajjiż mill-President tal-IOTC f'ittra datata t-22 ta' Marzu 2011.

(55) Skont l-informazzjoni miksuba mir-Rapport tal-IOTC dwar il-Konformità pprovdut fl-10 ta' Marzu 2012 ([11]), fl-2011 il-Korea ma kinitx konformi jew kienet biss parzjalment konformi ma' bosta Riżoluzzjonijiet adottati mill-IOTC. B'mod partikolari, fir-rigward tal-istandards tal-ġestjoni mhux l-affarijiet kollha tas-sajd kienu mmarkati kif meħtieġ mir-Riżoluzzjoni 01/02. Rigward il-VMS, il-Korea mhijiex konformi mar-Riżoluzzjoni 10/01 għaliex ma ġiet ipprovduta ebda informazzjoni dwar is-sommarju tar-reġistru tal-VMS fir-Rapport ta' Implimentazzjoni. Il-Korea ssodisfat b'mod parzjali biss l-obbligu tagħha li tissottometti dejta dwar klieb il-baħar kif meħtieġ fir-Riżoluzzjoni 05/05. Barra minn hekk, il-President tal-Kumitat dwar il-Konformità identifika azzjonijiet importanti ta' nuqqas ta' konformità kontra l-qafas legali tal-IOTC. F'dan ir-rigward, il-Korea ma kinitx issottomettiet rapporti ta' osservaturi kif meħtieġ mir-Riżoluzzjoni 11/04 tal-IOTC u ma kinitx ipprovdiet rapport dwar ir-riżultati tal-analiżi tad-dejta dwar it-tonn obeż.

(56) Barra minn hekk, skont iċ-Ċirkulari tal-IOTC 2013–2014 ([12]), matul l-2012 bastiment Korean minnhom kien irrapportat li kien involut fi ksur possibbli osservat fil-Programm tal-Osservaturi Reġjonali tal-IOTC għall-monitoraġġ fit-trasbordijiet bil-baħar.

(57) Huwa mfakkar li fl-2010 l-ICCAT ħarġet ittra ta' identifikazzjoni għall-Korea ([13]). Fl-ittra tagħha, il-Korea ġiet identifikata li naqset milli tikkonforma bis-sħiħ u b'mod effiċjenti mal-obbligu tagħha li tikkomunika statistiki kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni 05-09 tal-ICCAT. Fl-istess ittra, l-ICCAT saħqet li l-Korea ma kinitx ipprovdiet id-dejta u l-informazzjoni neċessarji kollha bħal: dejta fuq il-Kompitu I (dejta sottomessa wara d-data ta' skadenza); Kompitu II (qabda u sforz sottomessi wara d-data ta' skadenza u d-daqs tal-qabda mhux sottomess); tabelli tal-konformità sottomessi wara d-data ta' skadenza; rapporti dwar it-trasbord mhux sottomessi; informazzjoni dwar l-istandard ta' ġestjoni tal-bastiment tal-linja twila tat-tonn fuq skala kbira sottomessa wara d-data ta' skadenza; rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 08-05 sottomess wara d-data ta' skadenza; rapport dwar l-implimentazzjoni ta' pjan annwali tas-sajd riċevut wara d-data ta' skadenza u Pjan ta' ġestjoni tal-kapaċità sottomess wara d-data ta' skadenza. Il-Kumitat osserva wkoll il-qbid żejjed mill-Korea: qbid eċċessiv tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku bi ksur tar-Rakkomandazzjoni 07-03; qbid eċċessiv tal-pixxispad tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għat-tieni sena konsekuttiva bi ksur tar-Rakkomandazzjoni 06-03; u qbid eċċessiv tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku għat-tielet sena konsekuttiva bi ksur tar-Rakkomandazzjoni 08-02. B'referenza għar-Rakkomandazzjoni 08-01, bħala pajjiż b'qabdiet minuri, il-Korea ma kellhiex limitu speċifikat għall-qabda ta' tonn obeż. Madankollu, il-Kumitat saħaq ukoll li ma kienx hemm l-intenzjoni li pajjiżi b'qabdiet minuri jżidu l-qabdiet tagħhom għal iktar minn 2 100 tunnellata metrika. Il-Kumitat esprima tħassib dwar ix-xejra li qed tiżdied tal-Korea fil-qbid tat-tonn obeż. Il-Kumitat tħasseb ukoll dwar il-fatt li l-Korea ma kinitx qed tieħu azzjoni effettiva biex trażżan il-qbid tal-marlin abjad fi ħdan il-limiti speċifikati mir-Rakkomandazzjoni 06-09.

([9]) CCAMLR, Rapport tat-tletin laqgħa tal-Kummissjoni (traduzzjoni mhux uffiċjali), l-Awstralja, Hobart, 24 ta' Ottubru-4 ta' Novembru 2011, CCAMLR-XXX, paragrafi 9.12-9.28.

([10]) Rapport tal-IOTC dwar il-Konformità għall-Korea mill-Kumitat dwar il-Konformità (traduzzjoni mhux uffiċjali), it-8 Sessjoni tas-CoC, Marzu 14-16, 2011, IOTC-2011-S15-CoC25Rev1[E].

([11]) Rapport tal-IOTC dwar il-Konformità (traduzzjoni mhux uffiċjali) tal-10.3.2012, IOTC-2012-CoC09-CR14_Rev1[E].

([12]) Ċirkulari tal-IOTC tat-12 ta' Frar 2013.

([13]) Ittra ta' identifikazzjoni tal-ICCAT, 4 ta' Marzu 2010, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 590, 4 ta' Marzu 2010.

(58) Fl-2010 inħarġet ittra ta' identifikazzjoni għall-Korea dwar bosta nuqqasijiet fil-konformità mal-miżuri ta' ġestjoni u r-rekwiżiti ta' rapportar (14). F'din l-ittra, il-Korea hija informata li l-ICCAT iddeċidiet li żżomm l-identifikazzjoni tal-Korea taħt ir-Rakkomandazzjoni tagħha Dwar il-Miżuri Kummerċjali 06-13. Barra minn hekk, il-Korea ġiet identifikata għan-nuqqas tagħha milli tikkonforma mal-obbligi tagħha kif stipulati fir-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT dwar il-Konformità ma' Obbligi ta' Rapportar Statistiku 05-09; biex Tkompli Ssaħħaħ il-Pjan sabiex Terġa' Tkattar il-Popolazzjonijiet tal-Marlin Blu u l-Marlin Abjad 06-09; u dwar il-Limiti fuq il-Qabdiet tal-Alonga tan-Nofsinhar għall-2008, l-2009, l-2010 u l-2011 07-03. Fuq din in-nota, il-Kumitat dwar il-Konformità ddetermina li l-Korea ma pprovdietx id-dejta u r-rapporti kollha neċessarji sad-dati ta' skadenza stabbiliti. Instabu problemi dwar in-nuqqas ta' rapportar, sottomissjonijiet tard, rapportar inkomplut u dejta ta' kwalità batuta. Il-Kumitat esprima wkoll tħassib li l-Korea ma ħaditx azzjoni effettiva biex tikkontrolla l-qabdiet tal-alonga tan-Nofsinhar fi ħdan il-limiti speċifikati mir-Rakkomandazzjoni 07-03 u l-qabdiet tal-kastardella speċifikati mir-Rakkomandazzjoni 06-09, kif muri mill-qabdiet eċċessivi tal-alonga tan-Nofsinhar u l-marlin abjad fl-2008 u l-2009. Minħabba dawn in-nuqqasijiet identifikati, fl-istess ittra ta' identifikazzjoni l-ICCAT talbet lill-Korea: sabiex twieġeb minnufih għaċ-ċirkulari annwali tas-Segretarjat dwar l-applikabilità tar-rekwiżiti ta' rapportar tal-ICCAT u, għal dan l-għan, tirrevedi l-proċeduri tagħha ta' ġbir u rapportar tad-dejta; tissottometti mas-Segretarjat il-pjanijiet ta' ġestjoni preliminari għall-alonga tan-Nofsinhar u l-kastardella, inklużi miżuri li għandhom jittieħdu biex il-qabdiet fil-ħatt jinżamm fil-livelli fil-mira stabbiliti u informazzjoni dwar il-kapaċità tal-flotta għall-ilmijiet tas-sajd fejn kien qed iseħħ qbid żejjed.

(59) Fl-2011, l-ICCAT ħarġet ittra ta' tħassib għall-Korea dwar bosta nuqqasijiet fil-konformità (15). Tabilħaqq, il-Kumitat dwar il-Konformità ddeċieda li jesprimi t-tħassib tiegħu li l-Korea ma kkonformatx bis-sħiħ mal-obbligi tagħha skont ir-Rakkomandazzjoni mill-ICCAT għall-Promozzjoni tal-Konformità miċ-Ċittadini ta' Partijiet Kontraenti, Partijiet mhux Kontraenti li Kkooperaw, Entitajiet, jew Entitajiet tas-Sajd mal-Miżuri tal-ICCAT dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni (Rakkomandazzjoni 06-14). Il-Kumitat esprima wkoll it-tħassib tiegħu dwar l-attivitajiet ta' ċittadini Koreani fl-ilmijiet tas-sajd għat-tonn tropikali tal-Golf tal-Ginea li jistgħu jinvolvu trasbordijiet projbiti minn bastimenti bil-bandiera lejn il-Gana. Il-Kumitat ħeġġeġ lill-Korea sabiex tindirizza l-involviment ta' ċittadini Koreani f'attivitajiet illegali li jseħħu f'dawk l-ilmijiet tas-sajd. Finalment, il-Korea ntalbet tgħarraf lill-ICCAT dwar l-azzjonijiet li kienet ħadet biex tippromwovi l-konformità miċ-ċittadini tagħha li huma involuti fis-sajd għat-tonn tropikali fil-Golf tal-Ginea.

(60) L-ICCAT ħarġet ittra ta' tħassib għall-Korea dwar l-attivitajiet ta' ċittadini Koreani fl-ilmijiet tas-sajd għat-tonn tropikali fil-Golf tal-Ginea li jistgħu jinvolvu trasbordijiet projbiti fuq il-baħar fl-2012 (16). F'din l-ittra, l-ICCAT talbet lill-Korea sabiex tieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex tiżgura li l-bastimenti u ċ-ċittadini Koreani mhumiex involuti f'attivitajiet illegali li jseħħu f'dawk l-ilmijiet tas-sajd.

(61) Minħabba n-nuqqas tagħha milli tikkontrolla l-bastimenti f'ibħra miftuħin skont ir-regoli tal-RFMOs u n-nuqqas tagħha milli tiżgura konformità tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha mar-rakkomandazzjonijiet tas-CCAMLR, tal-ICCAT u tal-IOTC, il-Korea qed taġixxi bi ksur tal-Artikolu 18(3) (a) tal-UNFSA li jeħtieġ li l-Istati li għandhom bastimenti li jistadu fl-ibħra miftuħin jieħdu miżuri ta' kontroll ħalli jiżguraw li dawk il-bastimenti jikkonformaw mar-regoli tal-RFMO.

(62) Kif deskritt fil-premessa (57), il-Korea ma tissodisfax l-obbligi tagħha li ġejjin mill-Artikolu 18(3) (b) (ii) tal-UNFSA billi tippermetti lill-bastimenti tagħha sabiex jistadu bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ICCAT. Peress li ma tissodisfax l-istandards tal-ġestjoni għall-immarkar tal-affarijiet tas-sajd, il-Korea tonqos milli tikkonforma mal-Artikolu 18(3) (d) tal-UNFSA. Il-Korea ma tikkonformax mar-rekwiżiti dwar ir-reġistrar u r-rapportar fil-ħin tal-Artikolu 18(3) (e) u 18(3) (g) tal-UNFSA minħabba n-nuqqas tagħha milli tissottometti għand l-IOTC u l-ICCAT informazzjoni dwar rapporti anwali, statistiċi u tal-osservaturi, dejta dwar il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali. Il-Korea ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18(3) (g) tal-UNFSA fid-dawl tan-nuqqas tagħha milli tikkonforma mal-obbligu ta' rapportar mal-IOTC fuq is-sommarju tar-rekord tal-VMS u ta' sorveljanza tat-trasbordijiet bil-baħar.

(63) Finalment, ta' min jinnota li, għall-kuntrarju tar-rakkomandazzjonijiet fil-punti 25, 26 u 27 tal-IPOA dwar l-IUU, il-Korea ma aġġornatx b'mod effettiv pjan nazzjonali kontra s-sajd IUU.

(64) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU, il-Korea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward ta' regoli, regolamenti u miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

(14) Ittra ta' identifikazzjoni tal-ICCAT, 18 ta' Jannar 2011, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 173, 18 ta' Jannar 2011.

(15) Ittra ta' tħassib tal-ICCAT, 21 ta' Frar 2012, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 636, 21 ta' Frar 2012.

(16) Ittra ta' tħassib tal-ICCAT, 11 ta' Frar 2013, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 610, 11 ta' Frar 2013.

### 3.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

(65) Huwa mfakkar li, skont l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem ([17]), il-Korea titqes bħala pajjiż bi żvilupp tal-bniedem għoli ħafna (it-12 mill-186 pajjiż). Min-naħa l-oħra, il-Korea hija mniżżla fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 bħala pajjiż li jaqa' taħt il-kategorija ta' pajjiżi u territorji mhux fil-fażi tal-iżvilupp.

(66) Wara li tqieset dik il-klassifikazzjoni, il-Korea ma tistax titqies li hija pajjiż b'restrizzjonijiet speċifiċi li ġejjin direttament mil-livell ta' żvilupp tagħha.

(67) Ta' min jinnota li n-notifika tal-Korea bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament IUU mill-1 ta' Jannar 2010. B'hekk, il-Korea kkonfermat li, kif jiddikjara l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, għandha arranġamenti nazzjonali fis-seħħ għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd iridu jikkonformaw magħhom.

(68) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Korea bil-bosta nuqqasijiet li sabet matul il-missjonijiet li għamlet u l-laqgħat li saru. Il-Kummissjoni fittxet li tikseb il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Koreani u tavvanza fl-azzjonijiet korrettivi fir-rigward tan-nuqqasijiet li nstabu. Il-Korea naqset milli tieħu azzjonijiet korrettivi suffiċjenti u tikseb żviluppi pożittivi fil-korrezzjoni tan-nuqqasijiet stabbiliti. Il-Kummissjoni analizzat ir-reviżjoni riċenti tal-Att tagħha dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Oċeani li għandu l-għan li jistabbilixxi sanzjonijiet, jistabbilixxi Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd, jestendi t-tagħmir tal-VMS għall-bastimenti tas-sajd kollha ta' ilma distanti u jistabbilixxi programmi ġodda ta' taħriġ għall-baħħara. Madankollu, dan it-test legali domestiku ġdid għadu mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikoli 62, 94, 117 u 118 tal-UNCLOS, l-Artikoli 18, 19 u 20 tal-UNFSA kif ukoll il-bosta rakkomandazzjonijiet tal-RFMOs (li fihom il-Korea hija Parti Kontraenti) għar-raġunijiet diġà spjegati fit-Taqsima 3 tad-Deċiżjoni. Dwar l-elementi mistħuqin l-oħrajn, minn serje ta' laqgħat mal-awtoritajiet Koreani fil-perjodu ta' bejn April u Lulju 2013, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Korea ma daħħlet ebda pjan konkret u tanġibbli biex timplimenta dawn l-azzjonijiet u għadha mhijiex f'pożizzjoni li timplimenta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha u tikkontrolla l-flotta tagħha lil hinn miż-żoni taħt sovranità jew ġurisdizzjoni nazzjonali.

(69) Is-sitwazzjoni deskritta hawn fuq f'din it-taqsima tikkonferma li l-Korea hija pajjiż ferm żviluppat b'biżżejjed mezzi sabiex jaffaċċja u jikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati iżda l-awtoritajiet Koreani għadhom ma daħħlux u lanqas ma implimentaw miżuri biex jiġġieldu l-attivitajiet IUU.

(70) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, l-istatus tal-iżvilupp u l-prestazzjoni ġenearli tal-Korea fir-rigward tas-sajd mhumiex indeboliti mil-livell ta' żvilupp tagħha.

## 4. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAR-REPUBBLIKA TAL-GANA**

(71) In-notifika tar-Repubblika tal-Gana (il-Gana) bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament IUU mill-1 ta' Jannar 2010.

(72) Mit-28 sal-31 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EFCA, marret fuq missjoni fil-Gana fil-kuntest ta' kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(73) Il-missjoni kellha l-għan li tivverifika l-informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-Gana għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regoamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastiment tas-sajd iridu jikkonformaw magħhom, miżuri meħudin mill-Gana sabiex timplimenta l-obbligi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u sabiex tissodisfa r-rekwiżiti u l-punti tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-Unjoni ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet.

(74) Ir-rapport finali tal-missjoni ntbagħat lill-Gana nhar l-14 ta' Ġunju 2013.

(75) Missjoni sussegwenti tal-Kummissjoni fil-Gana biex tagħti segwitu għall-azzjonijiet meħudin fl-ewwel missjoni saret bejn is-16 u t-18 ta' Lulju 2013. Fis-17 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni tat lil Gana osservazzjonijiet bil-miktub dwar is-sitwazzjoni stabbilita fil-pajjiż. Fit-23 ta' Lulju saret laqgħa teknika b'konferenza bil-vidjo bejn l-awtoritajiet tal-Gana u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni pprovdiet lil Gana r-rapport relevanti dwar il-laqgħa fl-1 ta' Awwissu 2013.

(76) Fit-23 ta' Settembru 2013 daħlet sottomissjoni sussegwenti tal-Gana.

(77) Il-Gana hija Parti Kontraenti għall-ICCAT, il-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Baleni (IWC), il-Kumitat dwar is-Sajd fuq Ilmijiet Interni u l-Akkwakultura tal-Afrika (CIFAA), il-Kumitat tas-Sajd tal-Golf tal-Ginea Ċentrali tal-Punent (FCWC) u l-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF), li t-tnejn huma korpi konsultattivi sottoreġjonali tas-sajd.

([17]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 8.

(78) Il-Gana rratifikat l-UNCLOS. Iffirmat il-Ftehim tal-2009 tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Port għall-Prevenzjoni, l-Iskoraġġiment u l-Eliminazzjoni ta' Sajd Illegali, Mhux Rapportat u Mhux Regolat (Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Port).

(79) Sabiex tevalwa l-konformità tal-Gana mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq ([18]) stipulati fil-ftehimiet internazzjonali msemmijin fil-premessa (76) u stabbiliti mill-RFMOs imsemmijin fil-premessi (76) u (79), il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni relevanti kollha għall-fini tat-tali eżerċizzju.

(80) Il-Kummissjoni użat l-informazzjoni miksuba mid-dejta disponibbli ppubblikata mil-ICCAT, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) u l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) u l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) jew fil-forma ta' Rapporti dwar il-Konformità jew fil-forma ta' listi tal-bastimenti IUU kif ukoll informazzjoni pubblikament disponibbli miksuba mir-rapport tal-NMFS tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ([19]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat ir-riżultati tal-missjonijiet imwettqin fl-2013 fil-Gana.

## 5. POSSIBILITÀ LI L-GANA TKUN IDENTIFIKATA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA KKOOPERAX

(81) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat id-dmirijiet tal-Gana bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq. Għall-fini ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 5.1. Rikorrenza ta' Bastimenti IUU u flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) (a) u (b) tar-Regolament IUU)

(82) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mil-listi tal-bastimenti IUU tal-RFMO u miġbura matul il-missjonijiet fuq il-post imwettqin fil-Gana f'Mejju u Lulju 2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-bastiment tas-sajd IUU "Yucatan Basin" elenkat taħt NAFO, SEAFO u NEAFC RFMOs ingħata l-isem ġdid "Trinity" u bħalissa huwa rreġistrat bil-bandiera tal-Gana ([20]).

(83) F'dan ir-rigward huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 94(1) u (2) tal-UNCLOS, rigward id-dmirijiet tal-Istat tal-bandiera, kull Stat tal-bandiera għandu jeżerċita b'mod effettiv il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu. Dan l-Artikolu jistabbilixxi wkoll l-obbligu li jinżamm reġistru tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. F'dan ir-rigward, fid-dawl ta' dan il-każ konkret u l-proċeduri fis-seħħ, il-Kummissjoni tqis li l-Gana mhijiex f'pożizzjoni li tipprevjeni r-reġistrazzjoni ta' bastimenti IUU bil-bandiera tagħha, u din hija indikazzjoni li l-Gana qed tonqos milli tikkonforma mar-responsabilitajiet tagħha bħala Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali.

(84) Barra minn hekk, fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-IUU mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ġabret evidenza tal-ksur ripetittiv imwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Gana bi ksur tal-miżuri tal-ICCAT dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni u wassal għan-notifika uffiċjali tal-Gana mill-UE lis-Segretarjat tal-ICCAT nhar it-23 ta' April 2013. L-UE pprovdiet lis-segretarjat tal-ICCAT bl-informazzjoni kollha ta' appoġġ li ssostni l-fatti. Il-ksur irrefera għal trasbordijiet ripetuti bil-baħar li saru minn bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-*purse seine* bil-bandiera tal-Gana fi ħdan iż-żona tal-ICCAT bi ksur tal-projbizzjoni ta' trasbord bil-baħar skont ir-regoli tal-ICCAT (Rakkomandazzjoni 12-06 tal-ICCAT). Barra minn hekk, din in-notifika uffiċjali lis-Segretarjat tal-ICCAT saħqet fuq nuqqas ta' konformità supponuta min-naħa tal-Gana mar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT dwar l-istandards minimi għall-istabiliment tal-VMS fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. Malli rċieva din l-informazzjoni, is-Segretarjat tal-ICCAT għarraf lill-awtoritajiet tal-Gana fit-30 ta' April 2013 dwar dawn in-nuqqasijiet ta' konformità possibbli mar-regoli tal-ICCAT u stieden lill-Gana sabiex tipprovdi r-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħha fuq dawn il-kwistjonijiet qabel it-18 ta' Ottubru 2013.

(85) F'dan ir-rigward, bosta purse seiners bil-bandiera tal-Gana wettqu trasbordijiet illegali ripetuti fuq il-baħar, mill-2009 sal-2012, fi ħdan iż-żona tal-ICCAT għal żewġ bastimenti trasportaturi li huma wkoll itajru l-bandiera tal-Gana. Skont ir-Rakkomandazzjoni 06-11 ([21]), il-purse seiners ma jistgħux jagħmlu trasbord fuq il-baħar ta' speċi tat-tonn fi ħdan iż-żona tal-ICCAT. Il-Kummissjoni sabet li saru trasbordijiet rikorrenti fuq il-baħħar li kisru din ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT u osservat li dawn l-operazzjonijiet irregolari kienu vvalidati mill-awtoritajiet tal-Gana fuq ċertifikati tal-qabdiet tal-Gana li jakkumpanjaw prodotti tal-ħut esportati lejn l-UE.

(86) B'mod parallel, il-Kummissjoni ġabret evidenza li turi li, qabel l-1 ta' Ottubru 2012, il-Gana qatt ma kienet imponiet fuq il-bastimenti tas-sajd tagħha għat-tonn li joperaw fiż-żona tal-ICCAT l-obbligu li jirrapportaw pożizzjonijiet ġeografiċi, għall-kuntrarju tal-paragrafi 3, 4 u 5 tar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT.

---

([18]) Għal miżuri tal-Istat tas-Suq u oħrajn korrispondenti, ara l-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni tal-FAO għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd IUU, il-paragrafi minn 65 sa 76, u l-Kodiċi tal-Kondotta tal-FAO tal-1995 għas-Sajd Responsabbli (traduzzjonijiet mhux uffiċjali), paragrafu 11(2).

([19]) Informazzjoni miksuba minn fuq http://www.nmfs.noaa.gov/ia/iuu/msra_page/2013_biennial_report_to_congress__jan_11__2013__final.pdf

([20]) Informazzjoni miksuba minn fuq http://www.neafc.org/mcs/iuu/blist u http://iuu-vessels.org/iuu/iuu/search

([21]) Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 06-11 li twaqqaf programm għat-trasbord, li skontu jridu jseħħu fil-port l-operazzjonijiet kollha ta' trasbord ta' tonn u speċi simili għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

(87) Bl-istess mod, fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU mill-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni ġabret evidenza fuq ksur IUU ripetittiv imwettaq minn bastimenti bil-bandiera tal-Gana li joperaw bla awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiżi ġirien (eż. iż-ŻEEs tat-Togo, il-Benin, il-Kosta tal-Avorju u n-Niġerja). Il-Kummissjoni osservat li l-ksur inqabad mill-Istati Membri fil-qafas tal-verifiki tagħhom tal-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-qabdiet li kienu vvalidati mill-awtoritajiet tal-Gana.

(88) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-Gana, bħala Stat tal-kosta, ma ħaditx il-miżuri xierqa fir-rigward tal-attivitajiet rikorrenti tas-sajd IUU mill-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ilmijiet marittimi tagħha jew li jużaw il-portijiet tagħha. Dawn l-attivitajiet IUU huma dokumentati kif suppost fl-aħħar tliet rapporti annwali ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komunikati mill-awtoritajiet tal-Gana lill-Kummissjoni matul il-missjoni ta' Mejju 2013.

(89) Skont l-Artikolu 31(4) (b), il-Kummissjoni analizzat anki l-miżuri meħudin mill-Gana fir-rigward tal-aċċess ta' prodotti tal-ħut li ġejjin minn sajd IUU fis-suq tagħha.

(90) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-Gana ma ħaditx miżuri xierqa fir-rigward tal-aċċess rikorrenti tal-prodotti tal-ħut li ġejjin minn sajd IUU fis-suq u l-industrija tagħha. Fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ġabret evidenza li l-prodotti tal-ħut (primarjament speċi ta' tonn) maqbudin jew trasbordati b'mod illegali fiż-żona tal-ICCAT jew fiż-ŻEE tal-pajjiżi ġirien mill-bastimenti tal-Gana u barranin nħattu fil-port ta' Tema fil-Gana, u komplew jinbiegħu minn operaturi tal-ħut tal-Gana lil kumpaniji Ganiżi, ġew ipproċessati minn impjanti Ganiżi bla ma nqabdu u nżammu milli jidħlu fil-katina tal-provvista tal-Gana mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gana.

(91) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li ntweriet ir-rikorrenza tas-sajd IUU mwettaq minn bastimenti Ganiżi u minn bastimenti li joperaw fl-ilmijiet marittimi tal-Gana.

(92) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4) tar-Regolament IUU, il-Gana naqset milli twettaq dmirijietha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti IUU u sajd IUU mwettaq jew appoġġjat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha jew miċ-ċittadini tagħha u ma ħaditx azzjoni suffiċjenti biex tiġġieled sajd IUU dokumentat u rikorrenti minn bastimenti li qabel kienu jtajru l-bandiera tagħha, u naqset milli twettaq dmirijietha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tas-suq biex iċċaħħad aċċess tal-prodotti tal-ħut li ġejjin minn sajd IUU għas-suq tagħha.

### 5.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)**

(93) Fir-rigward ta' jekk il-Gana tikkooperax b'mod effettiv mal-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE f'investigazzjonijiet ta' sajd IUU u attivitajiet assoċjati, l-evidenza miġbura mill-Kummissjoni tindika li l-Gana naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera kif stipulat fil-liġi internazzjonali.

(94) B'mod partikolari, il-Kummissjoni analizzat kif il-Gana kkooperat fil-qafas tal-proċeduri stipulati fir-Regolament IUU, kemm jekk il-Gana ħadet miżuri effettivi ta' infurzar fir-rigward ta' operaturi responsabbli għall-qbid ta' attivitajiet ta' sajd IUU kif imsemmi fil-premessi (83) sa (85) u jekk ġewx applikati sanzjonijiet ħorox biżżejjed biex iċaħħdu lil dawk li wettqu r-reati mill-benefiċċji li kisbu mis-sajd IUU.

(95) Fir-rigward kemm tal-kooperazzjoni kif ukoll tad-dmirijiet ta' infurzar tagħha, hija mfakkra s-sitwazzjoni ta' bosta bastimenti tat-tonn li jtajru l-bandiera Ganiża li joperaw bi ksur tal-miżuri tal-ICCAT dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni jew fi ksur ta' liġijiet u regolamenti nazzjonali ta' pajjiżi ġirien (b'mod partikolari, it-Togo, il-Benin, il-Kosta tal-Avorju u n-Niġerja). Fir-rigward ta' dawn il-każijiet konkreti, il-Kummissjoni ġabret evidenza li turi li l-Gana ripetutament naqset milli tipprovdi xi tweġiba jew tweġiba adegwata għal talbiet ta' assistenza mibgħuta mill-Istati Membri tal-Unjoni skont ir-Regolament dwar l-IUU. Il-Kummissjoni tqis li l-attivitajiet ta' sajd mhux awtorizzati ta' dawn il-bastimenti Ganiżi li jistadu fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Stati tal-kosta ġirien jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 62 (4) tal-UNCLOS, peress li dawn l-attivitajiet saru bla konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġijiet u r-regolamenti ta' dawk l-Istati tal-kosta. Barra minn hekk, matul il-missjoni ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Gana ma kkomunikatx il-ksur maqbud lill-Istati tal-kosta ġirien direttament ikkonċernati minn dawn l-attivitajiet ta' sajd bla liċenzji li għandhom fil-mira speċi ferm migratorji fl-ilmijiet tagħhom, u dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligi ta' kooperazzjoni tagħha skont l-Artikolu 64 tal-UNCLOS.

(96) Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni osservat li l-Gana naqset milli tikkontrolla b'mod effettiv dawn l-attivitajiet ta' sajd u naqset milli taqbad ksur rikorrenti ta' regoli internazzjonali u nazzjonali mill-bastimenti tagħha. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Gana ma kellha ebda informazzjoni fuq fejn u f'liema ibħra barranin fil-fatt joperaw il-bastimenti tas-sajd tagħha. Dawn l-elementi jkomplu juru n-nuqqas ta' ħila tal-Gana bħala Stat tal-bandiera sabiex tissorvelja u tikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tagħha, u sabiex tassumi ġurisdizzjoni fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tagħha kif stipulat fl-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(97) Huwa previst ukoll li għall-bastimenti li kienu rrapportati li ħadu sehem f'attivitajiet li xekklu l-effettività tal-miżuri tal-RFMO dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni, l-Istati Kontraenti tal-ICCAT irrikorrew għal proċeduri tal-RFMO biex jaqbdu t-tali bastimenti sakemm tittieħed azzjoni xierqa mill-Istat tal-bandiera.

(98) Lanqas il-prestazzjoni tal-Gana fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punti 34 u 44 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomandaw lill-Istati tal-bandiera sabiex jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom ma jieħdux sehem jew jappoġġjaw sajd IUU, u jistiednu lill-Istati tal-bandiera sabiex jadottaw miżuri li jiżguraw li ebda bastiment ma jitħalla jistad sakemm ma jkunx awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fi ħdan iż-żoni tal-ġurisdizzjoni nazzjonali.

(99) B'mod partikolari, matul il-missjoni li għamlet f'Mejju 2013, il-Kummissjoni ġabret evidenza li, qabel April 2013, il-Gana ma kellha ebda proċedura fis-seħħ biex tivverifika u tikkontrolla l-informazzjoni pprovduta mill-atturi ekonomiċi tal-Gana dwar l-operazzjonijiet ta' sajd koperti miċ-ċertifikati tal-qabdiet validati mill-Gana. Fuq il-bażi ta' dan l-elementi u fuq l-informazzjoni ta' sostenn ipprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Gana mhijiex f'pożizzjoni li teżerċita kontroll effettiv fuq l-attivitajiet ta' sajd tal-flotta tas-sajd tagħha u li l-Gana taffaċċja diffikultajiet kbar fl-iżgurar ta' ċertifikazzjoni affidabbli tal-prodotti tal-ħut maqbudin mill-bastimenti tas-sajd tagħha. Matul il-missjoni fuq il-post imwettqa f'Mejju 2013, il-Kummissjoni osservat li minn April 2013 ittieħdu ċerti azzjonijiet korrettivi sabiex titjieb l-affidabilità tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet. Minkejja dan, il-Kummissjoni tqis li, minħabba n-nuqqas ta' kontroll u monitoraġġ veri tal-attivitajiet ta' sajd tal-flotta tal-Gana, il-proċeduri l-ġodda stabbiliti f'April 2013 għadhom ma indirizzawx biżżejjed il-problemi ta' infurzar maqbudin.

(100) F'dan ir-rigward, il-verifiki u l-ispezzjonijiet imwettqin mill-Istati Membri fuq prodotti tal-ħut koperti minn ċertifikati tal-qabdiet tal-Gana ppermettew sabiex jinqabdu attivitajiet rikorrenti ta' sajd IUU minn bastimenti tat-tonn tal-Gana u saħqu li l-Gana vvalidat ċertifikati tal-qabdiet mingħajr verifiki u kontrolli veri tal-informazzjoni sottomessa mill-atturi ekonomiċi. B'hekk, bosta importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħut maqbudin f'kundizzjonijiet illegali minn bastimenti Ganiżi ġew rifjutati fil-fruntiera tal-Unjoni minn bosta Stati Membri tal-Unjoni.

(101) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġabret evidenza li tikkonferma li l-Gana mhijiex f'pożizzjoni li tikkoopera mal-Unjoni biex tagħti rispons fuq attivitajiet preżunti ta' sajd IUU mwettqin mill-bastimenti tagħha li joperaw fi ħdan iż-żona tal-ICCAT. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Gana ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi lill-Istati Membri tal-UE b'pożizzjonijiet ġeografiċi tal-bastimenti tas-sajd tagħha li joperaw fiż-żona tal-ICCAT għall-perjodu qabel l-1 ta' Ottubru 2012, bi ksur tar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT ([22]). Il-Kummissjoni osservat li matul il-perjodu msemmi iktar 'il fuq il-Gana ma installatx apparati VMS abbord bastimenti tas-sajd għat-tonn li joperaw fiż-żona tal-ICCAT u li l-Gana ma imponiet ebda tip ta' obbligu ta' rapportar ta' informazzjoni fuq il-bastimenti tas-sajd tagħha għall-kuntrarju tal-paragrafi 3, 4 u 5 tar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT. Din is-sitwazzjoni tispjega kif il-Gana ma kinitx f'pożizzjoni li tinvestiga, tipprovdi rispons jew tagħti segwitu kif xieraq għas-sajd IUU preżunt u attivitajiet assoċjati identifikati mill-Istati Membri tal-UE.

(102) Il-fatti msemmijin hawn fuq deskritti fil-premessi (92) sa (100) jindikaw li l-Gana, bħala Stat tal-bandiera naqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2) (b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(103) Lanqas il-prestazzjoni tal-Gana fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' Stati oħrajn ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 28 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomandaw li l-Istati jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw direttament fil-prevenzjoni, l-iskoraġġixment u l-eliminazzjoni ta' sajd IUU, b'mod partikolari, billi jiżviluppaw mekkaniżi kooperattivi li, *inter alia*, jippermettu risponsi rapidi għal sajd IUU.

(104) Lanqas il-prestazzjoni tal-Gana fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tagħha ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 24 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda li l-Istati tal-bandiera jiżguraw monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tal-attivitajiet ta' sajd. Il-Kummissjoni osservat li s-sitwazzjoni deskritta żammet lill-Gana milli tikkoopera b'mod effettiv mal-Istati Membri tal-UE. Il-Gana la kienet f'pożizzjoni li tipprovdi risponsi għat-talbiet tagħhom, u lanqas f'pożizzjoni li tinvestiga, tipprovdi rispons jew tagħti segwitu għas-sajd IUU supponut li nqabad.

(105) Minbarra dan in-nuqqas ta' kapaċità li tinvestiga, tipprovdi rispons jew segwitu għas-sajd IUU preżunt, il-Kummissjoni osservat li l-Gana naqset ukoll milli tieħu miżuri ta' infurzar u sanzjonijiet effettivi kontra bastimenti u atturi ekonomiċi involuti fil-ksur kif deskritt fil-permessi (83) sa (85). F'dan ir-rigward, matul il-missjoni fuq il-post ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni osservat

([22]) Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT dwar l-istandards minimi għat-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (traduzzjoni mhux uffiċjali).

li l-Gana waqqfet Kumitat interministerjali biex jinvestiga u jieħu azzjonijiet ta' infurzar fir-rigward tal-ksur allegat imsemmi iktar 'il fuq, iżda ma ġie osservat ebda progress konkret sa issa.

(106) Fuq il-bażi tar-regolamenti dwar is-sajd u r-rapporti annwali dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza komunikati mill-Gana għall-aħħar tliet snin, il-Kummissjoni osservat li l-Gana għandha qafas legali li jipprevedi sistema dissważiva ta' sanzjonijiet, iżda sa ftit ilu ma ġiet applikata kważi ebda sanzjoni, filwaqt li l-proċeduri ta' infurzar u prosekuzzjoni ma jħallux frott.

(107) Barra minn hekk, matul il-missjoni ta' Mejju 2013 il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-Ministeru Ganiż tal-Iżvilupp tas-Sajd u tal-Akkwakultura ma għandu ebda servizz legali inkarigat mix-xili ta' individwi jew kumpaniji responsabbli għal attivitajiet ta' sajd IUU. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-proċeduri legali fis-seħħ skont l-Artikoli 115 u 116 tal-Att tal-Gana tal-2002 dwar is-Sajd jipprovdi għall-kompetenza tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex jindirizzaw il-kontravenzjonijiet tal-liġi u r-regolamenti tas-sajd, ħlief meta b'kunsens tal-prosekutur pubbliku jkunu jistgħu jiġu applikati penali amministrattivi lil dawk li wettqu r-reati. Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-proċeduri legali tal-Gana fir-rigward tal-infurzar u s-sanzjonijiet jippreżentaw problemi importanti fl-implimentazzjoni (eż. durata eċċessiva tal-proċeduri; riżultati batuti f'termini ta' ksur maqbud u sanzjonijiet applikati). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li l-proċeduri legali kurrenti ta' infurzar u prosekuzzjoni ma jippermettux lill-awtoritajiet kompetenti tal-Gana sabiex jieħdu miżuri effettivi ta' infurzar, u b'mod partikolari ma jippermettux sabiex jiġu imposti sanzjonijiet b'mod effettiv ta' ħruxija suffiċjenti biex iċaħħdu lil dawk li wettqu r-reati mill-benefiċċji li jiksbu mis-sajd IUU.

(108) Il-fatti msemmijin hawn fuq deskritti fil-premessi (103) sa (106) jikkostitwixxu evidenza tan-nuqqas ta' ħila tal-Gana bħala Stat tal-bandiera milli teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fuq il-bastimenti tas-sajd tagħha u jindikaw li l-Gana naqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2) (b) UNCLOS, li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(109) Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mill-missjonijiet tal-Kummissjoni jista' jiġi konkluż li l-Gana ma għandhiex reġistru aġġornat. L-awtoritajiet tal-Gana rrapportaw li r-reġistru tal-pajjiż għandu 327 bastiment tas-sajd bil-bandiera Ganiża. Minkejja dan, dan in-numru ma jaqbilx mad-dejta miksuba mill-missjoni tal-Kummissjoni, hekk kif skont din id-dejta n-numru ta' bastimenti Ganiżi b'liċenzja valida tas-sajd jammonta għal 117. F'dan ir-rigward, minħabba l-inkonsistenza ċara bejn in-numru ta' bastimenti tas-sajd bil-bandiera tal-Gana u n-numru ta' bastimenti b'liċenzja tas-sajd tal-Gana, matul il-missjoni mwettqa f'Mejju 2013, l-Awtorità Marittima tal-Gana (GMA) għarfet il-bżonn li tivverifika u taġġorna r-reġistru tal-Gana tal-bastimenti tas-sajd. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-Gana naqset milli tikkonforma ma' dmirijietha bħala Stat tal-bandiera skont il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 94(2) tal-UNCLOS relatat mal-obbligu li kull Stat tal-bandiera jżomm reġistru affidabbli tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu.

(110) Lanqas il-prestazzjoni tal-Gana fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punti 36 u 38 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomandaw li l-Istati tal-bandiera jevitaw li jagħtu bandiera lil bastimenti b'imgħoddi ta' nuqqas ta' konformtià ma' miżuri dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni jew dispożizzjonijiet adottati f'livell nazzjonali, reġjonali jew globali.

(111) Lanqas il-prestazzjoni tal-Gana fir-rigward tal-miżuri effettivi ta' infurzar ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 21 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda li l-Istati jiżguraw li s-sanzjonijiet għas-sajd IUU mill-bastimenti jkunu ħorox biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv is-sajd IUU u sabiex iċaħħdu lil dawk li jwettqu r-reati mill-benefiċċji li jiksbu minn dan is-sajd. Barra minn hekk, il-Gana ma implimentatx Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni biex tiġġieled l-IUU, u b'hekk ma tikkonformax mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 25, 26 u 27 tal-IPOA dwar l-IUU.

(112) Matul il-missjoni ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-liġijiet u r-regolamenti tal-Gana ma jipprevedux l-obbligu li l-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-Gana bil-liċenzji tas-sajd tal-Gana jirrapportaw il-pożizzjonijiet tal-VMS tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Gana. Barra minn hekk, il-Gana ma teħtieġx li bastimenti barranin li joperaw fiż-ŻEE tagħha jirċievu liċenzja tas-sajd tal-Gana. Il-Kummissjoni qieset li f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gana bħala Stat tal-kosta ma tistax tiżgura kontroll u monitoraġġ effettiv fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ibħra tagħha, peress li l-VMS titqies b'mod universali bħala għodda affidabbli għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd. L-attivitajiet rikorrenti ta' sajd IUU rrapportati fir-rapporti ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komunikati mill-Gana għall-aħħar tliet snin jikkonfermaw din l-analiżi. B'mod partikolari, dawn ir-rapporti uffiċjali saħqu

li l-bastimenti industrijali jew semiindustrijali tal-Gana spiss jiġu arrestati jew penalizzati mill-awtoritajiet Ganiżi għal attivitajiet illegali tas-sajd fiż-żona riżervata għal sajjieda artiġjanali (żona b'fond inqas minn 30m). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li dan in-nuqqas ta' kontroll u monitoraġġ mill-Gana fuq dawn il-bastimenti li joperaw fl-ibħra tagħha joħloq kundizzjonijiet favorevoli għal attivitajiet ta' sajd IUU fiż-ŻEE tal-Gana.

(113) Bl-istess mod, matul il-missjoni ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni osservat li l-awtorità kompetenti tal-Gana inkarigata mill-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tal-Gana ma għandhiex il-mezzi biex twettaq operazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-baħar. Il-Kummissjoni tas-Sajd tiddependi esklussivament fuq il-mezzi loġistiċi u l-bastimenti ta' pattulja tal-Flotta Militari tal-Gana. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni tas-Sajd u l-Flotta Militari tal-Gana mhumiex biżżejjed biex jiżguraw sistema effiċjenti ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fuq l-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tal-Gana. Il-Kummissjoni tqis li dan in-nuqqas ta' mezz għal intervent fuq il-baħar ixekkel kwalunkwe sforz ta' infurzar u joħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp tal-attivitajiet verifikati ta' sajd IUU fiż-ŻEE tal-Gana.

(114) Il-Kummissjoni osservat żbilanċ qawwi bejn il-kapaċitajiet amministrattivi tal-Gana għas-sorveljanza u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti industrijali li joperaw fl-ibħra tagħha, u n-numru ta' liċenzji tas-sajd ipprovduti lil bastimenti industrijali biex joperaw fiż-ŻEE tal-Gana (117-il bastiment tas-sajd industrijali huma awtorizzati joperaw fiż-ŻEE tal-Gana minbarra 12 000 bastiment artiġjanali). Din is-sitwazzjoni tikkonferma li meta jsir tqabbil mad-daqs tal-attività tas-sajd li sseħħ fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, il-Gana ma għandhiex kapaċità ta' infurzar suffiċjenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-Gana ma adottatx Pjan Nazzjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd, fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli skont l-Artikoli 61 (2) u 62 (4) tal-UNCLOS.

(115) Minħabba l-fatti deskritti fil-premessi (111) sa (113), il-Kummissjoni tqis li l-Gana bħala Stat tal-kosta naqset milli tikkonforma ma' dmirijietha kif previst fl-Artikoli 61 (2) u 62(1) tal-UNCLOS li jistipulaw li Stat tal-kosta jrid jippromwovi l-għan ta' użu ottimali tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tiegħu, filwaqt li jikkunsidra l-aħjar evidenza xjentifika għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod partikolari billi jiżgura, permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni, iż-żamma ta' dawn ir-riżorsi ħajjin u jevita l-isfruttament eċċessiv tagħhom.

(116) Fir-rigward tal-istorja, l-għamla, iċ-ċirkustanzi, id-daqs u l-gravità tal-manifestazzjonijiet tas-sajd IUU kkunsidrati, il-Kummissjoni qieset l-attivitajiet rikorrenti u ripetittivi tas-sajd IUU tal-bastimenti bil-bandiera Ganiża sal-2013.

(117) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Gana ġiet identifikata bosta drabi mill-ittri ta' thassib tal-ICCAT, mill-2011 sal-2013, għan-nuqqas tagħha milli tikkonforma bis-sħiħ u b'mod effettiv mal-obbligi tagħha skont ir-Rakkomandazzjonijiet 09-01, 10-01 u 11-01 fuq Programm Pluriennali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni tat-Tonn obeż. Il-flotta tal-Gana li topera fiż-żona tal-ICCAT ma kkonformatx għal bosta snin mal-limiti fuq il-qabdiet ta' tonn obeż imposti mill-ICCAT u l-Gana ma ħaditx azzjoni effettiva biex issewwi s-sitwazzjoni ta' sajd sistematiku ta' tonn obeż. Il-Gana mhijiex qed tikkonforma mal-limiti tal-kwota fuq qabdiet ta' tonn obeż allokati skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Filwaqt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Gana għamlet progress biex tpatti għas-sajd eċċessiv ta' tonn obeż fis-snin imgħoddija, tosserva li l-Gana sempliċiment imblokkat l-espansjoni tal-kapaċità tas-sajd industrijali tagħha iżda ma ħadet ebda miżura biex tnaqqasha sabiex tikkonforma mar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT imsemmijin iktar 'il fuq. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li din il-kapaċità eċċessiva kontinwa tal-flotta Ganiża tas-sajd għat-tonn fl-ICCAT u s-sitwazzjoni sussegwenti ta' qabdiet eċċessivi ta' tonn obeż (b'mod partikolari fl-2008, l-2009 u l-2010) jikkostitwixxu manifestazzjoni strutturali tas-sajd IUU mwettqa mill-flotta Ganiża tas-sajd għat-tonn fiż-żona tal-ICCAT u jiksru l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 62 tal-UNCLOS dwar l-użu tar-riżorsi ħajjin.

(118) Fir-rigward tal-kapaċità eżistenti tal-awtoritajiet tal-Gana, ta' min jinnota li, skont l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem ([23]), il-Gana titqies bħala pajjiż bi żvilupp medju tal-bniedem (il-135 mill-186 pajjiż). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ([24]) fejn il-Gana tniżżlet fil-kategorija tal-pajjiżi bi dħul baxx.

(119) Minkejja l-analiżi fil-premessa (117) huwa osservat li fuq il-bażi tal-informazzjoni mill-missjoni f'Mejju 2013, jista' jitqies li l-awtoritajiet tal-Gana ngħataw biżżejjed setgħa mill-qafas legali tagħha iżda s-sistema hija primarjament nieqsa mill-istrutturi amministrattivi u organizzazzjonali neċessarji biex iħaffu l-prestazzjoni tad-dmirijiet statutorji tagħhom. Din is-sitwazzjoni tikkostitwixxi wkoll fattur li jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkooperaw ma' pajjiżi oħrajn u jwettqu azzjonijiet ta' infurzar.

(120) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) tar-Regolament IUU, li l-Gana naqset milli twettaq dmirijietha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera u tal-kosta fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

([23]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 8.

([24]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

5.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(121) Il-Gana rratifikat l-UNCLOS u iffirmat fil-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Port fl-2010. Barra minn hekk, il-Gana hija Parti Kontraenti għall-ICCAT. Il-Gana hija wkoll membru tal-FCWC, li hija korp sottoreġjonali konsultattiv tas-sajd.

(122) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha dwar il-konformità tal-Gana mad-dispożizzjonijiet tal-FCWC. F'Diċembru 2009 ġie adottat pjan ta' Azzjoni Reġjonali dwar is-sajd IUU fiż-żoni marittimi tal-pajjiżi Membri tal-FCWC (RPOA tal-FCWC). Wara l-laqgħa tal-grupp ta' ħidma dwar l-IUU tal-FCWC f'April 2010, ġew adottati ċerti azzjonijiet, b'mod partikolari fuq il-metodi ta' reġistrazzjoni tal-bastimenti, il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi Membri fl-FCWC għas-sensibilizzazzjoni, ftehim fuq il-miżuri tal-Istati tal-port u l-istabbiliment ta' lista ta' bastimenti industrijali awtorizzati f'kull pajjiż Membru fl-FCWC li għandhom jittieħdu f'livell nazzjonali ([25]). Barra minn hekk, matul l-ewwel sessjoni tal-konferenza Ministerjali tal-FCWC li saret f'Diċembru 2009, kien deċiż fid-"Dikjarazzjoni tal-Accra sabiex ikun miġġieled is-sajd Illegali, Mhux Rapportat u Mhux Regolat" li l-Pajjiżi Membri kollha fl-FCWC jaderixxu bis-sħiħ mal-IPOA.

(123) Il-Gana ma ħadet ebda pass lejn l-implimentazzjoni tal-RPOA tal-FCWC jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-ewwel laqgħa tal-grupp ta' ħidma dwar l-IUU tal-FCWC.

(124) Il-Kummissjoni analizzat kull informazzjoni li qieset relevanti fir-rigward tal-konformità tal-Gana mal-obbligu tagħha li ġej mill-istatus tagħha ta' parti kontraenti fl-ICCAT.

(125) Huwa mfakkar li fl-2010 l-ICCAT ħarġet ittra ta' Identifikazzjoni għall-Gana rigward in-nuqqasijiet fir-rapportar tagħha ([26]). F'dik l-ittra, il-Gana ġiet identifikata fir-Rakkomandazzjoni tagħha mill-ICCAT dwar il-Miżuri Kummerċjali (06-13) għan-nuqqas tagħha milli tikkonforma bis-sħiħ u b'mod effettiv mal-obbligi tagħha skont ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 05-09 dwar il-Konformità mal-Obbligi dwar ir-Rapportar Statistiku. Fl-istess ittra, l-ICCAT saħqet li l-Gana ma pprovdietx id-dejta u r-rapporti kollha neċessarji sad-dati ta' skadenza stabbiliti, bħal: dejta dwar il-"Kompitu I" u l-"Kompitu II", it-tabelli ta' konformità, informazzjoni dwar l-istandard ta' ġestjoni tal-bastimenti ta' linja twila għat-tonn fuq skala kbira. Is-Segretarjat tal-ICCAT esprima t-tħassib tiegħu dwar l-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni 08-01, speċifikament dwar il-qbid eċċessiv importanti tal-Gana ta' tonn obeż għat-tielet sena konsekuttiva. Is-Segretarjat tal-ICCAT saħaq ukoll li għad li r-Rakkomandazzjoni 09-01 irranġat il-limitu għall-qbid tat-tonn obeż tal-2010 għall-Gana, parzjalment permezz ta' trasferiment mill-Unjoni Ewropea, il-Gana kienet meħtieġa skont ir-Rakkomandazzjoni 08-01 taġġusta għall-qbid eċċessiv tal-2008 fl-2009 u/jew fl-2010. Barra minn hekk, il-Gana kienet meħtieġa tindirizza din il-kwistjoni fil-pjan ta' azzjoni meħtieġ skont ir-Rakkomandazzjoni 09-01. Intalbet tirrevedi wkoll il-proċeduri tagħha ta' ġbir u rapportar tad-dejta fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ICCAT.

(126) Fl-ittra ta' Identifikazzjoni tal-ICCAT tal-Gana maħruġa fl-2011 ([27]), l-ICCAT iddeċiediet li żżomm l-identifikazzjoni tagħha fir-Rakkomandazzjoni 06-03 dwar il-Miżuri Kummerċjali. Tabilħaqq, il-Gana kienet għadha nieqsa milli tikkonforma bis-sħiħ u b'mod effettiv mal-obbligi tagħha skont ir-Rakkomandazzjoni 05-09 tal-ICCAT dwar il-Konformità mal-Obbligi ta' Rapportar Statistiku u r-Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni fuq Programm Pluriennali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni tat-Tonn obeż (Rakkomandazzjoni 09-01). Fl-istess ittra, l-ICCAT saħqet li mill-ġdid il-Gana ma pprovdietx id-dejta u r-rapporti neċessarji kollha sad-dati ta' skadenza stabbiliti, bħal: dejta fuq il-"Kompitu I" (li jirreferi għall-karatteristiċi tal-flotta), rapport dwar l-azzjonijiet interni għall-bastimenti ta' iktar minn 20 metru, standard ta' ġestjoni tal-bastimenti ta' linja twila għat-tonn fuq skala kbira u rapporti tal-programm tad-dokumenti statistiċi tal-ICCAT. Is-Segretarjat tal-ICCAT esprima t-tħassib tiegħu ukoll fuq il-Gana li ma ħaditx azzjoni effettiva biex tikkontrolla l-qabdiet tat-tonn obeż tal-Atlantiku fi ħdan il-limiti kif speċifikat mir-Rakkomandazzjoni 08-01 u 09-01 u fuq ksur possibbli tal-limiti ta' kapaċità kif deskritti fir-Rakkomandazzjoni 04-01. Il-Gana mill-ġdid theġġet tirrevedi l-proċeduri tagħha ta' ġbir u rapportar tad-dejta fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ICCAT. Intalbet tipprovdi lis-Segretarjat tal-ICCAT pjan ta' titjib tad-dejta preliminari, inkluża b'mod partikolari informazzjoni dwar programmi ta' monitoraġġ, programmi ta' osservaturi, spezzjonijiet ta' portijiet, u programmi ta' kampjunar għas-sajd artiġjanali sabiex ikun żgurat li l-Gana tissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar tal-ICCAT kollha tagħha sad-dati ta' skadenza rispettivi. Intalbet ukoll tissottometti għand is-Segretarjat tal-ICCAT pjan preliminari ta' tpattija għall-kwota għas-sajd għat-tonn obeż tal-Gana, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-miżuri dwar it-tonn obeż adottati fl-2010 u l-informazzjoni dwar il-kapaċità tal-flotta.

([25]) Informazzjoni relevanti miksuba minn fuq il-websajt tal-FCWC http://www.fcwc-fish.org/

([26]) Ittra tal-ICCAT, 4 ta' Marzu 2010, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 592 4 ta' Marzu 2010.

([27]) Ittra tal-ICCAT, 18 ta' Jannar 2011, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 174 18 ta' Jannar 2011.

(127) Fl-ittra ta' tħassib tal-ICCAT maħruġa fl-2012 ([28]), il-Gana kienet identifikata bħala pajjiż mhux konformi bis-sħiħ u b'mod effettiv mal-obbligi tiegħu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT dwar il-Konformità mal-Obbligi ta' Rapportar Statistiku (05-09) u mar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT dwar Programm Pluriennali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni tat-Tonn obeż (04-01). Fl-istess ittra, l-ICCAT saħaq li mill-ġdid, il-Gana ma pprovdietx il-karatteristiċi tal-flotta tal-"Kompitu I" (formola ST01) u r-rapport dwar l-azzjonijiet interni fuq bastimenti ta' 20m. It-tabelli tal-konformità ġew sottomessi wara d-data ta' skadenza. Tqajmet ukoll il-kwistoni ta' qbid eċċessiv ta' pixxispad tan-Nofsinhar bi ksur tar-Rakkomandazzjoni 09-03. Fir-rigward tan-nuqqas mill-Gana milli timplimenta l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT għat-tonn obeż, il-Gana ntalbet tindirizza dawn in-nuqqasijiet, u primarjament: timplimenta miżura effettiva biex tipprojbixxi trasbord bil-baħar minn bastimenti purse seine tal-Gana; tikkonforma mad-dispożizzjonijiet dwar il-kapaċità tal-flotta tar-Rakkomandazzjonijiet 09-01 ([29]), 10-01 ([30]) u 11-01 ([31]); timplimenta l-pjan ta' kumpens għall-qbid eċċessiv ta' tonn obeż stabbilit fir-Rakkomandazzjoni 11-01; tikkoopera mal-Kosta tal-Avorju fl-ispezzjonijiet tagħha ta' bastimenti bil-bandiera tal-Gana fil-Port ta' Abidjan.

(128) Fl-ittra ta' tħassib tal-ICCAT maħruġa fl-2013 ([32]), is-Segretarjat tal-ICCAT esprima t-tħassib tiegħu li l-Gana ma għamlitx biżżejjed sforzi biex timplimenta bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni 11-01 tal-ICCAT dwar Programm Pluriennali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni għal tonn obeż u isfar. L-ICCAT irrikonoxxiet il-progress li għamlet il-Gana fil-kumpens tal-qabdiet eċċessivi tat-tonn obeż fis-snin imgħoddija iżda talbet lill-Gana tkompli bl-isforzi lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-limiti applikabbli tal-bastimenti u l-pjan ta' ġestjoni tagħha għall-qabdiet tat-tonn tan-Nofsinhar u anki fir-rapportar tad-dejta kif meħtieġ fir-Rakkomandazzjoni 11-01.

(129) Barra minn hekk, fir-rigward tal-elementi fattwali identifikati mis-servizzi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għarrfet b'ittra tat-23 ta' April 2013 lis-Segretarjat tal-ICCAT dwar l-elementi fattwali li setgħu wasslu għal nuqqas ta' konformità possibbli min-naħa tal-Gana mar-Rakkomandazzjoni 08-09 tal-ICCAT dwar il-proċess għar-reviżjoni u r-rapportar ta' informazzjoni dwar il-konformità. Is-Segretarjat tal-ICCAT għarraf lill-Gana b'ittra tat-30 ta' April 2013 ([33]) dwar in-nuqqas ta' konformità possibbli fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 12-06 tal-ICCAT dwar it-trasbord bil-baħar; rigward ir-Rakkomandazzjoni 11-16 tal-ICCAT dwar il-ftehimiet fuq l-aċċess u r-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT dwar it-trasmissjoni tal-VMS. Il-Gana kienet mistiedna tipprovdi lill-ICCAT bis-sejbiet ta' kwalunkwe investigazzjoni li ssir fir-rigward ta' dawn l-osservazzjonijiet fuq in-nuqqas ta' konformità u kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-konformità.

(130) Barra minn hekk, inkixfu numru ta' elementi matul il-missjonijiet li l-Kummissjoni għamlet fil-Gana f'Mejju u Lulju 2013. Filwaqt li l-apparati VMS iridu jkunu installati abbord bastimenti li joperaw fiż-żona tal-ICCAT (skont ir-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT), instabu problemi ta' assenza jew interruzzjoni tas-sinjal tal-VMS matul l-istaġuni tas-sajd li jikkonċernaw il-perjodu qabel Ottubru 2012. Fir-rigward tal-ħiliet operazzjonali tal-VMS, instab li l-Gana għamlet ċerti sforzi biex ittejjeb is-sistema MCS tagħha billi waqqfet Ċentru tal-VMS. Madankollu, dawn l-isfrozi ma jindirizzawx biżżejjed in-nuqqasijiet misjuba fir-rigward tal-VMS.

(131) Il-VMS abbord bastimenti Ganiżi ma tintużax kif xieraq biex jiġi vverifikat jekk l-attivitajiet ta' qbid humiex konformi mal-ambitu tal-liċenzji tas-sajd. Din is-sistema hija nieqsa mill-proċeduri u r-riżorsi amministrattivi u organizzazzjonali għall-operazzjoni tagħha: la hemm linji gwida u lanqas struzzjonijiet permanenti għall-installazzjoni tagħha; is-sistema ma tistax turi fl-istess ambjent id-dejta tal-VMS u sorsi oħrajn ta' dejta dwar il-post; ma tqis l-ebda żona protetta tas-sajd. Hemm biss punt uniku ta' aċċess għad-dejta tal-VMS li huwa disponibbli biss għat-Taqsima tal-MCS, u b'hekk servizzi Ganiżi oħrajn inklużi entitajiet amministrattivi oħrajn responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikati tal-Qabda (kemm f'Accra u f'Tema) ma għandhomx aċċess għal din id-dejta.

(132) Bl-istess mod, is-Segretarjat tal-ICCAT, minkejja li fl-2011 irrikonoxxa l-isforz tal-Gana fir-rigward tat-trasparenza fl-attivitajiet tas-sajd tagħha, esprima wkoll kwistjonijiet kbar u speċifiċi li kienu qed iħassbuh: in-nuqqas ta' VMS operazzjonali u l-persistenza ta' trasbordijiet illegali tat-tonn bil-baħar minn purse seiners Ganiżi.

(133) Fl-2012 il-Gana rċiviet xi appoġġ finanzjarju mis-Segretarjat tal-ICCAT, skont Memorandum ta' Qbil (MtQ), biex tinstalla sistema VMS ġdida sabiex tikkonforma mar-regoli tal-ICCAT f'termini ta' rapportar tal-VMS. Din is-sistema bdiet titħaddem mill-1 ta' Ottubru 2012. Madankollu, matul il-fażi ta' implimentazzjoni progressiva tal-MtQ (minn Frar sa Ottubru 2012), l-awtoritajiet tal-Gana ma imponew ebda obbligu fuq il-bastimenti tas-sajd tal-Gana li joperaw fiż-żona tal-ICCAT sabiex jirrapportaw

([28]) Ittra tal-ICCAT, 21 ta' Frar 2012, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 634 21 ta' Frar 2012.
([29]) Ir-Rakkomandazzjoni 09-01 tal-ICCAT dwar programm pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni għat-tonn obeż.
([30]) Ir-Rakkomandazzjoni 10-01 tal-ICCAT dwar programm pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni għat-tonn obeż.
([31]) Ir-Rakkomandazzjoni 11-01 tal-ICCAT dwar programm pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni għat-tonn obeż u isfar.
([32]) Ittra tal-ICCAT, 11 ta' Frar 2013, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 609 11 ta' Frar 2013.
([33]) Ittra tal-ICCAT, 30 ta' April 2013, Ċirkulari tal-ICCAT Nru 2104 30 ta' April 2013.

il-pożizzjonijiet ta' kuljum, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT dwar il-VMS u l-Artikolu 47 tar-Regolamenti nazzjonali tal-Gana tal-2010 dwar is-Sajd.

(134) Barra minn hekk, is-sistema MCS u ċ-Ċentru tal-VMS imwaqqfin mill-Gana jkopru biss il-flotta domestika tal-Gana. L-installazzjoni ta' apparat VMS mhijiex stabbilita bħala prekondizzjoni għal bastimenti ta' pajjiż terz sabiex jirċievu liċenzja tas-sajd tal-Gana. B'hekk, l-awtoritajiet tal-Gana ma jirċivux dejta tal-VMS għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ibħra tagħha, u dan joħloq kundizzjonijiet favorevoli li jwasslu għal attivitajiet ta' sajd IUU fiż-ŻEE tal-Gana. Il-Gana naqset milli tirrapporta mas-Segretarjat tal-ICCAT fuq ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-MtQ relatat mal-installazzjoni tal-VMS.

(135) Fir-rigward tas-sistema ta' osservaturi awtorizzati, il-Gana ma tikkonformax bis-sħiħ mal-iskema ta' osservaturi skont ir-Rakkomandazzjoni 10-10 tal-ICCAT dwar it-tfassil ta' standards minimi għal programmi ta' osservaturi xjentifiċi ta' bastimenti tas-sajd.

(136) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' spezzjoni tal-portijiet tal-ICCAT skont ir-Rakkomandazzjoni 97-10 tal-ICCAT, jekk il-qafas legali tal-Gana jipprovdi għal għoti ta' setgħa adegwata lill-awtoritajiet tagħha biex iwettqu dmirijiethom, minħabba n-nuqqas ta' esprejenza u taħriġ tal-ispetturi tas-sajd tal-Gana, l-iskema ta' spezzjoni tal-portijiet tal-ICCAT mhijiex implimentata jew infurzata fil-Gana.

(137) Barra minn hekk, il-Gana naqset milli taqbad ksur ripetut tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha fir-rigward tat-trasbordijiet illegali bil-baħar u attivitajiet ta' sajd mhux liċenzjati fiż-ŻEEs tal-ġirien. Minħabba n-nuqqas ta' ħiliet tal-persunal, in-nuqqas ta' skema ta' spezzjoni tal-portijiet u n-nuqqas ta' linji gwida u manwal għall-ispezzjoni, l-ispezzjonijiet fil-portijiet huma ferm batuti u ma jitwettqux b'mod effiċjenti. L-osservaturi ma jafux bir-regoli tal-ICCAT. L-ispetturi tas-sajd jiddependu fuq informazzjoni u loġistika pprovduti mill-atturi ekonomiċi li jkunu qed jiġu spezzjonati. Dawk in-nuqqasijiet jikkontribwixxu għan-nuqqas tal-Gana milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont ir-Rakkomandazzjoni 06-11 tal-ICCAT li jistabbilixxi Programm għat-Trasbord.

(138) Bl-istess mod, matul il-missjonijiet tal-Kummissjoni instab li mill-2009 sal-2012, bosta bastimenti trasportaturi u tat-tonn tal-Gana ma kinux konformi mar-Rakkomandazzjoni 06-11 tal-Gana. L-awtoritajiet tal-Gana vvalidaw ċertifikati tal-qabdiet b'operazzjonijiet ta' trasbord projbiti bil-baħar, iffirmati minn kaptani taż-żewġ bastimenti involuti. Kif spjegat fil-premessa (126), il-Gana tfakkret b'mod espliċitu, permezz ta' ittra ta' tħassib mis-Segretarjat tal-ICCAT tal-21 ta' Frar 2012 sabiex timplimenta miżuri effettivi biex tipprojbixxi trasbordijiet bil-baħar għal purse seiners Ganiżi. Kif spjegat fil-premessa (128) is-Segretarjat tal-ICCAT għarraf lill-Gana wkoll permezz ta' ittra tat-30 ta' April 2013 bin-nuqqas ta' konformità possibbli fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 12-06 tal-ICCAT dwar it-trasbordijiet bil-baħar.

(139) Wara l-ittra ta' tħassib tal-ICCAT tal-21 ta' Frar 2012 li fiha ntalbet tindirizza n-nuqqasijiet fil-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kapaċità tal-flotta skont ir-Rakkomandazzjoni 09-01, ir-Rakkomandazzjoni 10-01 u r-Rakkomandazzjoni 11-01, matul il-missjoni tagħha f'Mejju 2013 il-Kummissjoni stħarrġet dwar it-tnaqqis ta' kapaċità tas-sajd tal-Gana. Kif rikonoxxut mill-Awtorità Marittima tal-Gana, l-espansjoni tal-kapaċità tas-sajd kienet sempliċiment imblokkata, iżda ma tnaqqsitx. L-Awtorità taċċetta sostituzzjoni tal-kapaċità tal-bastimenti mormija jew imneħħija mir-reġistru tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Gana, iżda tirrifjuta milli tirreġistra bastimenti tas-sajd ġodda għat-tonn bil-bandiera tal-Gana. F'dan ir-rigward, il-Gana ma daħħlitx miżuri effiċjenti biex tiżgura tnaqqis fil-veru sens tal-kelma ta' din il-kapaċità, u b'hekk, ir-riskju ta' sajd eċċessiv tat-tonn obeż ma naqqsitux.

(140) In-nuqqas li nstab mill-missjonijiet tal-Kummissjoni ta' Mejju u Lulju 2013 u informazzjoni addizzjonali msemmija fil-premessi (129) sa (138) jipprovdu evidenza tan-nuqqas mill-Gana milli tissodisfa l-obbligu tagħha bħala Stat tal-bandiera u tal-kosta stipulat fl-Artikoli 62, 94 u 118 tal-UNCLOS.

(141) Kif spjegat fil-premessa (133) il-Gana ma tikkonformax mar-responsabbiltajiet tagħha bħala Stat tal-kosta kif stabbilit fl-Artikolu 62 (4) (e) tal-UNCLOS fir-rigward tar-rekwiżit li titlob mill-bastimenti tas-sajd li joperaw f'ibħra marittimi tagħha r-rapporti dwar il-pożizzjoni tal-VMS. It-tali nuqqasijiet fil-qafas legali domestiku lanqas ma huma konformi mal-punt 24(3) tal-IPOA li jistabbilixxi li l-Istati għandhom iwettqu monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tas-sajd sa mill-bidu tiegħu, sal-punt tal-ħatt tal-qabdiet, fid-destinazzjoni finali, inkluż bl-implimentazzjoni ta' VMS, skont l-istandards nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali relevanti, inkluż ir-rekwiżit li l-bastimenti fil-ġurisdizzjoni tagħha jġorru VMS abbord.

(142) Barra minn hekk, l-azzjonijiet imsemmijin fil-premessi (129) sa (138) ixekklu l-ħila tal-Gana sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha tal-Artikolu 94(2) (b) tal-UNCLOS li jistipula li Stat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(143) Barra minn hekk, l-elementi identifikati matul il-missjonijiet tal-Kummissjoni jikxfu li l-proċeduri tal-Gana għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti ma jqisux l-imgħoddi tal-involviment tal-bastimenti u s-sidien tagħhom fl-attivitajiet IUU. It-tali approċċ ma jikkonformax mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(144) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' forniment ta' informazzjoni dwar il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, statistiki, listi ta' bastimenti u tabelli ta' konformità jxekkel il-ħila tal-Gana sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 118 tal-UNCLOS li jistabbilixxi d-dmir ta' kooperazzjoni fost l-Istati fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żoni tal-ibħra miftuħin.

(145) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha li qieset relevanti fir-rigward tal-atti jew l-omissjonijiet possibbli mill-Gana li setgħu naqqsu l-effettività tal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali applikabbli.

(146) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-qafas legali tal-Gana jipprevedi miżuri ta' kontroll, bħal pereżempju r-regolamenti tas-sajd tal-2010 li jipprovdu l-obbligu li l-bastimenti tas-sajd tal-Gana jirċievu awtorizzazzjoni minn qabel qabel iwettqu operazzjonijiet tas-sajd f'pajjiżi barranin. F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju ta' dan il-qafas legali nazzjonali, il-Kummissjoni ossevat li l-awtoritajiet tal-Gana naqsu milli jimplimentaw dawk l-obbligi b'tali mod li naqset l-effettività tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għall-ġlieda kontra s-sajd IUU fl-2010, l-2011 u l-2012.

(147) Bl-istess mod, matul il-missjoni ta' Mejju 2013 il-Kummissjoni osservat li l-Gana ma implimentatx l-Artikolu 94 tal-Att tal-2002 dwar is-Sajd li jipprovdi għat-twaqqif ta' Unità ta' Monitoraġġ, Kontroll, Sorveljanza u Infruzar tas-Sajd bil-parteċipazzjoni tal-Aġenziji tal-Istat kollha kkonċernati. F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 95 tal-Att tal-2002 dwar is-Sajd, membri tal-persunal tal-Flotta Militari tal-Gana, il-Forzi tal-Ajru tal-Gana u tal-Istitut ta' riċerka dwar l-Ilma jistgħu jinħatru bħala uffiċjali awtorizzanti biex jinforzaw il-Liġi u r-Regolamenti dwar is-Sajd. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-Gana naqset milli timplimenta dawn id-dispożizzjonijiet b'tali mod li tilfet fl-effettività tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(148) Matul il-missjoni f'Mejju 2013, il-Kummissjoni osservat li qabel l-1 ta' Ottubru 2012 il-Gana qatt ma kienet imponiet obbligu fuq il-bastimenti tas-sajd tagħha għat-tonn li joperaw fiż-żona ICCAT sabiex jirrapportaw il-pożizzjonijiet ġeografiċi għall-kuntrarju tal-obbligi tagħha bħala Parti Kontraenti għall-ICCAT kif stipulat fil-paragrafi 3, 4 u 5 tar-Rakkomandazzjoni 03-14 tal-ICCAT. B'hekk, il-Gana naqset ukoll milli timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 42, 47, 48 u 49 tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Sajd. F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju ta' dan il-qafas legali nazzjonali, il-Kummissjoni osservat li l-Gana naqset milli timplimenta dawn id-dispożizzjonijiet b'tali mod li tilfet fl-effettività tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali applikabbli għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(149) Matul il-missjoni ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni osservat ukoll li l-Gana ma implimentatx l-Artikolu 42 tal-Att tal-2002 dwar is-Sajd u l-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Sajd li jipprovdu għall-obbligu li jiġi adottat Pjan Nazzjonali dwar il-Ġestjoni u l-Iżvilupp tas-Sajd. Skont il-liġi u r-regolamenti tal-Gana, dan il-Pjan li għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, għandu jiżgura l-użu ottimali tar-riżorsi tas-sajd u b'hekk jevita qbid żejjed, u għandu jkun konsistenti mal-prinċipji tajbin ta' ġestjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-Gana, għall-kuntrarju ta' dan il-qafas legali nazzjonali, naqset milli timplimenta dawn id-dispożizzjonijiet b'tali mod li tilfet fl-effettività tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(150) Finalment, importanti li jkun osservat li l-Gana ssemmiet ukoll fir-rapport tal-NMFS ([34]). Il-Gana ġiet identifikati għaliex naqset milli tieħu ħsieb il-bastimenti tas-sajd tagħha b'mod konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-ICCAT u b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 05-09, ir-Rakkomandazzjoni 11-01, ir-Rakkomandazzjoni 04-01, ir-Rakkomandazzjoni 11-01 u r-Rakkomandazzjoni 06-11. Barra minn hekk, l-NMFS huwa mħasseb bil-kapaċità tal-Gana li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ICCAT dwar il-limitazzjoni tal-kapaċità u biex timplimenta u tinforza b'mod effettiv projbizzjonijiet fuq trasbordijiet bil-baħar. L-NMFS jemmen ukoll li l-Gana għandha bżonn turi progress skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT billi timplimenta l-pjan maqbul ta' kumpens għall-qbid eċċessiv ta' tonn obeż u ttejjeb il-ġbir tad-dejta. Barra minn hekk, l-NMFS isejjaħ għal titjib fil-preċiżjoni tal-istimi tal-qabdiet tal-Gana sabiex titjieb il-valutazzjoni tal-IVVAT tal-istokkijiet ta' tonn obeż.

(151) Il-prestazzjoni tal-Gana fl-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali mhijiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 10 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda lill-Istati sabiex, bħala prijorità, jirratifikaw, jaċċettaw u jaderixxu fl-UNFSA. Il-Kummissjoni tqis li, fil-każ tal-Gana, li għandha flotta importanti ta' bastimenti tas-sajd attivi f'operazzjonijiet tas-sajd li jikkonċerna speċi ferm migratorji (partikolarment it-tonn fiż-żona tal-ICCAT), din ir-rakkomandazzjoni hija ta' relevanza importanti.

(152) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, il-Gana naqset milli twettaq dmirijietha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

([34]) Rapport tal-NMFS, p. 23.

### 5.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

(153) Huwa mfakkar li, skont l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem ([35]), il-Gana titqies bħala pajjiż bi żvilupp medju tal-bniedem (il-135 mill-186 pajjiż). Huwa mfakkar ukoll li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-Gana tniżżlet fil-kategorija ta' pajjiżi bi dħul baxx. Wara li qieset il-klassifikazzjoni tal-Gana, il-Kummissjoni stħarrġet jekk l-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni setgħetx tkun marbuta mal-limitazzjonijiet speċifiċi tagħha bħala pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp.

(154) Għad li jista' jkun li jeżistu limitazzjonijiet speċifiċi fil-kapaċità b'mod ġenerali fir-rigward tal-kontroll u l-monitoraġġ, il-limitazzjonijiet speċifiċi tal-Gana ġejjin mil-livell tagħha ta' żvilupp ma jistgħux jiġġustifikaw nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qafas legali nazzjonali tagħha li jirreferi għall-istrument internazzjonali biex tiġġieled, tiskoraġġixxi u telimina l-attivitajiet ta' sajd IUU. Barra minn hekk, dawk il-limitazzjonijiet ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas tal-Gana milli tinforza b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni domestika ħalli tissanzjona ksur relatat ma' sajd IUU. Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet li n-nuqqas ta' konformità ma' regoli internazzjonali jiddependi iktar fuq in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli nazzjonali tagħha u l-liġi internazzjonali. Finalment, huwa osservat li l-livell ta' żvilupp tal-Gana huwa ta' livell ogħla minn dak tal-pajjiżi f'dan ir-reġjun tad-dinja, u bħala konsegwenza loġika, dan ifisser li l-Gana tinsab f'pożizzjoni aħjar meta mqabbla ma' ħafna pajjiżi Afrikani oħrajn sabiex tissodisfa r-responsabilitajiet tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-kosta, tal-port jew tas-suq.

(155) Ta' min jinnota wkoll li l-Unjoni diġà ffinanzjat azzjoni ta' assistenza teknika speċifika fil-Gana fir-rigward tal-ġlieda kontra sajd IUU ([36]). Ma teżisti ebda evidenza li l-Gana kkunsidrat il-parir ipprovdut sabiex tirrettifika n-nuqqasijiet ikkonċernati.

(156) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni, u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31 (7) tar-Regolament IUU, ma kien hemm ebda limitazzjonijiet relevanti fl-iżvilupp f'dan il-każ. Wara li tqieset l-għamla tan-nuqqasijiet stabbiliti tal-Gana, il-livell ta' żvilupp tal-pajjiż ma jistax jiskuża jew jiġġustifika b'xi mod ieħor il-prestazzjoni ġenerali tal-Gana bħala Stat tal-bandiera jew tal-kosta fir-rigward tas-sajd u l-insuffiċjenza tal-azzjoni tagħha sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd IUU.

(157) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u fuq il-bażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha li saru mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, l-istatus tal-iżvilupp u l-prestazzjoni ġenerali tal-Gana fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekklin mil-livell ta' żvilupp tagħha.

## 6. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAL-CURAÇAO**

(158) Il-Curaçao kien parti mill-Antilli Olandiżi (Curaçao, Sint Maarten, Bonaire, Sint Eustatius u Saba) qabel l-10 ta' Ottubru 2010. L-Antilli Olandiżi ma baqgħux jeżistu mill-10 ta' Ottubru 2010. In-notifika tal-Antilli Olandiżi bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni nhar it-12 ta' Frar 2010. Il-Curaçao nnotifika lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tar-Regolament IUU nhar it-28 ta' Marzu 2011.

(159) Mill-4 sat-8 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EFCA, wettqet missjoni lejn il-Curaçao fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(160) Il-missjoni kellha l-għan li tivverifika informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-Curaçao għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar ta' liġijiet, regolamenti u miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd tiegħu jridu jikkonformaw magħhom, miżuri meħudin mill-Curaçao sabiex jimplimenta l-obbligi tiegħu fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u sabiex jissodisfa r-rekwiżiti u l-punti li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-Unjoni ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet.

(161) Ir-rapport tal-missjoni ntbagħat lir-rappreżentanti tal-Curaçao fit-8 ta' Marzu 2013.

(162) Missjoni sussegwenti tal-Kummissjoni f'Curaçao saret bejn it-3 u s-6 ta' Ġunju 2013.

(163) Fil-5 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ssottomettiet osservazzjonijiet bil-miktub fuq is-sitwazzjoni stabbilita fil-pajjiż.

(164) Il-Curaçao pprovda kummenti b'ittra riċevuta fil-31 ta' Lulju 2013.

(165) Il-Curaçao huwa Membru tal-ICCAT Mhux Kontraenti li Kkoopera. Il-Curaçao rratifika l-UNCLOS.

(166) Sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-Curaçao mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta u tas-suq stabbiliti mill-UNCLOS u l-ICCAT, il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni relevanti kollha għall-fini ta' dan l-eżerċizzju.

---
([35]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 8.
([36]) Li takkumpanja lil pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-konformità mal-Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, EuropeAid/129609/C/SER/Multi.

(167) Fuq din in-nota, il-Kummissjoni użat informazzjoni miksuba minn dejta disponibbli ppubblikata mill-RFMOs, f'dan il-każ l-ICCAT. Barra minn hekk, fl-evalwazzjoni tal-konformità tal-Curaçao mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq kif ukoll il-prestazzjoni tal-Curaçao rigward ir-regoli stipulati mill-RFMOs, il-Kummissjoni osservat ukoll l-intenzjoni tal-Curaçao, iddikjarat matul il-missjoni tal-Kummissjoni f'Ġunju 2013, li jiżviluppa s-sajd internazzjonali tiegħu sabiex isiru membru sħiħ tal-ICCAT.

## 7. POSSIBILITÀ LI L-CURAÇAO JKUN IDENTIFIKAT BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA KKOOPERAX

(168) Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, analizzat ir-responsabilitajiet tal-Curaçao bħala Stat tal-bandiera, tal-port jew tal-kosta. Għall-fini ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 7.1. Rikorrenza ta' Bastimenti IUU u flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) (a) tar-Regolament IUU)

(169) Rigward bastimenti IUU bil-bandiera tal-Curaçao, huwa osservat li, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mil-listi ta' bastimenti tal-RFMOs, ma hemm ebda bastimenti bħal dawn f'listi provviżorji jew finali IUU u ebda evidenza ta' każijiet imgħoddija ta' bastimenti IUU bil-bandiera tal-Curaçao li jippermettu lill-Kummissjoni tanalizza l-prestazzjoni tal-Curaçao fir-rigward tal-attivitajiet rikorrenti ta' sajd IUU. Minkejja dan, ta' min jinnota li, fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mill-Kummissjoni, seħħew bosta inċidenti ta' allegati attiviatjiet IUU ta' żewġ bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Curaçao. B'mod speċifiku, fl-2011, il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku (MED) kien notifikat mill-gvernijiet tal-Ġappun u New Zealand li bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Curaçao kien qed jaqbad speċi ta' kelb il-baħar demersali billi juża għeżula (gill-nets) tal-ilma fond fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd tal-Baħar Miftuħ fl-Oċean Paċifiku tan-Nofsinhar (SPRFMO). L-użu ta' għeżula tal-ilma fond kien projbit f'dik iż-żona skont il-miżuri maqbulin fl-Att Finali tal-Konsultazzjonijiet Internazzjonali dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Reġjonali Proposta għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (l-Att Finali) tal-2009 ([37]). Barra minn hekk, iċ-ċertifikati tal-qabdiet kienu vvalidati għal dan il-bastiment mill-Curaçao għall-perjodu inkwistjoni. Il-Curaçao fetaħ proċedura investigattiva rigward il-bastiment u ħa miżuri ta' prekawzjoni biex iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu fiż-żona tas-sajd tal-konvenzjoni tal-SPRFMO. Madankollu, ma ġiet imposta ebda sanzjoni fuq il-bastiment. Bħala konklużjoni, billi aġixxa bil-mod imsemmi hawn fuq, il-Curaçao kiser l-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS.

([37]) Informazzjoni miksuba minn fuq: http://www.southpacificrfmo.org/assets/Convention-and-Final-Act/2272942-v1-SPRFMOSignedFinalAct.pdf

### 7.2. Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)

(170) Il-Kummissjoni analizzat jekk il-Curaçao ħax miżuri effettivi ta' infurzar fir-rigward tal-operaturi responsabbli għas-sajd IUU u jekk ġew applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti biex iċaħħdu lil dawk li wettqu r-reati mill-benefiċċji li kisbu mis-sajd IUU.

(171) Il-missjonijiet tal-Kummissjoni li saru f'Marzu u Ġunju 2013 fil-Curaçao stabbilixxew numru ta' elementi li kixfu nuqqas ta' konformità fil-prestazzjoni tal-Curaçao meta esegwixxa r-rwol tiegħu ta' Stat tal-bandiera. B'mod partikolari, id-dmir tal-Istat tal-bandiera jinkludi obbligu li jeżerċita b'mod effettiv il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu fi kwistjonijiet amministrattivi, tekniċi u soċjali fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, kif previst mill-Artikolu 94 tal-UNCLOS u r-regoli tal-IPOA dwar l-IUU. Il-missjonijiet tal-Kummissjoni msemmijin hawn fuq identifikaw problemi importanti rigward il-ħiliet tal-Curaçao fil-qasam tas-sistema ta' mmaniġġjar tas-sajd u l-flotta, rigward il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-miżuri u l-proċeduri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza.

(172) L-ewwel nett, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba matul il-missjonijiet tal-Kummissjoni f'Marzu u Ġunju 2013, kien stabbilit ukoll li hemm sistema ta' sanzjonijiet insuffiċjenti kontra attivitajiet IUU li mhumiex effettivi fl-iżgurar ta' konformità u ma jiskoraġġixxux ksur kull meta jseħħ u ma jċaħħdux lil dawk li jwettqu r-reati mill-benefiċċji li jiksbu mill-attiviatjiet illegali tagħhom.

(173) It-tieni, il-missjonijiet sabu nuqqasijiet importanti fl-iskema ta' traċċabilità tal-Curaçao. Tabilħaqq, kif kien stabbilit mill-bosta verifiki tad-dokumenti li saru fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Curaçao mhumiex f'pożizzjoni li jiżguraw it-traċċabilità fl-istadji kollha tal-attivitajiet ta' sajd: qbid, trasbordijiet, ħatt tal-qabdiet, trasport, esportazzjoni u negozjar.

(174) It-tielet, il-kontroll tal-Curaçao fuq il-flotta ta' distanza twila tagħha fih nuqqasijiet sostanzjali. Il-kontroll fuq din il-flotta u l-qabdiet tagħha huma r-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku (MED) li huwa responsabbli wkoll mill-ħruġ, is-sospensjoni u l-irtirar tal-liċenzji tas-sajd. Il-Curaçao ma għandu ebda FMC. Minħabba l-karatteristiċi tekniċi tal-flotta ta' distanza twila tal-Curaçao, il-kapaċitajiet ta' kontroll tal-Curaçao fuq l-imġiba tal-flotta ta' distanza twila tagħha u l-issodisfar tal-obbligi u r-regoli juru nuqqasijiet sostanzjali

f'termini amministrattivi, organizzazzjonali u tekniċi. Għad li l-purse seiners tal-Curaçao huma mgħammrin b'mezzi moderni ta' trasmissjoni, il-funzjonalitajiet limitati tas-softwer VMS installat fil-bini tal-MED flimkien ma' sistema bbażata fuq karti għall-ġbir tad-dejta ma jippermettux li jsiru verifiki u bilanċi tal-livell neċessarju tad-dejta sottomessa.

(175) Ir-raba', l-awtoritajiet tal-Curaçao ma jiżgurawx monitoraġġ kontinwu tad-dejta VMS riċevuta. Rigward id-dgħjufijiet tekniċi u operazzjonali, is-softwer li jintuża biex tinqara u tinġabar id-dejta tal-VMS għandu funzjonalitajiet limitati. Il-bastimenti ta' appoġġ huma mgħammrin b'VMS u għandom jittrasmettu dejta b'mod sistematiku, filwaqt li l-bastimenti trasportaturi huma mgħammrin b'VMS, iżda huma obbligati jittrasmettu dejta biss kull meta jġorru ħut.

(176) Il-ħames, matul il-missjonijiet tagħha f'Marzu u Ġunju 2013, il-Kummissjoni osservat li l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni rigward ir-rapportar ta' dejta bejn il-bastimenti ta' distanza twila bil-bandiera tal-Curaçao u l-awtoritajiet kompetenti tal-Curaçao huma insuffiċjenti biex jiżguraw li hemm sistema ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza effiċjenti fuq l-attivitajiet tas-sajd. Dan l-element juri n-nuqqas ta' ħila tal-Curaçao bħala Stat tal-bandiera biex jissorvelja u jikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tiegħu u jassumi ġurisdizzjoni fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Prestazzjoni bħal din tal-Curaçao fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tiegħu lanqas ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 24 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda sabiex l-Istati tal-bandiera jiżguraw monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tal-attivitajiet tas-sajd.

(177) Is-sitt, ir-riżorsi umani neqsin, in-nuqqas ta' verifika tal-preċiżjoni tad-dejta mibgħuta mill-bastimenti ta' kuljum, kif ukoll l-ineżistenza ta' proċeduri ta' verifika speċifikati u verifika ddedikata fil-linji gwida jew manwali tal-proċeduri għal uffiċjali tal-MED, jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali tal-Curaçao bħala Stat tal-bandiera, speċjalment meta jitqies l-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Bl-istess mod, il-Curaçao naqas milli jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-IPOA dwar l-IUU, b'mod partikolari l-punt 34.

(178) Fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessi (173) sa (176) il-Curaçao naqas milli juri li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(2) (b) tal-UNCLOS li jistipulaw li l-Istat tal-bandiera jassumi ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu.

(179) Il-Curaçao naqas ukoll milli jikkonforma mal-obbligi legali internazzjonali tiegħu li ġejjin mill-Artikolu 118 tal-UNCLOS, li jirregola l-kooperazzjoni tal-Istati fil-konservazzjoni u l-immaniġġjar ta' riżorsi ħajjin. Jiġifieri, in-nuqqas ta' Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd stabbilit formalment, li jopera fuq bażi permanenti u li jippreżenta punt uniku ta' kuntatt, jirrappreżenta xkiel serju għall-kooperazzjoni effiċjenti ma' pajjiżi terzi li huma involuti fit-trasbord u l-ħatt tal-qabdiet ta' speċi tat-tonn operati minn bastimenti tal-Curaçao.

(180) Għalhekk, il-Curaçao naqas milli juri li jikkoopera u jikkoordina attivitajiet ma' Stati oħrajn fil-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd IUU bil-mod stipulat fil-punt 28 tal-IPOA dwar l-IUU, b'mod partikolari l-punt 28(6), li jistipula li l-Istati għandhom jiżviluppaw mekkaniżmi kooperattivi li, *inter alia*, jippermettu li jsiru risponsi rapidi għas-sajd IUU.

(181) Fir-rigward tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet, matul il-missjonijiet tal-Kummissjoni ta' Marzu u Ġunju 2013, kien innotat li s-sistema ta' ġestjoni għall-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabdiet fil-Curaçao tippreżenta ċerti lakuni. Il-Curaçao vvalida ċertifikati tal-qabdiet mingħajr verifiki u kontrolli veri tal-informazzjoni li jsiru mill-awtoritajiet tal-Curaçao fuq il-post, xi ħaġa li tmur kontra r-rekwiżiti stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni 09-11 tal-ICCAT ([38]). Barra minn hekk, ġie identifikat nuqqas assolut ta' kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-Curaçao mal-Istati tal-qabdiet (jiġifieri l-Kosta tal-Avorju, is-Senegal, il-Gana). L-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet hija bbażata biss fuq kontrolli tad-dokumenti. Il-movimenti tal-bastimenti fil-baħar jistgħu jkun sorveljati permezz tal-VMS iżda s-sistema bażika tal-movimenti tal-bastimenti ma tippermettix sabiex tinġabar dejta storika u ma toħroġx twissijiet. Dawn il-fatturi juru nuqqas tal-Curaçao milli jikkonforma mar-regoli stipulati mill-Artikoli 118 u 119 tal-UNCLOS.

(182) Fir-rigward tal-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabdiet, m'hemmx għad-dispożizzjoni mezzi oħrajn ta' kontrolli minbarra l-VMS. B'hekk, għall-bastimenti li jistadu b'mod permanenti barra l-ilmijiet tal-Curaçao u li jħottu l-qabdiet jew jittrasbordaw ħafna mill-qabdiet fil-Kosta tal-Avorju u l-Angola, l-awtoritajiet tal-Curaçao joqogħdu biss fuq ir-rapportar tal-operaturi. Ma jsir ebda kontroll fil-portijiet tal-ħatt tal-qabdiet jew tat-trasbord. Barra minn hekk, ma hija stabbilita ebda kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-ħatt tal-qabdiet jew tat-trasbord.

([38]) Rakkomandazzjoni 09-11 tal-ICCAT: Rakkomandazzjoni mill-ICCAT li temenda r-rakkomandazzjoni 08-12 dwar programm tal-ICCAT ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn blu

(183) Il-Curaçao ma żviluppax sistema ta' rapportar tal-qabdiet li tiżgura r-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha f'ħin reali, u lanqas ma żviluppa skema ta' ġurnal elettroniku ta' abbord. Għalhekk, naqas milli jara li jkun hemm kontroll u traċċabilità sħaħ, kontroverifiki effiċjenti ta' pożizzjonijiet VMS, qabdiet fil-ħatt, informazzjoni dwar il-qabdiet fil-ħatt u trasbordijiet. B'hekk, il-prestazzjoni tal-Curaçao f'din il-kwistjoni mhijiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-punt 28 tal-IPOA dwar l-IUU.

(184) Mis-7 ta' Ottubru 2010 id-Digriet Nazzjonali dwar is-Sajd fl-Ibħra Miftuħin (*Landsbesluit visserij op volle zee* - PB Nru109) sar il-liġi dwar is-sajd fil-Curaçao li tirregola s-settur internazzjonali tas-sajd. Id-Digriet Nazzjonali tal-2010 jistabbilixxi l-iskema internazzjonali tal-liċenzji. It-test legali jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-operazzjoni ta' trasbord, l-obbligi ta' rapportar u l-VMS.

(185) Id-Digriet Nazzjonali dwar is-Sajd tal-1991 (*Visserijlandsverordening*) huwa l-liġi bażika nazzjonali dwar is-sajd li tipprovdi regoli u regolamenti dar is-sajd fl-ibħra territorjali tal-Curaçao u ż-żona tas-sajd tiegħu.

(186) Fir-rigward tal-qafas legali u amministrattiv tal-Curaçao, il-missjonijiet tal-Kummissjoni f'Marzu u Ġunju 2013 sabu li hemm nuqqasijiet fl-istrutturi u s-sistemi stabbiliti tal-Curaçao. Jiġifieri, ma hemm ebda reġistru ta' ksur u sanzjonijiet stabbiliti mill-Curaçao li jiffaċilita l-proċess ta' verifika tal-attivitajiet IUU preċedenti tas-sidien tal-bastimenti. Il-livell ġenerali ta' sanzjonijiet u multi amministrattivi mhuwiex suffiċjenti u b'hekk ma jikkostitwixxix skema ta' sanzjonijiet koerenti u li tiskoraġġixxi. Skont is-sottomissjoni tal-Curaçao, il-leġiżlazzjoni tiegħu ma fihiex miżuri għal infurzar amministrattiv. Għalhekk, mhuwiex possibbli li tinħareġ multa amministrattiva għal individwi responsabbli għal ksur IUU jew għall-gvern tal-Curaçao biex jieħu miżuri ta' prevenzjoni u ta' infurzar. Billi aġixxa b'dan il-mod deskritt hawn fuq, il-Curaçao naqas milli jikkonforma mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(187) Matul il-missjonijiet ta' Marzu u Ġunju 2013 tal-Kummissjoni u wara s-sottomissjoni tal-Curaçao, il-Kummissjoni osservat li, minkejja n-nuqqas rikonoxxut tal-qafas legali u amministrattiv tal-Curaçao, l-awtoritajiet kompetenti tal-Curaçao naqqsu milli jieħdu azzjonijiet biex jibdew il-proċeduri neċessarji dwar l-adattament ta' Kodiċi tal-Kondotta dwar l-IUU u r-reviżjoni tal-liġi tal-Curaçao dwar is-Sajd.

(188) Għaldaqstant, l-evidenza li l-Kummissjoni sabet li l-prestazzjoni tal-Curaçao fir-rigward ta' miżuri effettivi ta' infurzar lanqas ma hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-punt 21 tal-IPOA dwar l-IUU, li jirrakkomanda li l-Istati jiżguraw li s-sanzjonijiet għsa-sajd IUU mill-bastimenti huma ħorox biżżejjed sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv is-sajd IUU u jċaħħdu mill-benefiċċji li ġejjin minn tali sajd.

(189) Fir-rigward tal-kapaċità eżistenti tal-awtoritajiet tal-Curaçao, ma hemm ebda informazzjoni fuq il-livell ta' żvilupp tal-Curaçao fl-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem. Madankollu, skont l-Indikatur tal-Bank Dinji tal-Iżvilupp tad-Dinja ([39]), il-Curaçao jitqies bħala pajjiż bi dħul ta' livel għoli. Wara li ġiet ikkunsidrata l-pożizzjoni tiegħu, ma tqiesx li hemm bżonn li tiġi analizzata l-kapaċità eżistenti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Curaçao.

(190) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mill-missjonijiet tal-Kummissjoni f'Marzu u Ġunju 2013, ma jistax jingħad li l-awtoritajiet tal-Curaçao huma neqsin minn riżorsi finanzjarji. Iktar huma neqsin mill-ambjent u s-setgħat legali u amministrattivi neċessarji biex iwettqu dmirijiethom. Barra minn hekk, ta' min jisħaq li l-Kummissjoni, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-IPOA dwar l-IUU fil-punti 85 u 86 li jagħtu pariri fuq rekwiżiti speċjali tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, assistiet lill-Curaçao fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-IUU permezz ta' programm speċifiku ta' assistenza teknika ffinanzjat mill-Kummissjoni ([40]).

(191) Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal hawn fuq, huwa konkluż li skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) (b) u (d) tar-Regolament IUU, il-Curaçao naqset milli twettaq dmirijietha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

### 7.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(192) Il-Curaçao rratifika l-UNCLOS. Barra minn hekk, il-Curaçao huwa Parti Mhux Kontraenti li Kkooperat tal-ICCAT mis-17 ta' Novembru 2010.

(193) Bil-għan li tiġi spjegata iktar l-implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali mill-Curaçao, ta' min jinnota li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, f'isem l-Antilli Olandiżi, irratifika l-UNCLOS fl-2007 u li l-istrumenti leġiżlattivi kollha adottati mill-Antilli Olandiżi qabel l-10 ta' Ottubru 2010 huma infurzati fil-Curaçao.

(194) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha li qieset relevanti fir-rigward tal-istatus tal-Curaçao bħala Parti Mhux Kontraenti li Kkooperat tal-ICCAT. Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-informazzjoni kollha li qieset relevanti fir-rigward tal-ftehim tal-Curaçao biex tapplika miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-ICCAT.

(195) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni disponibbli mill-ICCAT fuq il-prestazzjoni tal-konformità. Għal din, il-Kummissjoni użat it-Tabelli ta' Sommarju tal-Konformità tal-ICCAT ([41]).

---

([39]) Informazzjoni miksuba minn fuq: http://data.worldbank.org/country/CW; Din l-informazzjoni ntużat minflok l-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 meta ma jissemmiex il-Curaçao.

([40]) Li jakkumpanja lil pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-konformità mal-Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, EuropeAid/129609/C/SER/Multi, 13 sas-27 ta' Ġunju 2011.

([41]) L-Appendiċi 3 għall-ANNESS 10 tal-Proċedimenti tat-18-il Laqgħa Speċjali tal-ICCAT minn Jannar 2013, Rapport għall-Perjodu Biennali 2012-2013, PARTI I (2012), Vol. 1).

(196) Fir-rigward tal-2012, il-Kumitat tal-Miżuri ta' Konservazzjoni u Ġestjoni tal-ICCAT (COC) identifika l-Curaçao għan-nuqqas tiegħu milli jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jikkomunika rapporti, statistiki u dejta lill-ICCAT filħin. Fit-tabelli ta' sommarju tal-Konformità tar-Rapport tal-laqgħa tas-COC ([42]), il-Curaçao ġie identifikat għal sottomissjoni tard jew inkompluta tad-dokumenti li ġejjin: karatteristiċi tal-flotta tal-Kompitu I rigward ir-Rapporti/Statistiki Annwali; azzjonijiet interni (bastimenti 20m+) rigward il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni; informazzjoni dwar il-ftehimiet ta' aċċess; rapport dwar it-trasbord; it-tabelli ta' konformità rigward kwoti u limiti fuq il-qabdiet. In-nuqqasijiet ta' konformità msemmijin hawn fuq mar-regoli u r-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT (l-iktar ir-Rakkomandazzjoni 11-12 tal-ICCAT), flimkien mal-elementi l-oħrajn enfasizzati fit-Taqsimiet 7.1 u 7.2 ta' din id-Deċiżjoni, juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi tal-Curaçao bħala Stat tal-bandiera relatati mal-miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni, kif stipulat fl-Artikoli 117 u 118 tal-UNCLOS.

(197) Fir-rigward tal-politika dwar il-flotta, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-bastimenti industrijali kollha tal-Curaçao huma proprjetà ta' barranin u għall-Curaçao huwa biss possibbli li jidentifika s-sid benefiċjarju tal-bastiment. Il-Kummissjoni temmen li l-eżistenza ta' informazzjoni dwar il-koordinati tas-sidien benefiċjarji ma tirrappreżentax prova biżżejjed ta' eżistenza ta' rabta ġenwina bejn l-Istat tal-bandiera u l-bastimenti, u tqis din is-sitwazzjoni bħala waħda mhux konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati għan-nazzjonalità tal-bastimenti fl-Artikolu 91 tal-UNCLOS.

(198) Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba matul il-missjonijiet ta' Marzu u Ġunju 2013, huwa stabbilit li r-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd li joperaw fl-Ibħra Miftuħin issir minn awtorità waħda (l-Awtorità Marittima tal-Curaçao – MAC), filwaqt li, fl-istess ħin, il-ġestjoni u l-monitoraġġ kollha qed isiru minn awtorità oħra (il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku – MED). L-eżistenza ta' taqsima tal-funzjonijiet bħal dawn teħtieġ koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti. Matul il-missjonijiet tagħha f'Marzu u Ġunju 2013, il-Kummissjoni osservat li ma teżisti ebda kooperazzjoni bħal din bejn il-MAC u l-MED. L-elementi identifikati matul il-missjonijiet tal-Kummissjoni msemmijin hawn fuq juru wkoll li l-proċeduri tal-Curaçao għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti ma jqisux l-imgħoddi tal-involviment tal-bastimenti u s-sidien tagħhom fl-attivitajiet IUU. Instab li l-awtoritajiet kompetenti tal-Curaçao, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, ma jagħmlu ebda verifika tal-imgħoddi tal-bastiment jew fuq xi involviment potenzjali tal-bastiment f'attivitajiet IUU. Dan jikkostitwixxi nuqqas tal-Curaçao li tissodisfa r-rekwiżiti rigward ir-reġistrazzjoni jew l-għoti ta' bandiera lill-bastimenti stabbiliti mir-Riżoluzzjoni 05-07 tal-ICCAT, u mhuwiex konformi mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Il-prestazzjoni tal-Curaçao fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-bastiment tas-sajd lanqas ma hija konformi mar-rakkomandazzjoni fil-punti 36 u 38 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda li l-Istati tal-bandiera jevitaw milli jtajru bastimenti b'imgħoddi ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri jew dispożizzjonijiet ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati f'livell nazzjonali, reġjonali jew globali. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-Curaçao deskritta hawn fuq rigward ir-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd mhijiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-punt 39 tal-IPOA dwar l-IUU li jirrakkomanda li l-Istati jieħdu l-passi prattikabbli kollha, inkluż ir-rifjut ta' għoti ta' awtorizzazzjoni lil bastiment sabiex jistad u l-intitolament li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat, li jipprevjenu "bidliet ħesrem ta' bnadar"; jiġifieri l-prattika ta' bidliet ripetuti u mgħaġġlin tal-bandiera ta' bastiment sabiex jevita miżuri jew dispożizzjonijiet ta' konservazzjoni u ġestjoni.

(199) Minbarra dan ta' hawn fuq, flimkien mar-reġistru nazzjonali, il-Curaçao jopera wkoll reġistru ta' bastimenti vojta li jippermetti lill-bastimenti b'bandiera oħra sabiex itajru b'mod temporanju l-bandiera tal-Curaçao. Ta' min jinnota li l-awtoritajiet tal-Curaçao, fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' bastiment mhux mill-Curaçao fir-reġistru tal-bastimenti vojta tal-Curaçao, sempliċiment jgħarrfu lill-Istat tal-bandiera l-ieħor. F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet tal-Curaçao ma jwettqux verifiki oħrajn fuq l-operaturi u/jew is-sidien benefiċjarji tal-bastimenti. Ta' min jinnota wkoll li kien hemm każijiet fejn il-bastimenti trasportaturi bil-bandiera tal-Curaçao kienu rreġistrati mal-ICCAT minn pajjiż ieħor (il-Filippini), bla notifika lill-awtoritajiet tal-Curaçao. Bħala konklużjoni, prattika bħal din tal-Curaçao mhijiex konformi mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS li jistipula li r-responsabilitajiet tal-Istati tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti li jtajru l-bnadar tagħhom. F'dan ir-rigward huwa osservat li l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema tat-Trasport (ITF) tqis il-Curaçao bħala bandiera ta' konvenjenza ([43]).

(200) Fl-aħħar, ta' min jinnota wkoll li l-Curaçao ma żviluppax Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni kontra s-sajd IUU għall-kuntrarju tar-rakkomandazzjonijiet fil-punt 25 sa 27 tal-IPOA dwar l-IUU.

(201) Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal hawn fuq huwa konkluż li l-Curaçao, skont l-Artikolu 31(3) u 31(6) tar-Regolament IUU, naqas milli jwettaq dmirijietu skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

([42]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 41.

([43]) Informazzjoni miksuba minn fuq: http://www.itfglobal.org/flags-convenience/flags-convenien-183.cfm

### 7.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

(202) Huwa mfakkar li l-Curaçao mhuwiex imniżżel fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, li jikklassifika l-Istati skont il-livell ta' żvilupp tagħhom, u lanqas ma hemm xi informazzjoni fuq il-livell ta' żvilupp tal-Curaçao fl-Indiċi tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp tal-Bniedem. Għall-kuntrarju, skont l-Indikatur tal-Bank Dinji tal-Iżvilupp tad-Dinja mill-2013 ([44]), il-Curaçao jitqies bħala pajjiż bi dħul għoli.

(203) Wara li ġew ikkunsidrati s-sejbiet tal-missjonijiet u l-Indikatur tal-Bank Dinji tal-Iżvilupp tad-Dinja tal-Curaçao, il-pożizzjoni tiegħu ma setgħetx titqies bħala waħda ta' pajjiż b'limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin direttament mil-livell ta' żvilupp tiegħu. Ma ġiet stabbilita ebda evidenza sostnuta li tissuġġerixxi li n-nuqqas tal-Curaçao milli jwettaq dmirijietu skont il-liġi internazzjonali huwa r-riżultat ta' nuqqas ta' żvilupp. Bl-istess mod, ma teżisti ebda evidenza konkreta li torbot in-nuqqasijiet stabbiliti fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attiviatjiet ta' sajd man-nuqqas tal-kapaċitajiet u ħiliet tal-infrastruttura.

(204) Ta' min jinnota wkoll li l-Kummissjoni diġà ffinanzjat, fl-2011, azzjoni speċifika ta' assistenza teknika fil-Curaçao fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU ([45]). Ma teżisti ebda evidenza li l-Curaçao ikkunsidra l-parir ipprovdut sabiex jirrettifika n-nuqqasijiet ikkonċernati.

(205) Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal hawn fuq huwa konkluż, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus ta' żvilupp u l-prestazzjoni ġenerali tal-Curaçao fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekklin mil-livell ta' żvilupp tiegħu.

## 8. **KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBILITÀ TA' IDENTIFIKAZZJONI TAL-PAJJIŻI TERZI LI MA KKOOPERAWX**

(206) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqin hawn fuq fir-rigward tan-nuqqas tal-Curaçao, il-Gana u l-Korea milli jwettqu dmirijiethom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq u sabiex jieħdu azzjoni biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU, dawk il-pajjiżi għandhom jiġu notifikati, b'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi li l-Kummissjoni tqis bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(207) B'konformità mal-Artikolu 32(1) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Curaçao, il-Gana u l-Korea bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-Curaçao, il-Gana u l-Korea. Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandu jkun stabbilit perjodu fiss li fih dawk il-pajjiżi jistgħu jwieġbu bil-miktub għan-notifika u jirrettifikaw is-sitwazzjoni.

(208) Barra minn hekk, in-notifika lill-Curaçao, il-Gana u l-Korea bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi li l-Kummissjoni tqis li ma kkooperawx għall-fini ta' din id-Deċiżjoni la tipprekludi u lanqas ma tinvolvi b'mod awtomatiku xi pass sussegwenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill għall-fini ta' identifikazzjoni u t-tfassil ta' lista ta' pajjiżi li ma kkooperawx.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Curaçao, ir-Repubblika tal-Gana u r-Repubblika tal-Korea huma nnotifikati bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma kkooperawx fil-ġlieda kontra sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Maria DAMANAKI
*Membru tal-Kummissjoni*

([44]) Informazzjoni miksuba minn fuq: http://data.worldbank.org/country/CW
([45]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 40.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.7089 – Ackermans & Van Haaren/Aannemingsmaatschappij CFE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 346/04)

1. Fit-18 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Ackermans & van Haaren NV ("AvH", il-Belġju) jakkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Aannemingsmaatschappij CFE NV ("CFE", il-Belġju) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AvH hija kumpanija diversifikata kkwotata fil-borża, b'attivitajiet fit-tħammil u l-inġinerija marittima, il-kostruzzjoni, is-servizzi bankarji privati, il-proprjetà immobbli, id-divertiment u l-kura tal-anzjani, l-enerġija u r-riżorsi, l-ICT u l-inġinerija, il-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, il-midja u l-istampar, u l-fondi ta' investiment,

— CFE huwa grupp multidixxiplinjarju kkwotat fil-borża, attiv f'konċessjonijiet ta' sħubija pubblika privata fil-kostruzzjoni, il-proprjetà immobbli, it-tħammil u l-inġinerija marittima, l-infrastruttura tal-ferrovija u tat-toroq, l-elettriċità terzjarja, it-tisħin, il-ventilazzjoni, l-arja kundizzjonata, il-faċilitajiet sanitarji ("HVAC"), il-manteniment elettriku u tal-HVAC, u t-trattament tad-duħħan.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7089 – Ackermans & Van Haaren/Aannemingsmaatschappij CFE, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.7070 – Gestamp Eolica/Banco Santander/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 346/05)

1. Fit-18 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Gestamp Eolica S.L. (Spanja) ikkontrollata minn Corporación Gestamp, S.L. (Spanja), u Banco Santander SA (Spanja) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża konġunta ġdida ("JV", Spanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Gestamp Eolica: l-iżvilupp, l-iffinanzjar, il-bini u l-ġestjoni madwar id-dinja ta' faċilitajiet tal-enerġija tat-teknoloġija bir-riħ,

— għal Banco Santander: kumpanija azzjonarja ta' grupp internazzjonali ta' kumpaniji bankarji u finanzjarji li joperaw madwar id-dinja,

— għal JV: it-tħaddim fl-Ewropa ta' proġetti tal-enerġija tat-teknoloġija bir-riħ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7070 – Gestamp Eolica/Banco Santander/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.6962 – Renova Industries/Schmolz + Bickenbach)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 346/06)

1. Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Renova Industries Ltd. ("Renova", il-Bahamas) għandha l-intenzjoni li takkwista, permezz tas-sussidjarja indiretta li hija kompletament proprjetà tagħha, Venetos Holding AG ("Venetos"), fi ħdan it-tifsira tal- Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Schmolz + Bickenbach AG ("S + B", l-Isvizzera) permezz ta' ftehim tal-azzjonisti.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal Renova: grupp privat kummerċjali li jikkonsisti minn kumpaniji li jiġġestixxu l-assi u minn fondi ta' investimenti tal-portafoll diretti li huma proprjetarji ta' assi fis-setturi tal-metall, tal-industrija minerarja, il-kostruzzjoni tal-magni, l-iżvilupp tal-kostruzzjoni, l-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet, in-nanoteknoloġji, l-utilitajiet u dak finanzjarju, u jiġġestuhom, fir-Russija, fl-Ewropa, l-Afrika t'Isfel u l-Istati Uniti,

— Għal S+B: il-manifattura, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' prodotti speċjali tal-azzar twil, inkluż azzar tal-inġinerija u tal-qtugħ liberu, azzar inossidabbli, u azzar għall-għodod.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6962 – Renova Industries/Schmolz + Bickenbach, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT